# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI KOKOTT ippreżentati fl-14 ta' April 2011[1]

## Werrej


I — Introduzzjoni ........ I - 10337

II — Il-fatti li wasslu għall-kawża ........ I - 10338

III — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ........ I - 10340

IV — Fuq it-talbiet għal annullament tas-sentenza appellata ........ I - 10341

A — Fuq ċerti kwistjonijiet ġuridiċi marbuta mal-applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE (is-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' aggravju) ........ I - 10341

1. Osservazzjonijiet preliminari ........ I - 10341

2. Fuq id-definizzjoni tas-suq ġeografiku rilevanti (is-sitt aggravju) ........ I - 10342

(a) L-ewwel parti tas-sitt aggravju ........ I - 10342

(b) It-tieni parti tas-sitt aggravju ........ I - 10344

(c) Fuq xi argumenti oħra mqajma fil-kuntest tas-sitt aggravju ........ I - 10345

(d) Riżultat intermedjarju ........ I - 10346

3. Fuq il-pożizzjoni dominanti ta' Solvay (is-seba' aggravju) ........ I - 10346

(a) Fuq ir-riferimenti li saru minn Solvay fis-sitt aggravju tagħha ........ I - 10347


1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

(b) Fuq l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti fis-swieq nazzjonali differenti (it-tieni parti tas-seba' aggravju) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . I - 10347

(i) Fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali illimitat l-eżami tagħha għal ishma tas-suq biss . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . I - 10347

(ii) Fuq l-allegat nuqqas ta' risposta għal diversi osservazzjonijiet ta' Solvay . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . I - 10348

(iii) Fuq l-allegat nuqqas ta' prova sufficjenti ta' ishma fis-suq . . . . . . I - 10349

(c) Fuq l-allegata eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali (it-tielet parti tas-seba' aggravju) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . I - 10349

(i) Fuq ir-rekwiżiti applikabbli għall-motivazzjoni tas-sentenza appellata . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . I - 10349

(ii) Fuq ir-rekwiżiti applikabbli għall-motivazzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . I - 10350

(iii) Fuq l-allegat ksur tal-Artikolu 102 TFUE (Artikolu 82 KE) . . . . . I - 10351

(d) Riżultat intermedjarju . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . I - 10351

4. Fuq l-abbuż ta' pożizzjoni dominanti minn Solvay (it-tmien u d-disa' aggravji) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . I - 10351

(a) Fuq l-iskont għal "grupp" mogħti lil Saint-Gobain (it-tmien aggravju) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . I - 10351

(i) Fuq l-argument ibbażat fuq in-nuqqas ta' esklużivitŕ . . . . . . . . . . I - 10352

(ii) Fuq l-argument ibbażat fuq id-dgħjufija tal-iskont għal "grupp" I - 10354

(iii) Fuq l-argument ibbażat fuq in-nuqqas ta' effett fuq il-kompetizzjoni . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . I - 10355

(iv) Riżultat intermedjarju . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . I - 10356

(b) Fuq in-natura diskriminatorja tal-prattiki ta' Solvay (id-disa' aggravju) . . . . I - 10356

(i) L-ewwel parti tad-disa' aggravju . . . . I - 10356

— Fuq l-allegat żnaturament tal-osservazzjonijiet bil-miktub ta' Solvay . . . . I - 10356

— Fuq l-iżball fil-mertu . . . . I - 10357

(ii) It-tieni parti tad-disa' aggravju . . . . I - 10361

— Fuq l-allegat żnaturament tal-osservazzjonijiet bil-miktub ta' Solvay . . . . I - 10361

— Fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni . . . . I - 10361

(iii) Riżultat intermedjarju . . . . I - 10363

B — Fuq il-projbizzjoni li jintużaw provi miġbura waqt l-ispezzjoni li twettqet f'April 1989 (it-tieni aggravju) . . . . I - 10363

1. Ammissibbiltà tat-tieni aggravju . . . . I - 10363

2. Il-mertu tat-tieni aggravju . . . . I - 10364

(a) Fuq l-ewwel u t-tieni parti tat-tieni aggravju [ksur tal-Artikoli 14(3) u 20(1) tar-Regolament Nru 17] . . . . I - 10364

(b) Fuq it-tielet parti tat-tieni aggravju (ilment ibbażat fuq żnaturament tal-fatti) . . . . I - 10367

(c) Riżultat intermedjarju . . . . I - 10368

C — Fuq id-drittijiet tad-difiża (it-tielet, ir-raba' u l-ħames aggravji) . . . . I - 10368

1. Fuq id-dritt ta' aċċess għall-fajl (it-tielet u r-raba' aggravji) . . . . I - 10369

(a) Ammissibbiltà tat-tielet u r-raba' aggravji . . . . I - 10371

(b) Fuq il-partijiet mill-fajl li ma setgħux jiġu kkonsultati ħlief fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali (ir-raba' aggravju) .................... I - 10372

(i) L-ewwel parti tar-raba' aggravju ............................ I - 10372

(ii) It-tieni parti tar-raba' aggravju ............................ I - 10375

(iii) Riżultat intermedjarju ...................................... I - 10377

(c) Fuq it-telf ta' parti mill-fajl (it-tielet aggravju) .................... I - 10377

2. Fuq id-dritt għal smigħ (il-ħames aggravju) ........................... I - 10381

(a) L-ewwel parti tal-ħames aggravju ............................... I - 10381

(b) It-tieni parti tal-ħames aggravju ............................... I - 10382

(c) Konklużjoni intermedjarja ...................................... I - 10386

D — Fuq il-prinċipju tat-terminu raġonevoli (l-ewwel aggravju) ................ I - 10386

1. Rekwiżiti dwar l-evalwazzjoni tat-tul tal-proċeduri (l-ewwel u t-tieni parti tal-ewwel aggravju) .............................................. I - 10386

(a) Fuq il-kwistjoni preliminari tan-natura allegatament ineffettiva tal-ilmenti mqajma minn Solvay ................................. I - 10387

(b) Fuq il-bżonn ta' evalwazzjoni globali tat-tul tal-proċedura (l-ewwel parti tal-ewwel aggravju) ...................................... I - 10387

(c) Fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni invokat (it-tieni parti tal-ewwel aggravju) ..................................................... I - 10389

2. Sanzjonijiet marbuta ma' tul eċċessiv tal-proċedura (it-tielet, ir-raba' u l-ħames partijiet tal-ewwel aggravju) ............................... I - 10390

(a) Bżonn li tiġi affettwata l-kapaċitŕ ta' difiża effettiva (it-tielet parti tal-ewwel aggravju) ........................................... I - 10390

(b) Effett tat-tul tal-proċeduri fuq il-kapaċità ta' Solvay li tiddefendi ruħha fil-każ inkwistjoni (ir-raba'parti tal-ewwel aggravju) ........ I - 10393

(i) Fuq l-allegat nuqqas ta' motivazzjoni ........ I - 10394

(ii) Fuq l-allegat nuqqas fil-mertu ........ I - 10394

(iii) Fuq xi lmenti oħra ........ I - 10396

(iv) Riżultat intermedjarju ........ I - 10396

(c) Fuq l-allegata rinunzja minn Solvay għal tnaqqis tal-multa (il-ħames parti tal-ewwel aggravju) ........ I - 10396

3. Riżultat intermedjarju ........ I - 10398

E — Annullament tas-sentenza appellata ........ I - 10398

F — Eżami tar-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza ........ I - 10399

1. Fuq id-dritt ta' aċċess għall-fajl ........ I - 10399

2. Fuq id-dritt għal smigħ ........ I - 10400

3. Fuq il-prinċipju ta' terminu raġonevoli ........ I - 10400

4. Riżultat intermedjarju ........ I - 10403

V — Fuq it-talbiet għal tnaqqis tal-multa ........ I - 10403

A — Osservazzjonijiet preliminari ........ I - 10404

B — Tnaqqis tal-multa ........ I - 10406

1. Fuq it-tul eċċessiv tal-proċeduri amministrattivi u kontenzjużi ........ I - 10406

2. Fuq l-ammont tat-tnaqqis tal-multa ........ I - 10409

VI — Spejjeż ........ I - 10411

VII — Konklużjoni ........ I - 10412

## I — Introduzzjoni

1. Fid-dawl ta' din il-kawża, jista' jkun hemm dubju dwar jekk huwiex minnu li ż-żmien ifejjaq kollox, kif jgħid il-qawl. Din il-kawża ilha quddiem l-awtoritajiet amministrattivi u l-qrati Ewropej iktar minn 20 sena. Diversi ġenerazzjonijiet ta' avukati ddedikawlha ruħhom. Dokumenti mill-fajl intilfu u l-proċeduri ġudizzjarji ilhom ikarkru għal snin sħaħ.

2. Din il-kawża bdiet fis-snin tmenin. Il-Kummissjoni Ewropea ressqet ilment kontra l-impriża Belġjana Solvay partikolarment peress li din abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq tas-soda [2] bejn l-1983 u l-1990. Minħabba f'hekk il-Kummissjoni kienet immultat lil Solvay darbtejn, fl-1990 u fl-2000, liema multa Solvay għadha tikkontesta sal-lum quddiem il-qorti.

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tiddeċiedi għat-tieni darba fuq appell f'din il-kawża. Fil-preżent, minbarra numru ta' punti oħra, il-partijiet fil-kawża ma jaqblux fuq żewġ kwistjonijiet legali ta' importanza fundamentali, jiġifieri d-dritt ta' aċċess għall-fajl u l-prinċipju ta' terminu raġonevoli.

4. Solvay teċċepixxi minn naħa ksur tad-drittijiet tagħha tad-difiża minħabba li ma ngħatatx aċċess għall-fajl. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab tesprimi ruħha fuq il-konsegwenzi li għandhom jintrabtu mal-fatt li l-Kummissjoni tilfet parti mill-fajl amministrattiv tagħha.

5. Solvay issostni minn naħa l-oħra li t-tul tal-proċeduri amministrattivi u kontenzjużi kien eċċessiv fil-każ inkwistjoni. Dan jimplika ksur tad-dritt fundamentali għal deċiżjoni f'terminu raġonevoli li għandu jkun is-suġġett ta' rimedju effettiv.

6. L-ilment dwar tul eċċessiv tal-proċedura huwa wkoll invokat minn Solvay, b'mod paralleli mal-appell preżenti, fir-rikors quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), indirizzat kontra s-27 Stat Membru kollha u bbażat fuq allegat ksur

2 — Il-karbonat tas-soda jinsab kemm fin-natura bħala trona minerali (soda naturali), jew jista' jinkiseb bi proċess kimiku (soda sintetika). Is-soda naturali tinkiseb bit-tħin, purifikazzjoni u kalċinazzjoni tat-trona minerali. Is-soda sintetika hija r-riżultat tar-reazzjoni bejn il-melħ ordinarju u l-ġebla franka permezz tal-proċess "ammonia — soda", maħluq mill-aħwa Solvay fl-1863.

tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali[3] (iktar 'il quddiem il-"KEDB")[4].

## II — Il-fatti li wasslu għall-kawża

7. Kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali[5], f'April 1989, abbażi tal-Artikolu 14 tar-Regolament 17[6], il-Kummissjoni wettqet spezzjonijiet fil-bini ta' diversi impriżi li kienu joperaw fis-suq tas-soda, fosthom l-impriża Belġjana Solvay[7]. Il-Kummissjoni barra minn hekk għamlet talbiet għal informazzjoni lill-impriżi kkonċernati.

8. Bħala riżultat tal-ispezzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni ressqet ilment kontra Solvay, minn naħa, li kienet ipparteċipat f'akkordji, u min-naħa l-oħra, li kienet abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq tal-karbonat tas-soda.

9. Din il-kawża tirrigwarda biss il-każ ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti kkonstatat mill-Kummissjoni[8]. Minħabba f'hekk, il-Kummissjoni imponiet multa fuq Solvay, fl-1990, fl-ewwel deċiżjoni taħt id-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 86 tat-Trattat KEE u tar-Regolament Nru 17 (Deċiżjoni 91/299/KEE)[9], fl-ammont ta' EUR 20 miljun[10], li f'dak iż-żmien kien jirrappreżenta ammont pjuttost elevat. Din l-ewwel deċiżjoni kienet madankollu kkaratterizzata minn difett marbut ma' nuqqas ta' awtentikazzjoni tagħha, b'mod li din ġiet annullata mill-Qorti Ġenerali[11].

3 — Iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950.

4 — Ir-rikors ta' Solvay quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijet tal-Biedem ġie ppreżentat fis-26 ta' Frar 2010 u jinsab anness mar-rikors tal-appell tal-imsemmija impriża fil-kawża preżenti.

5 — Ara, f'dan ir-rigward, u fir-rigward tal-punti li ġejjin, il-punti 19 sa 59 tas-sentenza appellata.

6 — Regolament tal-Kunsill Nru 17, tas-6 ta' Frar 1962, l-ewwel Regolament li jimplementa l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 3)

7 — L-impriża Solvay (li assumiet id-drittijiet tal-impriżi Solvay u Cie SA) hija impriża b'responsabbiltà limitata Belġjana, attiva fis-setturi tal-farmaċewtika, tal-kimika, tal-plastik u tal-ipproċessar. Minbarra Solvay, l-ispezzjonijiet kienu jirrigwardaw ukoll lill-impriżi AKZO, Chemische Fabrik Kalk (CFK), Imperial Chemical Industries (ICI), Matthes & Weber, u Rhône Poulenc. Dawn l-ispezzjonijiet saru abbażi ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' April 1989 dwar spezzjoni li kellha ssir, li estratt minnha huwa riprodott fil-punt 19 tas-sentenza appellata.

8 — Rigward is-sħubija ta' Solvay f'akkordju, ikkonstata mill-Kummissjoni, nirreferi għall-konklużjonijiet tiegħi mogħtija llum fil-kawża paralleli pendenti Solvay vs Il-Kummissjoni (C-110/10 P).

9 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/299/KEE, tad-19 ta' Diċembru 1990, dwar proċedura skont l-Artikolu 86 tat-Trattat KEE (IV/33.133-C: Karbonat tas-soda — Solvay) (ĠU L 152, p. 21) (iktar 'il quddiem "l-ewwel deċiżjoni li imponiet multa"). Din id-deċiżjoni kienet biss waħda minn erba' deċiżjonijiet indirizzati fl-istess jum mill-Kummissjoni lill-impriżi li kienu joperaw fis-suq tas-soda. Minn fost id-deċiżjonijiet l-oħra, waħda hija indirizzata lil Solvay u ICI (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/297/KEE, tad-19 ta' Diċembru 1990, li tirrigwarda proċedura skont l-Artikolu 85 tat-Trattat KEE [IV/33.133-A: Karbonat tas-soda - Solvay, ICI, ĠU L 152, p. 1]), oħra fil-konfront ta' Solvay u CFK (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/298/KEE, tad-19 ta' Diċembru 1990, dwar proċedura skont l-Artikolu 85 tat-Trattat KEE [IV/33.133 B: Karbonat tas-soda - Solvay, CFK, ĠU L 152, p. 16]), u l-aħħar waħda fil-konfront ta' ICI (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/300/KEE, tad-19 ta' Diċembru 1990, dwar proċedura skont l-Artikolu 86 tat-Trattat KEE [IV/33.133-D: Karbonat ta' soda — ICI, ĠU L 152, p. 40]).

10 — Dakinhar ECU 20 miljun.

11 — Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Ġunju 1995, Solvay vs Il-Kummissjoni (T-32/91, Ġabra p. II-1825), ikkonfermata b'sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' April 2000, Il-Kummissjoni vs Solvay (C-287/95 P u C-288/95 P, Ġabra p. I-2391).

Il-Kummissjoni kienet għalhekk adottat it-tieni deċiżjoni, mingħajr ma fetħet proċedura amministrattiva[12] u, b'mod partikolari, mingħajr ma semgħet mill-ġdid lil Solvay, din id-darba abbażi tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 82 KE u tar-Regolament Nru 17, billi imponiet multa mill-ġdid fuq Solvay fl-istess ammont (Deċiżjoni 2003/6/KE)[13]. Din l-aħħar deċiżjoni hija l-oriġini ta' din il-kawża.

10. Fl-ewwel istanza, ir-rikors għal annullament ippreżentat minn Solvay kontra d-Deċiżjoni 2003/6 ntlaqgħa biss b'mod limitat ħafna: bis-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2009, il-Qorti Ġenerali kienet ċertament naqqset l-ammont tal-multa b'5 %, billi rriduċietha għal EUR 19-il miljun, iżda kienet ċaħdet il-kumplament tat-talba ta' Solvay bħala infondata[14]. Dan l-appell ta' Solvay[15] huwa intiż kontra din is-sentenza li l-Qorti Ġenerali ħadet xejn inqas minn tmien snin u disa' xhur sabiex tiddeċiedi dwarha.

12 — Punt 455 tas-sentenza appellata.

13 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/5/KE, tat-13 ta' Diċembru 2000, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 tat-Trattat KE (COMP/33.133 — B: Karbonat tas-soda — Solvay, CFK) (ĠU L 10, p. 1, iktar 'il quddiem imsejħa wkoll id-"deċiżjoni ikkontestata" jew ukoll it-"tieni deċiżjoni li imponiet multa"). F'dak l-istess jum, il-Kummissjoni kienet ukoll tat id-deċiżjoni 2003/6/KE, tat-13 ta' Diċembru 2000, dwar proċedura skont l-Artikolu 82 tat-Trattat KE (COMP/33.133 — C: Karbonat tas-soda — Solvay) (ĠU L 10, p. 1O) li hija l-oriġini tal-kawża paralleli Solvay vs Il-Kummissjoni li tat lok għal rikors ieħor pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (C-109/10 P).

14 — Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 2009, Solvay vs Il-Kummissjoni (T-57/01, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, Ġabra p. II-4621). Fl-istess jum, il-Qorti Ġenerali tat ukoll is-sentenza tagħha fil-kawża parallella Solvay vs Il-Kummissjoni (T-58/01, iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, Ġabra p. II-4781); din tal-aħħar hija s-suġġett tal-appell fil-kawża Solvay vs Il-Kummissjoni, ukoll pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (C-110/10 P).

15 — Iktar 'il quddiem imsejħa wkoll l-"appellanti".

11. Il-kronoloġija tal-fażijiet suċċessivi prinċipali ta' din il-kawża jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

— *Proċedura amministrattiva sal-adozzjoni tal-ewwel deċiżjoni li imponiet multa*

April 1989: Spezzjonijiet fuq il-post mill-Kummissjoni

Marzu 1990: Dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet

Diċembru 1990: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/299 li imponiet multa

— *Proċedura kontenzjuża li wasslet għall-annullament tal-ewwel deċiżjoni li imponiet multa*

Mejju 1991: Rikors għal annullament ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali minn Solvay (T-32/91)

Ġunju 1995: Annullament tad-Deċiżjoni 91/299

Awwissu 1995: Appell tal-Kummissjoni (C-288/95 P)

April 2000: Appell miċħud

— *Proċedura amministrattiva sal-adozzjoni tat-tieni deċiżjoni li imponiet multa*

Diċembru 2000: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/6 li imponiet multa

— *Proċedura kontenzjuża wara l-adozzjoni tat-tieni deċiżjoni li imponiet multa*

Marzu 2001: Rikors għal annullament ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali minn Solvay (T-57/01)

Diċembru 2009: Sentenza appellata tal-Qorti Ġenerali (T-57/01)

Marzu 2010: Preżentazzjoni ta' dan l-appell minn Solvay (C-109/10 P)

## III — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

12. F'din il-proċedura ta' appell, Solvay titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza mogħtija fis-17 ta' Diċembru 2009;

— għalhekk, terġa' teżamina r-rikors fuq il-punti annullati u tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2000, fl-intier tagħha jew parzjalment, skont il-portata tal-aggravji mqajma;

— tannulla l-multa ta' EUR 19-il miljun jew, inkella, tnaqqasha sostanzjalment bħala kumpens għad-dannu gravi subit mir-rikorrenti minħabba t-tul straordinarju tal-proċedura;

— tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas l-ispejjeż tal-proċedura tal-appell kif ukoll tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

13. Il-Kummissjoni titlob, min-naħa tagħha, li l-Qorti tal-Ġustizzja:

— tiċħad l-appell u

— tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

14. Wara l-proċedura bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja saret seduta għas-sottomissjonijiet orali fit-18 ta' Jannar 2011. Din kienet seduta komuni għall-Kawżi C-109/10 P u C-110/10 P.

## IV — Fuq it-talbiet għal annullament tas-sentenza appellata

15. Solvay titlob primarjament l-annullament tas-sentenza appellata billi b'kollox tinvoka disa' aggravji. Jiena miniex ser neżamina dawn l-aggravji fl-istess ordni li qegħdin fl-appell: il-kwistjonijiet legali marbutin mal-applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE ser jiġu eżaminati fl-ewwel lok (ara iktar 'l isfel, taħt A.), il-problemi ta' ordni proċedurali ser jiġu diskussi sussegwentement (ara iktar 'l isfel, taħt B. u Ċ.), u l-evalwazzjoni ġuridika ser issir permezz tal-aggravji relatati mad-dritt għal deċiżjoni f'terminu raġonevoli (ara iktar 'l isfel, taħt D.).

16. Għalkemm il-modalitajiet tal-proċedura f'din il-kawża kienu għadhom irregolati mid-dispożizzjonijiet antiki tar-Regolament Nru 17, il-kwistjonijiet legali mqajma żammew ir-rilevanza kollha tagħhom anki wara l-modernizzazzjoni tar-regoli tal-proċedura fil-qasam tal-akkordji bis-saħħa tar-Regolament (KE) 1/2003 [16].

### A — *Fuq ċerti kwistjonijiet ġuridiċi marbuta mal-applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE (is-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' aggravju)*

17. Bis-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' aggravju tagħha, Solvay tqajjem numru ta' mistoqsijiet marbutin mal-applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE fil-każ inkwistjoni.

#### 1. Osservazzjonijiet preliminari

18. Qabel ma nindirizzaw l-aggravji ta' Solvay, jeħtieġ li jsiru żewġ kummenti qosra, fuq naħa fuq id-dispożizzjonijiet tal-mertu applikabbli u fuq naħa oħra dwar ir-rilevenza ta' wħud mill-pożizzjonijiet adottati mill-Kummissjoni fuq is-suġġett tal-politika tal-kompetizzjoni.

19. L-ewwel nett, f'dak li jirrigwarda id-dispożizzjonijiet tal-mertu applikabbli, Solvay tirreferi esklużivament għall-Artikolu 102 TFUE. Issa, ladarba għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest ġuridiku fis-seħħ fil-mument li ngħatat id-deċiżjoni kkontestata, jidhirli li huwa preferibbli li jsir riferiment għall-Artikolu 82 KE [17]. Dan lanqas ma jimmodifika b'xi mod l-evalwazzjoni ġuridika tal-appell, ladarba

16 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2. p. 205). Dan ir-Regolament huwa applikabbli b'effett mill-1 ta' Mejju 2004, kif anki jirriżulta mit-tieni sentenza tal-Artikolu 45 tiegħu.

17 — Ladarba d-deċiżjoni kkontestata ttieħdet f'Diċembru 2000, din għandha tiġi rregolata bit-Trattat KE fil-verżjoni tiegħu fit-Trattat ta' Amsterdam (iffirmat fit-2 ta' Ottubru 1997 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 1999).

iż-żewġ dispożizzjonijiet huma essenzjalment identiċi, għal dak li jinteressana hawnhekk.

20. Fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni fuq is-suġġett tal-politika tal-kompetizzjoni, Solvay tibbaża ruħha diversi drabi, fl-appell tagħha, fuq dikjarazzjoni tal-2009 msejħa "Linji Gwida dwar il-prijoritajiet ta' infurzar tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 82 tat-Trattat KE għal imġiba esklużjonarja abbużiva minn impriżi dominanti" [18].

21. Din id-dikjarazzjoni ma għandhiex tittieħed inkunsiderazzjoni għall-iskop ta' evalwazzjoni ta' dan l-appell. Il-mod li bih fil-futur il-Kummissjoni tippjana l-politika tagħha tal-kompetizzjoni dwar l-Artikolu 102 TFUE (qabel l-Artikolu 82 KE) ma għandu ebda rilevanza. Fil-fatt, minn naħa, orjentazzjonijiet ġodda possibbli fl-applikazzjoni tal-imsemmi Artikolu 82 KE ma jistax ikollhom importanza ħlief għal deċiżjonijiet futuri, iżda mhux għall-evalwazzjoni legali ta' deċiżjoni li tkun diġà ttieħdet. Minn naħa l-oħra, anki f'każ ta' modifika fil-prassi amministrattiva tagħha, il-Kummissjoni ntrabtet tkompli taġixxi fil-kuntest li jimponu fuqha t-trattati kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja [19].

2. Fuq id-definizzjoni tas-suq ġeografiku rilevanti (is-sitt aggravju)

22. Is-sitt aggravju, li jirreferi għall-punti 252 sa 259 tas-sentenza appellata, jikkritika r-raġunament adottat mill-Qorti Ġenerali dwar id-definizzjoni tas-suq ġeografiku rilevanti.

23. Solvay essenzjalment tilmenta li l-Qorti Ġenerali ma mmotivatx is-sentenza appellata biżżejjed: minn naħa l-motivi tas-sentenza ma humiex ċari u huma kontradittorji (l-ewwel parti tas-sitt aggravju); min-naħa l-oħra, l-imsemmija motivi ma humiex suffiċjenti u ma jirrispondux għal diversi argumenti żviluppati mir-rikorrenti fl-ewwel istanza (it-tieni parti tas-sitt aggravju). Dan l-aggravju huwa għalhekk prinċipalment ibbażat fuq ksur tal-obbligu impost fuq il-Qorti Ġenerali li timmotiva s-sentenzi tagħha suffiċjentement skont il-liġi (dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 36 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja).

(a) L-ewwel parti tas-sitt aggravju

24. L-ewwel parti tas-sitt aggravju toriġina minn ċerta konfużjoni ta' terminoloġija fid-deċiżjoni kkontestata. F'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni iddefinixxiet is-suq ġeografiku rilevanti bħala li kien

18 — ĠU C 45, p. 7.

19 — Ara, fuq dan il-punt, il-konklużjonijiet tiegħi tat-23 ta' Marzu 2006 fil-kawża British Airways vs Il-Kummissjoni (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Marzu 2007, C-95/04 P, Ġabra p. I-2331) fil-punt 28.

"il-Komunità (bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda)" [20], iżda tirreferi wkoll għall-"Ewropa Oċċidentali", għall-"Ewropa tal-Punent", kif ukoll għal "Komunità" [21]. Li kieku l-Kummissjoni użat terminoloġija ċara u uniformi fid-deċiżjoni appellata, mingħajr dubju l-qrati tal-Unjoni ma kienx ikollhom għalfejn jeżaminaw l-argumenti skambjati fuq dan is-suġġett.

25. Solvay issostni li s-sentenza appellata ma tippermettix li wieħed jifhem jekk il-Qorti Ġenerali kkunsidratx li l-kunċetti ta' "Komunità", "Komunità, bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda", "Ewropa Oċċidentali" u "Ewropa tal-Punent" humiex sinonimi jew kontradittorji.

26. Dan l-aggravju ma jreġġix għal eżami f'iktar dettall.

27. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni ta' sentenza għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-Qorti Ġenerali, b'mod li tippermetti lill-partijiet ikkonċernati jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tad-deċiżjoni li tittieħed u lill-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-istħarriġ tagħha [22].

28. Mill-qari tal-punti 251 sa 254 tas-sentenza appellata, jirriżulta b'mod ċar u inekwivoku li l-Qorti Ġenerali ma wettqet *ebda* distinzjoni fuq il-mertu bejn il-kunċetti differenti.

29. Fl-analiżi tagħha, il-Qorti Ġenerali ħadet bħala punt tat-tluq id-definizzjoni tas-suq ġeografiku rilevanti mogħti mill-Kummissjoni, jiġifieri l-"Komunità, minbarra r-Renju Unit" [23]. Fil-kuntest tal-proċedura fl-ewwel istanza, il-Qorti Ġenerali kienet, barra minn hekk, talbet lill-Kummissjoni tikkonfermalha li r-riferimenti għall-"Ewropa Oċċidentali", għall-"Ewropa tal-Punent" u għall-"Komunità" f'partijiet differenti tad-deċiżjoni kkontestata kienu jirreferu għall-istess suq ġeografiku, jiġifieri l-"Komunità, bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda" [24]. Il-Qorti Ġenerali kienet fuq kollox sostniet li d-definizzjoni tas-suq ġeografiku rilevanti bħala l-"Komunità, eskluż ir-Renju Unit u l-Irlanda" fil-premessa 136 tad-deċiżjoni appellata ma kienx "f'kontradizzjoni ma' premessi oħra tad-deċiżjoni" [25].

30. Is-sentenza appellata tinkludi għalhekk motivazzjoni ċara u ħielsa minn kontradizzjonijiet fuq il-punt ikkontestat minn Solvay. Huwa permissibbli għal Solvay li tikkunsidra bħala żbaljata, fil-mertu, l-analiżi tal-Qorti Ġenerali rigward is-suq ġeografiku rilevanti. Iżda, il-fatt biss li l-Qorti Ġenerali

20 — Premessa 136 tad- deċiżjoni kkontestata, iċċitata fil-punt 251 tas-sentenza appellata.

21 — Ara l-premessi ċċitati fil-punt 253 tas-sentenza appellata.

22 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Mejju 1998, Il-Kunsill vs de Nil u Impens (C-259/96 P, Ġabra p. I-2915, punti 32 u 33); tas-17 ta' Mejju 2001, IECC vs Il-Kummissjoni (C-449/98 P, Ġabra p. I-3875, punt 70); tat-2 ta' April 2009, France Télécom vs Il-Kummissjoni (C-202/07 P, Ġabra p. I-2369, punt 29), u tal-14 ta' Ottubru 2010, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni (C-280/08 P, Ġabra p. I-9555, punt 136).

23 — Punt 251 tas-sentenza appellata.

24 — Punti 252 u 253 tas-sentenza appellata.

25 — L-ewwel sentenza tal-punt 254 tas-sentenza appellata.

kienet, fil-mertu, waslet għal konklużjoni differenti mir-rikorrenti ma huwiex biżżejjed sabiex jirrendi s-sentenza appellata nieqsa minn motivazzjoni [26]. Għalhekk l-aggravju bbażat fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jistax jirnexxi.

(b) It-tieni parti tas-sitt aggravju

31. Fit-tieni parti tas-sitt aggravju, Solvay tikkritika lill-Qorti Ġenerali li ma spjegatx ir-raġunijiet li wassluha tikkunsidra li s-swieq nazzjonali kienu rilevanti għall-evalwazzjoni tagħha tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ma kinitx irrispondiet għal diversi argumenti żviluppati f'dan ir-rigward minn Solvay fl-iżvolġiment tal-proċedura fl-ewwel istanza.

32. Din il-parti tas-sitt aggravju ma tistax tirnexxi għal żewġ raġunijiet.

33. Fl-ewwel lok, il-kritika magħmula minn Solvay hija bbażata fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata. Kuntrarjament għal dak li ssostni Solvay, il-Qorti Ġenerali mkien ma "ddeċidiet li s-swieq nazzjonali kienu swieq rilevanti". Huwa biss sussidjarjament li hija indirizzat il-kwistjoni tas-swieq nazzjonali [27], fil-każ fejn il-Kummissjoni ma kinitx iddefinixxiet is-suq ġeografiku rilevanti b'mod korrett, kif sostniet Solvay, u qisithom f'dan ir-rigward bħala l-"Komunità, bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda" [28].

34. L-aggravju fformulat mill-appellanti fuq is-suġġett tas-swieq nazzjonali jirrigwarda wkoll, fl-aħħar mill-aħħar, parti mill-motivi li ma jikkostitwixxux element neċessarju ta' dawn tal-aħħar, iżda li għandhom jiġu kkunsidrati bħala superfluwi. Skont ġurisprudenza stabbilita, aggravju simili għandu jinċaħad bħala ineffettiv [29].

35. Fit-tieni lok, l-aggravju tal-appellanti huwa bbażat fuq rekwiżiti eċċessivi rigward l-obbligu ta' motivazzjoni tas-sentenzi mogħtija fl-ewwel istanza. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-obbligu ta' motivazzjoni ma jimponix lill-Qorti Ġenerali tispjega, b'mod eżawrjenti u wieħed wieħed, l-argumenti kollha dedotti mill-partijiet fil-kawża u li l-motivazzjoni tista' għalhekk tkun impliċita sakemm tippermetti lill-partijiet ikkonċernati jkunu jafu ir-raġunijiet li għalihom il-Qorti Ġenerali ma tathomx

26 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ġunju 2007, Wunenburger vs Il-Kummissjoni (C-362/05 P, Ġabra p. I-4333, punt 80), u tal-20 ta' Mejju 2010, Gogos vs Il-Kummissjoni (C-583/08 P, Ġabra p. I-4469, punt 35).

27 — Dan jirriżulta b'mod partikolari mill-punt 259 tas-sentenza appellata.

28 — Ara f'dan ir-rigward mill-ġdid il-premessa 136 tad-deċiżjoni appellata u l-punt 251 tas-sentenza appellata.

29 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Marzu 1993, Il-Parlament vs Frederiksen (C-35/92 P, Ġabra p. I-991, punt 31); tal-25 ta' Jannar 2007, Sumitomo Metal Industries u Nippon Steel vs Il-Kummissjoni ("Sumitomo", C-403/04 P u C-405/04 P, Ġabra p. I-729, punt 106); tat-2 ta' April 2009, Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni (C-431/07 P, Ġabra p. I-2665, punti 148 u 152), u Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punt 108).

raġun fl-argumenti tagħhom u lill-Qorti tal-Ġustizzja li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha elementi suffiċjenti sabiex tkun tista' teżerċita l-funzjoni tal-istħarriġ tagħha [30].

36. Huwa ċertament minnu li fis-sentenza tagħha l-Qorti Ġenerali għandha teżamina l-ksur kollhu tad-drittijiet allegati [31]. Madankollu, fil-kawżi voluminużi tal-kompetizzjoni, il-qrati tal-Unjoni ma għandux ikollhom il-kompitu, fid-dawl tar-riżorsi limitati tagħhom, li jeżaminaw fid-dettall kull argument, anki jekk marġinali, tal-partijiet. F'każ bħal dak inkwistjoni, l-importanti huwa li l-Qorti Ġenerali tesponi b'mod li jiftiehem, anki jekk fil-qosor, għal liema raġuni hija tikkunsidra li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni inkwistjoni hija waħda ġuridikament korretta.

37. Il-Qorti Ġenerali ssodisfat dawn ir-rekwiżiti fil-każ inkwistjoni: hija spjegat, anki meta qieset is-swieq nazzjonali bħala swieq rilevanti, li Solvay kienet f'pożizzjoni dominanti f'kull wieħed mill-Istati li hija ġiet akkużata fihom bi ksur tal-Artikolu 82 KE [32]. Minn dan il-Qorti Ġenerali loġikament ikkonkludiet li anki jekk il-Kummissjoni kienet iddefinixxiet is-suq ġeografiku rilevanti b'mod żbaljat (jiġifieri billi skorrettement ikkonkludiet li dan ifisser il-Komunità, bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, minflok ma kkonkludiet li dan ifisser is-swieq nazzjonali differenti), dan l-iżball ma setax jiġġustifika l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata [33]. Konklużjoni daqshekk ċara ma jeħtieġx li tiġi żviluppata iktar.

(c) Fuq xi argumenti oħra mqajma fil-kuntest tas-sitt aggravju

38. Fil-kuntest tas-sitt aggravju, Solvay tinvoka ksur tal-Artikolu 102 TFUE (Artikolu 82 KE). L-aggravji esposti f'dan ir-rigward ma għandhomx kontenut awtonomu fil-konfront tan-nuqqasijiet ta' motivazzjoni invokati minn Solvay, b'mod li ma hemmx lok li dawn jiġu analizzati b'mod speċifiku. L-argumenti rigward l-allegati nuqqasijiet ta' motivazzjoni li saru iktar 'il fuq [34] japplikaw *mutatis mutandis* fir-rigward tagħhom.

39. Solvay tallega wkoll li l-Qorti Ġenerali kienet żnaturat xi fatti tal-kawża u xi partijiet mill-provi. Lanqas dan l-aggravju ma fih kontenut awtonomu. B'mod partikolari, Solvay ma tissodisfax ir-rekwiżiti li, skont ġurisprudenza stabbilita, jirriżultaw mill-Artikolu 256 TFUE, mill-Artikolu 58(1) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u mill-ewwel

30 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Settembru 2008, FIAMM u FIAMM Technologies vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-120/06 P u C-121/06 P, Ġabra p. I-6513, punt 96); tas-16 ta' Lulju 2009, Il-Kummissjoni vs Schneider Electric (C-440/07 P, Ġabra p. I-6413, punt 135); Gogos vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 30), u tas-16 ta' Diċembru 2010, AceaElectrabel vs Il-Kummissjoni (C-480/09 P, Ġabra p. I-13355, punt 77).

31 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Ottubru 2007, Komninou *et* vs Il-Kummissjoni (C-167/06 P, punt 22).

32 — Punt 258 tas-sentenza appellata.

33 — Punt 259 tas-sentenza appellata.

34 — Ara l-punti 24 sa 37 ta' dawn il-konklużjonijiet.

frażi tal-Artikolu 112(1)(c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja [35]: Ir-rikors ma jindikax b'mod preċiż il-partijiet li kienu ġew żnaturati mill-Qorti Ġenerali u ma jurix l-iżbalji ta' analiżi li, fl-evalwazzjoni tagħha, kienu wasslu lill-Qorti Ġenerali għal dan l-iżnaturament.

40. Fl-aħħarnett, Solvay tallega ksur tal-Artikolu 299(1) KE [qabel l-Artikolu 227(1) tat-Trattat KEE] li jiddefinixxi t-territorju tal-Komunità Ewropea [36]. Fid-dawl ta' din id-dispożizzjoni, ikun żbaljat fil-liġi li wieħed jikkunsidra l-kunċetti ta' "Komunità", ta' "Ewropa Oċċidentali" u ta' "Ewropa tal-Punent" bħala ekwivalenti.

41. Din l-argumentazzjoni lanqas ma hija konvinċenti. Ċertament huwa korrett li, fil-lingwaġġ tal-lum, il-kunċett ġeografiku jew politiku ta' "Ewropa tal-Punent" ma huwiex ekwivalenti għat-territorju tal-Komunità Ewropea, kif kienet komposta fil-perijodu inkwistjoni. F'deċiżjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni (u konsegwentement il-qrati Ewropej) tista' madankollu tuża kunċetti partikolari li mhux neċessarjament ikunu jikkorrispondu għal dawk ġeneralment użati, mill-perspettiva ġeografika u politika, anki jekk dan ma tantx huwa mixtieq. Fil-fatt, kif issostni korrettament il-Kummissjoni, is-suq ġeografiku rilevanti huwa, fid-dritt tal-kompetizzjoni, kunċett funzjonali fejn id-definizzjoni hija qabelxejn ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet ekonomiċi.

(d) Riżultat intermedjarju

42. Is-sitt aggravju għalhekk ma huwiex fondat fl-intier tiegħu.

3. Fuq il-pożizzjoni dominanti ta' Solvay (is-seba' aggravju)

43. Is-seba' aggravju huwa ddedikat għall-pożizzjoni dominanti ta' Solvay u jirreferi għall-punti 275 sa 305 tas-sentenza appellata. Solvay tikkunsidra li l-Qorti Ġenerali ma kinitx korretta meta vvalidat il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-pożizzjoni dominanti tal-impriża inkwistjoni. Meta għamlet dan, il-Qorti Ġenerali kienet kisret l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni (dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 36, tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 53

35 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni ("Aalborg Portland", C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, Ġabra p. I-123, punt 50); Komninou *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 31, punt 41), u tas-17 ta' Ġunju 2010, Lafarge vs Il-Kummissjoni (C-413/08 P, Ġabra p. I-5361, punt 16).

36 — Dan jittratta iktar preċiżament id-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattat KE(E).

tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja) kif ukoll tal-Artikolu 102 TFUE (Artikolu 82 KE).

(a) Fuq ir-riferimenti li saru minn Solvay fis-sitt aggravju tagħha

44. Fl-ewwel parti tas-seba' aggravju, kif ukoll f'diversi estratti tat-tieni u tat-tielet parti tal-istess aggravju, Solvay essenzjalment tillimita ruħha li tirreferi għall-analiżi tagħha fil-kuntest tas-sitt aggravju. Fl-opinjoni tagħha, ladarba kienu jeżistu xi inċertezzi fir-rigward tad-definizzjoni tas-suq ġeografiku rilevanti, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tikkonstata l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti "fis-suq Komunitarju"[37].

45. Il-punti li tqajmu f'dan ir-rigward jiddependu għal kollox fuq is-sitt aggravju, li essenzjalment jirreferu għalih. Konsegwentement, jekk l-ewwel parti tas-sitt aggravju tinċaħad, kif nipproponi[38], hekk ukoll għandu jsir fir-rigward tal-ewwel parti tas-seba' aggravju. Għandhom ukoll jinċaħdu. l-estratti mit-tieni u mit-tielet parti li jittrattaw il-kwistjoni tad-definizzjoni tas-suq.

37 — Punt 283 tas-sentenza appellata.

38 — Ara l-punti 24 sa 30 u 38 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

(b) Fuq l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti fis-swieq nazzjonali differenti (it-tieni parti tas-seba' aggravju)

46. It-tieni parti tas-seba' aggravju tikkonċerna r-rekwiżiti applikabbli għall-prova ta' pożizzjoni dominanti

(i) Fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali illimitat l-eżami tagħha għal ishma tas-suq biss

47. Solvay issostni, minn naħa, li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 102 TFUE (Artikolu 82 KE), meta kkonkludiet li teżisti pożizzjoni dominanti tal-impriża fis-swieq nazzjonali fuq il-bażi tas-sehem li hija għandha fis-suq mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni fatturi rilevanti oħra.

48. Din l-argumentazzjoni ma tikkonvinċix. Hija bbażata fuq qari manifestament żbaljat tas-sentenza appellata.

49. Ma huwiex minnu li l-Qorti Ġenerali illimitat l-analiżi tagħha għal partijiet mis-suq biss. Fl-ewwel stadju, hija għall-kuntrarju rreferiet għall-ġurisprudenza li l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti tirriżulta bħala regola

ġenerali mill-koeżistenza ta' diversi fatturi li, waħedhom, ma jkunux neċessarjament determinanti [39].

50. Fit-tieni stadju, il-Qorti Ġenerali madankollu kkonkludiet b'mod korrett li sehem kbir ferm fis-suq ikun jikkostitwixxi minnu nnifsu, salv f'ċirkustanzi eċċezzjonali, il-prova tal-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti [40]. Kienet ukoll korretta meta ddikjarat, barra minn hekk, li sehem ta' 50 % mis-suq minnu nnifsu jikkostitwixxi, u salv ċirkustanzi eċċezzjonali, il-prova tal-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti [41].

51. Fit-tielet stadju, il-Qorti Ġenerali fl-aħħarnett analizzat numru ta' provi invokati matul il-proċedura fl-ewwel istanza li, skont Solvay, kienu jikkostitwixxu ċirkustanzi eċċezzjonali li kapaċi jikkonfutaw il-preżunzjoni ta' pożizzjoni dominanti [42].

52. Konsegwentement, kuntrarjament għal dak li tallega Solvay, il-Qorti Ġenerali eżaminat fatturi oħra barra s-sehem fis-suq. Hija llimitat ruħha sabiex tibbaża l-konklużjoni tagħha fuq il-preżunzjoni ta' pożizzjoni dominanti li tirriżulta minn sehem fis-suq ta' iktar minn, jew ekwiparabbli għal 50 %, qabel ma ffinalizzat dik il-konklużjoni billi fittxet jekk kinux jeżistu ċirkustanzi eċċezzjonali. Dan l-approċċ huwa pjenament konformi mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 82 KE (Artikolu 102 TFUE) u mal-ġurisprudenza dwar is-suġġett.

(ii) Fuq l-allegat nuqqas ta' risposta għal diversi osservazzjonijiet ta' Solvay

53. Solvay tilmenta minn naħa oħra li l-Qorti Ġenerali ma weġbitx għal numru ta' argumenti invokati fl-ewwel istanza. Dawn l-argumenti kkonċernaw, minn naħa, id-differenza bejn l-ishma tas-suq ta' Solvay u dawk tal-kompetituri tagħha, u min-naħa l-oħra, fuq il-kapaċitajiet ta' produzzjoni. Solvay essenzjalment tinvoka ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni [43].

54. Għar-raġunijiet li ġew ippreżentati rigward is-sitt aggravju [44], dan l-aggravju ma jistax jirnexxi. Meta l-Qorti Ġenerali tieħu pożizzjoni, billi tagħti spjegazzjoni tal-irregolaritajiet kollha allegati, kif għamlet f'din il-kawża, ma teħtieġx tindirizza fid-dettall kull punt tal-argumentazzjoni tal-partijiet.

39 — Punt 276 tas-sentenza appellata, fejn tiċċita s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Frar 1978, United Brands u United Brands Continentaal vs Il-Kummissjoni ("United Brands", 27/76, Ġabra p. 207, punt 66).

40 — Punt 277 tas-sentenza appellata, li jiċċita s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni ("Hoffmann-La Roche", 85/76, Ġabra p. 461, punt 41).

41 — Punt 279 tas-sentenza appellata, li jiċċita s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Lulju 1991, AKZO vs Il-Kummissjoni (C-62/86, Ġabra p. I-3359, punt 60).

42 — Punti 286 sa 304 tas-sentenza appellata.

43 — Sentenza Gogos vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 29); ara diġà, fl-istess sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Ottubru 1991, Vidrányi vs Il-Kummissjoni (C-283/90 P, Ġabra p. I-4339), u tas-17 ta' Diċembru 1992, Moritz vs Il-Kummissjoni (C-68/91 P, Ġabra p. I-6849, punti 37 sa 39).

44 — Punti 35 u 36 ta' dawn il-konklużjonijiet.

(iii) Fuq l-allegat nuqqas ta' prova sufficjenti ta' ishma fis-suq

55. Solvay fl-aħħar nett issostni li l-ishma mis-suq li kellhom iservu sabiex wieħed jikkonkludi li hija kienet tgawdi minn pożizzjoni dominanti fis-suq ma kinux ġew stabbiliti suffiċjentement skont il-liġi.

56. Dan l-ilment għandu jinċaħad qabelxejn bħala inammissibbli għaliex effettivament jikkonfuta l-evalwazzjoni tal-fatti u provi magħmula mill-Qorti Ġenerali, li ma jaqgħux taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell [45].

(c) Fuq l-allegata eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali (it-tielet parti tas-seba' aggravju)

57. Fit-tielet parti tas-seba' aggravju, Solvay tikkritika lill-Qorti Ġenerali li ma rrispondietx għall-argumenti tagħha dwar l-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali li, fl-opinjoni tagħha, juru n-nuqqas ta' pożizzjoni dominanti tal-impriża.

58. Dan l-ilment huwa nieqes minn kull bażi. Xejn inqas minn 19-il punt fis-sentenza appellata [46] jikkonċernaw l-eżami tal-possibbiltà ta' eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali u s-sottomissjonijiet ta' Solvay f'dan ir-rigward.

(i) Fuq ir-rekwiżiti applikabbli għall-motivazzjoni tas-sentenza appellata

59. Kif diġà ntwera, l-obbligu ta' motivazzjoni ma jeħtieġx li l-Qorti Ġenerali tagħti spjegazzjoni li tkun issegwi, b'mod eżawrjenti u wieħed wieħed, l-argumenti kollha fformulati mill-partijiet fil-kawża, b'mod li l-motivazzjoni tista' tkun anki impliċita basta tippermetti lill-partijiet ikkonċernati jkunu jafu r-raġunijiet li għalihom il-Qorti Ġenerali ma tathomx raġun fl-argumenti tagħhom u lill-Qorti tal-Ġustizzja jkollha provi suffiċjenti għad-dispożizzjoni tagħha sabiex teżerċita l-istħarriġ tagħha [47].

60. Solvay tista' ma taqbilx, fil-mertu, mal-analiżi li saret mill-Qorti Ġenerali sabiex tiskarta l-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali. Madankollu minn din id-differenza waħedha ma jirriżultax li s-sentenza appellata hija vvizzjata minn nuqqas ta' motivazzjoni [48].

45 — Sentenzi Aalborg Portland (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punti 47 sa 49); Wunenberger vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 66); Sumitomo (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29, punt 38), u l-Kummissjoni vs Schneider Electric (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 30, punt 103).

46 — Punti 286 sa 304 tas-sentenza appellata.

47 — Ara l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

48 — Ara hawn taħt il-punt 30 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 26 ta' dawn il-konklużjonijiet.

61. Kuntrarjament għal dak li tallega l-appellanti, il-Qorti Ġenerali ma eskludietx l-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali meta llimitat ruħha li tirreferi għal ishma sinjifikattivi fis-suq ta' Solvay. Il-Qorti Ġenerali fil-fatt tindirizza diversi fatturi oħra fl-estratt inkwistjoni tas-sentenza, bħall-allegata possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-prodotti ta' Solvay [49] u l-kwistjoni tal-allegat poter kumpensatorju tal-klijenti [50].

62. Bla ħsara għal possibbiltà ta' żnaturament, li ma ġiex invokat fil-każ inkwistjoni, ma jidhirx, barra minn hekk, li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha stess għal dik magħmula mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-allegata eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali [51].

(ii) Fuq ir-rekwiżiti applikabbli għall-motivazzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni

63. Fil-marġni ta' din it-tielet parti tas-seba' aggravju, Solvay tallega li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 296 TFUE (li qabel kien l-Artikolu 253 KE) meta rrifjutat li tiċċensura n-nuqqas ta' motivazzjoni li allegatament tivvizzja d-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni dwar il-poter kumpensatorju tal-klijenti ta' Solvay.

64. Lanqas dan l-aggravju ma jista' jirnexxi.

65. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 253 KE (Artikolu 296 TFUE) għandha tiġi adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha tagħmel ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni, li tadotta l-att, b'mod li tippermetti lill-partijiet ikkonċernati jkunu jafu bil-ġustifikazzjoni tal-miżura li tiġi adottata u lill-qorti kompetenti teżerċita l-istħarriġ tagħha [52].

66. Madankollu, l-awtur ta' tali att ma jeħtieġx jieħu pożizzjoni fuq fatturi kjarament sekondarji jew jantiċipa oġġezzjonijiet potenzjali [53]. Skont il-fehma tal-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata, il-Kummissjoni ma teħtieġx li fid-deċiżjoni kkontestata, neċessarjament tirrispondi għal kull argument invokat minn Solvay.

49 — Il-Qorti Ġenerali teżamina b'mod partikolari "il-possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-karbonat tas-soda permezz tas-soda kawstiku u tal-kalċin" (punti 295 sa 298 tas-sentenza appellata).

50 — Punti 299 sa 303 ddedikati għall-"pressjoni kompetitiva eżerċitata mill-klijenti".

51 — Ara, f'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45.

52 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France (C-367/95 P, Ġabra p. I-1719, punt 63); tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala ("Impala", C-413/06 P, Ġabra p. I-4951, punt 166), u Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punt 130).

53 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Ottubru 2005, Il-Ġermanja u Id-Danimarka vs Il-Kummissjoni, magħrufa bħala "Feta" (C-465/02 u C 466/02, Ġabra p. I-9115, punt 106), u Impala (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 52, punt 167).

(iii) Fuq l-allegat ksur tal-Artikolu 102 TFUE (Artikolu 82 KE)

67. Fil-kuntest ta' din it-tielet parti tas-seba' aggravju, Solvay ripetutament tinvoka ksur tal-Artikolu 102 TFUE (Artikolu 82 KE). Madankollu, ir-riferiment għal din id-dispożizzjoni jsir, mingħajr ebda spjegazzjoni, bħala parti mill-allegat nuqqas ta' motivazzjoni [54]. Dan l-ilment ma fih ebda kontenut awtonomu, b'mod li ma jeħtieġx li jiġi analizzat b'mod speċifiku.

(d) Riżultat intermedjarju

68. Is-seba' aggravju għandu għalhekk jinċaħad parzjalment bħala inammissibbli u parzjalment bħala infondat.

4. Fuq l-abbuż ta' pożizzjoni dominanti minn Solvay (it-tmien u d-disa' aggravji)

69. It-tmien u d-disa' aggravji huma bbażati fuq allegati żbalji ta' liġi dwar il-konstatazzjoni mill-Kummissjoni ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti ta' Solvay.

(a) Fuq l-iskont għal "grupp" mogħti lil Saint-Gobain (it-tmien aggravju)

70. It-tmien aggravju għandu bħala suġġett l-iskont għal "grupp" tal-1.5 % li Solvay akkordat lill-impriża Franċiża Saint-Gobain, bħala klijent fost dawk l-iktar importanti, fi "protokoll sigriet". Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni, approvata mill-Qorti Ġenerali, ikklassifikat dan l-aġir abbużiv tal-pożizzjoni dominanti ta' Solvay [55]. Solvay tikkritika l-analiżi f'dan ir-rigward magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punti 348 sa 358 tas-sentenza appellata: il-Qorti Ġenerali ma kellhiex raġun tikkaratterizza l-iskont għal "grupp" inkwistjoni bħala skont ta' lealtà abbużiv, kuntrarjament għall-Artikolu 82 KE [56].

71. Iktar preċiżament, Solvay tinvoka, minn naħa, ksur tal-Artikolu 102 TFUE (Artikolu 82 KE) u, min-naħa l-oħra, ksur tal-obbligu tal-motivazzjoni tas-sentenzi tal-qrati (dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 36 u tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja). L-allegat ksur tal-imsemmi obbligu ta' motivazzjoni madankollu ma għandu ebda kontenut proprju, fil-konfront tal-allegati żbalji fil-mertu invokati. Fir-realtà, Solvay ma taqbilx, fil-fatt, mal-analiżi tal-Qorti Ġenerali *fil-mertu*, rigward l-evalwazzjoni tal-iskont għal "grupp". Kif diġà ġie spjegat, id-differenzi fl-evalwazzjoni fil-mertu ma jirrigwardawx

54 — Il-formulazzjoni tas-seba' aggravju tinkludi ta' spiss frażijiet tat-tip "is-sentenza appellata ma timmotivax regolarment id-deċiżjoni tagħha u barra minn hekk tikser l-Artikolu 102 TFUE".

55 — Premessi 161 sa 165 tad-deċiżjoni kkontestata u punt 48 tas-sentenza appellata.

56 — Ara b'mod partikolari l-punti 354, 355 u 358 tas-sentenza appellata.

l-obbligu ta' motivazzjoni[57], u għalhekk l-aggravju ta' nuqqas ta' motivazzjoni għandu qabelxejn jinċaħad. Għalhekk, minn hawn 'il quddiem ser nindirizza t-tmien aggravju biss mill-perspettiva tal-allegat ksur tal-Artikolu 82 KE (Artikolu 102 TFUE).

(i) Fuq l-argument ibbażat fuq in-nuqqas ta' esklużività

72. Fl-ewwel lok, Solvay tikkritika lill-Qorti Ġenerali li kienet skorretta meta kklassifikat l-iskont għal "grupp" mogħti lil Saint-Gobain bħala skont ta' lealtà. Il-Qorti Ġenerali kienet ittraskurat il-fatt li Solvay kienet tipprovdi, meta ġraw il-fatti, 67 % biss tal-bżonnijiet ta' Saint-Gobain fl-Ewropa, u saħansitra 15 % biss fi Franza. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-iskont għal "grupp" mogħti minn Solvay ma kienx marbut ma' esklużività jew kważi-esklużività tal-provvisti ta' Saint-Gobain, ladarba, skont l-appellanti, dan ħtieġ sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' skont ta' lealtà abbużiv.

73. Jista' jiġi konkluż, *prima facie*, li b'dan l-argument, Solvay qed tipprova tħajjar lill-Qorti tal-Ġustizzja tissostitwixxi l-evalwazzjoni proprja tagħha tal-fatti u tal-provi ma' dik imwettqa mill-Qorti Ġenerali, ħaġa li ma hijiex permessa meta din il-Qorti tintalab tiddeċiedi fuq appell. Fir-realtà, l-ilment huwa madankollu ibbażat fuq in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni mill-Qorti Ġenerali, waqt l-evalwazzjoni tal-iskont għal "grupp", ta' kriterju li Solvay tikkunsidra bħala ġuridikament determinanti, jiġifieri l-kriterju ta' esklużività jew kważi-esklużività tal-provvista lil benefiċċjarju tal-iskont mill-impriża f'pożizzjoni dominanti. Il-punt dwar jekk il-kriterju ta' esklużività huwiex rilevanti għall-għanijiet tal-karatterizzazzjoni ta' abbuż fis-sens tal-Artikolu 82 KE jikkostitwixxi kwistjoni ta' liġi li hija suġġetta għall-istħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell[58].

74. Solvay temmen li, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija tista' tislet prinċipju li jipprovdi li l-għoti ta' skont ta' lealtà ma jikkostitwixxix prattika kummerċjali abbużiva ħlief meta jkun suġġett għal għoti ta' provvista esklużiva jew kważi-esklużiva lil klijent mill-impriża f'pożizzjoni dominanti.

75. Din l-analiżi hija żbaljata. F'dan ir-rigward, b'mod sinjifikanti, Solvay tirreferi biss għas-sentenza mogħtija fil-kawża Hoffmann-La Roche[59]. Diversi sentenzi oħra rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, dwar is-suġġett ta' skontijiet, b'mod partikolari

57 — Ara, f'dan ir-rigward, il-punt 30 ta' dawn il-konklużjonijiet u l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26.

58 — Ara, f'dan is-sens ukoll, is-sentenza Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punti 77, 155 u 195), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kienu ammissibbli aggravji differenti li fihom il-Qorti Ġenerali giet ikkritika talli adottat kriterji ġuridiċi skorretti; ara, ukoll, is-sentenzi Sumitomo (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29, punt 40), Impala (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 52, punt 117), u tas-16 ta' Diċembru 2008, Masdar (UK) vs Il-Kummissjoni (C-47/07 P, Ġabra p. I-9761, punt 77).

59 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 40.

s-sentenzi mogħtija fil-kawżi "Michelin I" [60] u "British Airways" [61], ma jissemmew imkien, lanqas b'mod marġinali.

76. Kif enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja, ma jistax jiġi dedott mill-ġurisprudenza dwar is-suġġett tal-Artikolu 86 tat-Trattat KEE (Artikolu 82 KE) li l-bonus u l-iskontijiet mogħtija minn impriżi f'pożizzjoni dominanti ma jkollhomx natura abbużiva ħlief fiċ-ċirkustanzi deskritti hemmhekk [62].

77. In-natura abbużiva tal-iskontijiet mogħtija minn impriżi li jgawdu pożizzjoni dominanti għandha tiġi ddeterminata pjuttost fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha partikolari tal-kawża inkwistjoni. F'dan ir-rigward, għandu jittieħed kont b'mod partikolari tal-kriterji u l-modalitajiet tal-għoti tal-iskont [63]. Huwa determinanti li jiġi vverifikat jekk l-iskontijiet inkwistjoni jistgħux jipproduċu *effett ta' esklużjoni*, jiġifieri jekk humiex minnhom infushom kapaċi, minn naħa, li jagħmlu iktar diffiċli, jew impossibbli, l-aċċess għas-suq mill-kompetituri tal-impriża f'pożizzjoni dominanti u, min-naħa l-oħra, li jagħmlu iktar diffiċli, jew impossibbli għall-kontraenti ma' dik l-impriża, l-għażla bejn diversi sorsi ta' provvisti jew imsieħba kummerċjali [64]. Konsegwentement, għandna nfittxu jekk teżistix ġustifikazzjoni ekonomika u oġġettiva għall-iskontijiet u għall-bonus mogħtija [65].

78. Mill-ġurisprudenza ma jirriżultax li skont ma jkollux natura abbużiva ħlief meta teżisti relazzjoni esklużiva jew kważi-esklużiva bejn il-klijent u l-impriża f'pożizzjoni dominanti. Għall-kuntrarju, il-kawżi Michelin I [66] u British Airways [67] jittrattaw is-sistemi ta' skontijiet u ta' bonus mingħajr *ebda* rabta ta' esklużività ta' dan it-tip.

79. Konsegwentement, il-fatt li l-Qorti Ġenerali naqset milli tikkonstata espliċitament in-natura esklużiva jew kważi-esklużiva tal-għoti tal-provvisti lil Saint-Gobain minn Solvay ma jikkostitwixxi ebda żball ta' liġi [68].

60 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-9 ta' Novembru 1983, Nederlandsche Banden-Industrie-Michelin vs Il-Kummissjoni, ("Michelin I", 322/81, Ġabra p. 3461).

61 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Marzu 2007, British Airways vs Il-Kummissjoni (C-95/04 P, Ġabra p. I-2331).

62 — Sentenza British Airways (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 61, punt 64).

63 — Sentenzi Michelin I (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 60, punt 73), u British Airways (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 61, punt 67).

64 — Sentenza British Airways (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 61, punt 68); ara, f'dan is-sens ukoll, is-sentenza Michelin I (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 60, punt 73).

65 — Sentenza British Airways (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 61, punti 69 u 84 sa 86); ara, b'mod iktar ġenerali fuq is-suġġett tal-kriterju tal-eżistenza ta' ġustifikazzjoni ekonomika oġġettiva għall-komportament tal-impriża f'pożizzjoni dominanti fis-suq, is-sentenzi United Brands (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 39, punt 184), tas-16 ta' Settembru 2008, Sot. Lélos kai Sia (C-468/06 sa C-478/06, Ġabra p. I-7139, punt 39); tal-11 ta' Diċembru 2008, Kanal 5 u TV 4 (C-52/07, Ġabra p. I-9275, punt 47), u tas-17 ta' Frar 2011, TeliaSonera (C-52/09, Ġabra p. I-527, punti 31 u 75).

66 — Sentenza Michelin I (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 60, b'mod partikolari l-punt 72); ara wkoll is-sentenza British Airways (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 61, punt 65).

67 — Sentenza British Airways (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 61, punti 3 sa 9).

68 — Is-sentenza appellata (punti 349 sa 352) tillimita ruħha sabiex tikkonstata li l-iskont għal "grupp" ta' 1.5 % kienet tapplika għat-"totalità tax-xiri ta' karbonat tas-soda minn Saint-Gobain mingħand Solvay fl-Ewropa". Madankollu, dan ma jfissirx neċessarjament li Saint-Gobain kienet tkopri l-bżonnijiet tagħha kollha, jew kważi kollha ta' karbonat tas-soda fl-Ewropa mingħand Solvay.

80. Biss sabiex inkun eżawrjenti, jiena nżid ngħid li huwa wkoll infondat l-argument avvanzat minn Solvay, anki b'mod sommarju, rigward in-natura eċċessivament formalistika u dwar in-nuqqas ta' bażi ekonomika tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq is-suġġett ta' skont ta' lealtà. Kif diġà indikajt, il-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt tevalwa s-sistemi ta' skontijiet fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ inkwistjoni u tammetti espressament il-possibbiltà ta' ġustifikazzjoni ekonomika oġġettiva [69]. Dan l-approċċ ma huwa xejn formalistiku.

(ii) Fuq l-argument ibbażat fuq id-dgħjufija tal-iskont għal "grupp"

81. Solvay issostni, fit-tieni lok, li l-ammont tal-iskont għal "grupp" kien dgħajjef wisq sabiex ikun tali li jinfluwenza d-deċiżjonijiet tal-grupp Saint-Gobain. Il-Qorti Ġenerali ma kinitx spjegat sa fejn l-iskont mogħti minn Solvay seta' konkretament jinfluwenza l-imġiba tal-grupp Saint-Gobain.

82. Fil-punt 355 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali effettivament ma eżaminatx ħlief fil-qosor wisq l-effetti antikompetittivi tal-iskont għal "grupp". Il-konstatazzjoni konċiża tagħha, li tipprovdi li "l-ammont ta' skont ta' lealtà, anki jekk żgħir, jeżerċita influwenza fuq il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni", għandha madankollu titqies fid-dawl tal-analiżi li tippreċediha. Il-Qorti Ġenerali enfasizzat b'mod partikolari li l-iskont għal "grupp" ingħata minn Solvay indipendentement minn kwalunke kunsiderazzjoni marbuta mal-vantaġġi ekonomiċi fir-rigward ta' effiċjenza u ekonomija ta' skala u kienu applikabbli għat-totalità tal-kwantitajiet ta' karbonat tas-soda mixtrija mingħand Solvay minn Saint-Gobain fl-Ewropa [70].

83. Il-ġurisprudenza tammetti li skontijiet simili jistgħu jkollhom effett ta' esklużjoni kontra l-kompetizzjoni. Kif iddikjarat il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rabta tal-kontraenti fil-konfront tal-impriża f'pożizzjoni dominanti u l-pressjoni eżerċitata fuqhom jistgħu jkunu partikolarment qawwija meta l-iskont jew il-bonus ma jkunux relatati biss maż-żieda fil-livell tax-xiri jew bejgħ tal-prodotti ta' dik l-impriża eżegwita mill-kontraent matul il-perijodu inkunsiderazzjoni, iżda wkoll mad-dħul mill-bejgħ kollu relatat ma' dan ix-xiri u l-bejgħ [71].

84. Barra minn hekk, ikun partikolarment diffiċli għall-kompetituri tal-impriża f'pożizzjoni dominanti li jagħmlu offerta kontra dawn l-iskontijiet jew dawn

69 — Sentenza British Airways (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 61, b'mod partikolari l-punti 67, 69 u 84 sa 86).

70 — Punti 349, 352 u 354 tas-sentenza appellata.

71 — Sentenza British Airways (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 61, punt 73).

il-bonus ibbażati fuq il-volum tal-bejgħ totali. Minħabba s-sehem tagħha fis-suq sinjifikattivament ogħla, l-impriża f'pożizzjoni dominanti tikkostitwixxi bħala regola ġenerali sieħeb kummerċjali inevitabbli fis-suq. Ħafna drabi, l-iskontijiet jew il-bonus mogħtija minn impriża simili bbażati fuq il-volum totali tad-dħul mill-bejgħ huma ikbar, f'termini assoluti, mill-offerti l-iktar ġenerużi tal-kompetituri tagħha. Biex jiġbdu lejhom il-kontraenti mal-impriża f'pożizzjoni dominanti, jew biex jirċievu minn għandhom volum ta' ordnijiet sufficjenti, l-imsemmija kompetituri jkollhom joffrulhom rati ta' skont jew bonus sinjifikattivament ogħla [72].

85. L-iskontijiet jew il-kummissjonijiet li ġew ikkunsidrati bħala li jikkostitwixxu abbuż mill-ġurisprudenza ma kinux jeċċedu 1 % f'ċerti każijiet [73], b'mod li kienu anki inqas, f'termini relattivi, mill-iskont għal "grupp" ta' 1.5 % inkwistjoni f'din il-kawża.

86. F'dan il-kuntest, il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li "l-ammont ta' skont ta' lealtà anki jekk żgħir, jeżerċita influwenza fuq il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni" ma tidhirx li hija żbaljata, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ inkwistjoni.

(iii) Fuq l-argument ibbażat fuq in-nuqqas ta' effett fuq il-kompetizzjoni

87. Solvay tikkuntesta fit-tielet lok, il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li hija ma pproduċiet ebda prova dwar l-aġir tas-sussidjarji ta' Saint-Gobain. Dan huwa l-argument ta' difiża mressaq minn Solvay fl-ewwel istanza li jipprovdi li s-sussidjarji nazzjonali ta' Saint-Gobain kienu waslu sabiex jinnegozjaw kundizzjonijiet kuntrattwali iktar vantaġġjużi, jew anki sabiex jiksru l-kuntratt li jorbothom ma' Solvay, bħal fil-każ ta' Saint-Gobain France [74].

88. Il-Qorti Ġenerali effettivament ċaħdet dan l-argument abbażi tal-fatt li ma ġiex issostanzjat suffiċjentement [75]. Madankollu, ma huwiex neċessarju li jkun magħruf jekk Solvay ressqitx provi biżżejjed sabiex tissostanzja l-argument tagħha, peress li dan kien fi kwalunkwe każ ineffettiv, kif ġustament irrilevat il-Qorti Ġenerali [76]. Fil-fatt, in-natura antikompetittiva ta' prattika tan-negozju ta' impriża f'pożizzjoni dominanti ma tistax tiġi skartata biss minħabba l-fatt li din tintrabat

72 — Sentenza British Airways (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 61, punt 75).

73 — Ara s-sentenza British Airways (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 61, punt 9), li tipprovdi li kull aġent tal-ivvjaġġjar fir-Renju Unit seta' jakkwista, b'żieda mal-kummissjoni bażi, kummissjoni addizzjonali "li titla' sa 1 %" għal biljetti għal titjiriet interni.

74 — Punt 346 tas-sentenza appellata.

75 — Punt 357 tas-sentenza appellata.

76 — Fil-punt 357 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li dak l-argument "ma jirreferix għal ċirkustanza eċċezzjonali li tista' tiġġustifika l-aġir ikklassifikat bħala abbuż ta' pożizzjoni dominanti".

mal-volontà ta' klijent[77], u, ċertament mhux minħabba l-fatt li l-klijent jasal jikseb, permezz ta' negozjati tajbin,[78] vantaġġi oħra addizzjonali mill-imsemmija impriża.

89. Għalhekk it-tielet argument żviluppat minn Solvay ma jistax jintlaqa'.

(iv) Riżultat intermedjarju

90. It-tmien aggravju huwa infondat fl-intier tiegħu.

(b) Fuq in-natura diskriminatorja tal-prattiki ta' Solvay (id-disa' aggravju)

91. Id-disa' aggravju jikkonċerna l-analiżi mwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-punti 397

77 — Sentenzi Hoffmann-La Roche (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 40, punt 89), AKZO vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 41, punt 149), u tas-27 ta' April 1994, Almelo (C-393/92, Ġabra p. I-1477, punt 44), u d-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Settembru 2006, Unilever Bestfoods vs Il-Kummissjoni (C-552/03 P, Ġabra p. I-9091, fl-aħħar tal-punt 129).

78 — Ara, f'dan ir-rigward, il-premessa 84 tad-deċiżjoni kkontestata, iċċitata minn Solvay innifisha, li tipprovdi li "Saint-Gobain (ovvjament mingħajr ma kienet taf Solvay) kienet tuża l-preżenza tagħha f'diversi pajjiżi sabiex teżerċita pressjoni biex tbaxxi d-differenza fil-prezzijiet użati minn Solvay".

sa 402 tas-sentenza appellata fir-rigward tan-natura diskriminatorja tal-prattiki tan-negozju ta' Solvay fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 82(c) KE.

(i) L-ewwel parti tad-disa' aggravju

92. Fl-ewwel parti tad-disa' aggravju, Solvay tikkritika b'mod partikolari l-punti 397 sa 400 tas-sentenza appellata meta ssostni li l-Qorti Ġenerali żnaturat l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha fl-ewwel istanza u kisret is-subparagrafu (c) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 102 TFUE [is-subparagrafu (c) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 82 KE].

— Fuq l-allegat żnaturament tal-osservazzjonijiet bil-miktub ta' Solvay

93. L-appellanti tikkritika fl-ewwel lok il-parti mis-sentenza appellata fejn il-Qorti Ġenerali tassumi li Solvay ma kinitx ikkontestat il-konstatazzjoni dwar l-iskontijiet applikati fi Franza[79]. Skont Solvay, din l-affermazzjoni hija kuntrarja għall-kliem użat fir-rikors tagħha u fir-replika tagħha fl-ewwel istanza, li kienu għalhekk ġew żnaturati mill-Qorti Ġenerali.

79 — Ara b'mod partikolari l-punt 397 tas-sentenza appellata.

94. Skont ġurisprudenza stabbilita, hemm żnaturament meta, mingħajr ma jsir riferiment għal provi ġodda, l-evalwazzjoni tal-provi eżistenti tidher ovvjament żbaljata [80]. Traspost għall-argumenti tal-partijiet fl-ewwel istanza, dan ifisser li jista' biss ikun hemm żnaturament tagħhom meta l-Qorti Ġenerali tifhem b'mod manifestament ħażin l-argumenti jew tirriproduċihom billi tibdel il-kontenut tagħhom.

95. F'dan il-każ ma jeżistux provi suffiċjenti f'dan is-sens.

96. Kif tammetti Solvay stess [81], l-iżviluppi ta' kull pajjiż li jinsabu fir-rikors li hija ppreżentat fl-ewwel istanza jiffokaw fuq is-suq Ġermaniż. Fir-rigward tal-kumplament, Solvay illimitat ruħha li tikkontesta b'mod ġenerali li l-iskontijiet li hija applikat jistgħu jiġu analizzati bħala skont ta' lealtà. La r-rikors, u lanqas ir-replika ppreżentata fl-ewwel istanza, ma fihom analiżi li tirrigwarda b'mod speċifiku s-suq Franċiż. Il-partijiet ta' din ir-replika msemmija b'mod partikolari minn Solvay [82] ukoll ma jirrigwardawx is-suq Franċiż ħlief b'mod marġinali u fi kwalunkwe każ ma jittrattawx il-kwistjoni ta' diskriminazzjoni tal-imsieħba kummerċjali inkwistjoni f'din il-kawża [83].

97. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li fehmet manifestament ħażin l-argumentazzjoni ta' Solvay jew li rrappreżentata billi biddlet il-kontenut tagħha. Għalhekk l-aggravju ta' żnaturament għandu jinċaħad.

— Fuq l-iżball fil-mertu

98. Solvay tinvoka wkoll ksur tas-subparagrafu (c) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 102 TFUE [is-subparagrafu (c) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 82 KE] li hija taħseb li tista' torbot mal-punti 398 u 400 tas-sentenza appellata. Il-Qorti Ġenerali kienet skorrettament naqset milli teżamina l-kwistjoni tal-eżistenza ta' relazzjoni ta' kompetizzjoni bejn il-klijenti ta' Solvay li għalihom sar riferiment bħala eżempju, jiġifieri, minn naħa, bejn żewġ klijenti Franċiżi (Durand u Perrier) u, min-naħa l-oħra, bejn il-manifatturi Ġermaniżi ta' ħġieġ imħaffer u ħġieġ ċatt.

99. L-*ammissibbiltà ta' dan l-aggravju* hija kkontestata mill-Kummissjoni għar-raġuni li Solvay ma kienet invokat ebda ksur

80 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Jannar 2007, PKK u KNK vs Il-Kunsill (C-229/05 P, Ġabra p. I-439, punt 37); tat-22 ta' Novembru 2007, Sniace vs Il-Kummissjoni (C-260/05 P, Ġabra p. I-10005, punt 37), u Lafarge vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punt 17).

81 — Punti 329 u 330 tal-appell.

82 — Solvay tirreferi għall-punti 375 u 387 tar-replika li hija ppreżentat fl-ewwel istanza.

83 — Il-punti 464 sa 474 tar-replika ppreżentata fl-ewwel istanza jindirizzaw il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni, però mingħajr ma fihom xi argumenti ddedikati speċifikament għal Franza.

tas-subparagrafu (c) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 102 TFUE fl-ewwel istanza; Solvay kienet unikament enfasizzat li l-manifatturi ta' ħġieġ ċatt u ħġieġ imħaffer ma kinux fl-istess suq u ma kinux għalhekk f'sitwazzjoni komparabbli ħlief sabiex tinċaħad l-eżistenza nnifisha ta' diskriminazzjoni.

100. Għandi nistqarr li jidhirli li din l-oġġezzjoni hija wisq formalistika u ftit konvinċenti. Fid-deċiżjoni kkontestata, sar riferiment espress għas-subparagrafu (c) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 82 KE fir-rigward tan-natura diskriminatorja tal-iskontijiet offerti minn Solvay [84]. Huwa ovvju għalhekk li l-kwistjoni ta' diskriminazzjoni indirizzata mill-Qorti Ġenerali għandha wkoll tintrabat ma' dan l-artikolu, anki jekk il-partijiet ma jkunux irreferew espressament għalih fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom [85].

101. Barra minn hekk, huwa minnu li d-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 42(2) u 118 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprojbixxu li jiġu invokati motivi ġodda fil-kuntest ta' appell. L-appellant jista' madankollu jqajjem argumenti ġodda insostenn tal-motivi invokati fl-ewwel istanza, b'mod partikolari bħala risposta għall-opinjoni espressa mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata [86].

102. Dan jgħodd ukoll f'dan il-każ: mir-riassunt tal-argumenti tal-partijiet fis-sentenza appellata jirriżulta li Solvay kienet diġà enfasizzat fl-ewwel istanza li l-produtturi ta' ħġieġ ċatt kienu attivi f'suq differenti minn dak tal-produtturi ta' ħġieġ imħaffer [87]. Il-kwistjoni, indirizzata fl-ewwel istanza, dwar jekk l-impriżi inkwistjoni kinux jew le attivi fi swieq differenti u l-kwistjoni, imqajma issa, dwar jekk teżistix relazzjoni ta' kompetizzjoni bejn dawn l-impriżi, jiffurmaw iż-żewġ uċuħ tal-istess munita. Huwa għalhekk li l-argument żviluppat fl-appell minn Solvay rigward ir-relazzjoni ta' kompetizzjoni jikkostitwixxi biss l-ispjegazzjoni tal-argumenti li kienu diġà ġew invokati fl-ewwel istanza.

103. Barra minn hekk, dan l-aggravju ta' Solvay ma għandux bħala għan li jqajjem evalwazzjoni ġdida tal-fatti mill-Qorti tal-Ġustizzja, ħaġa li ma hijiex permessa fl-istadju ta' appell. Għall-kuntrarju, id-dibattitu jirrigwarda l-punt dwar jekk, billi naqset milli tanalizza r-relazzjoni ta' kompetizzjoni li tista' teżisti bejn prodotturi ta' ħġieġ ċatt u prodotturi ta' ħġieġ imħaffer, il-Qorti Ġenerali ħaditx konjizzjoni ta' kriterju li hija kienet obbligata li tapplika fil-kuntest tas-subparagrafu (c) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 82 KE. Din hija kwistjoni ta' liġi li

84 — Premessa 180 tad-deċiżjoni kkontestata.

85 — Fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali korrettament irreferiet għat-tieni sentenza tal-Artikolu 82(c) KE rigward il-kwistjoni ta' diskriminazzjoni (ara l-punt 396 tas-sentenza appellata).

86 — Ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja PKK u KNK vs Il-Kunsill (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 80, punti 64 u 66), u tal-11 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Département du Loiret (C-295/07 P, Ġabra p. I-9363, punt 99); u f'dan is-sens ukoll, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Settembru 2009, Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (C-97/08 P, Ġabra p. I-8237, punti 38 u 39), u l-punt 28 tal-konklużjonijiet tiegħi tat-23 ta' April 2009 f'dik il-kawża.

87 — L-aħħar parti tal-punt 393 tas-sentenza appellata.

hija suġġetta għall-istħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell[88].

104. Għal dak li jirrigwarda l-mertu ta' dan l-aggravju, għandu qabel xejn jitfakkar li s-subparagrafu (c) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 82 KE [is-subparagrafu (c) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 102 TFUE] jipprevedi eżami f'żewġ stadji. Il-frażi "li b'hekk jitqiegħdu fi żvantaġġ kompetittiv" għandha kontenut normattiv proprju u ma hijiex limitata għal sempliċi żieda spjegattiva li għandha natura ta' dikjarazzjoni[89].

105. Sabiex jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tas-subparagrafu (c) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 82 KE, għandu jiġi kkonstatat mhux biss li l-aġir tal-impriża f'pożizzjoni dominanti fis-suq huwa diskriminatorju, iżda wkoll li dan x'aktarx ifixkel din ir-relazzjoni ta' kompetizzjoni, jiġifieri li jostakola l-pożizzjoni kompetittiva ta' wħud mill-imsieħba kummerċjali ta' dik l-impriża fil-konfront ta' oħrajn[90].

88 — Ara f'dan ir-rigward, il-punt 73 iktar 'il fuq u l-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 58 ta' dawn il-konklużjonijiet.

89 — Ara, fuq dan il-punt, il-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża British Airways (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punt 124).

90 — Sentenzi British Airways (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 61, punt 144) u Kanal 5 u TV 4 (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 65, punt 44); ara, ukoll f'dan ir-rigward, iktar qabel is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Diċembru 1975, Suiker Unie *et* vs Il-Kummissjoni (40/73 sa 48/73, 50/73, 54/73 sa 56/73, 111/73, 113/73 u 114/73, Ġabra p. 1663, punti 523 u 524), u United Brands (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 39, punti 232 sa 234).

106. Ir-*ratio* tas-subparagrafu (c) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 82 KE huwa li l-aġir kummerċjali tal-impriża f'pożizzjoni dominanti ma għandux ifixkel il-kompetizzjoni fis-suq f'direzzjoni 'l fuq jew 'l isfel, jiġifieri l-kompetizzjoni bejn fornituri jew bejn klijenti ta' dik l-impriża. Il-kontraenti tal-imsemmija impriża ma għandhomx jiġu vvantaġġjati jew żvantaġġjati fil-kuntest tal-kompetizzjoni bejniethom[91].

107. Applikat għall-każ inkwistjoni, dan ifisser li, għall-finijiet tal-eżami tas-subparagrafu (c) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 82 KE, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tastjeni milli tirrevedi l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni prevalenti fost il-klijenti differenti ta' Solvay. Ksur minn Solvay tas-subparagrafu (c) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 82 KE jista' biss jiġi kkonstatat jekk il-klijenti ta' Solvay kienu f'sitwazzjoni ta' kompetizzjoni bejniethom, fil-każ partikolari mhux fis-suq tal-karbonat tas-soda, iżda fis-suq jew fis-swieq tal-ħġieġ, li jinsabu downstream. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta fil-punt 400 tas-sentenza appellata, hija kkunsidrat li kien biss is-suq tal-karbonat tas-soda u mhux dak tal-ħġieg li kien rilevanti.

108. Sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' abbuż fis-sens tas-subparagrafu (c) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 82 KE huwa ċertament biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-aġir tal-impriża f'pożizzjoni dominanti

91 — Sentenza British Airways (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 61, punt 143).

x'aktarx, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, kien iwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn l-imsieħba kummerċjali. F'sitwazzjoni bħal dik, ma għandux jeħtieġ li tingħata prova ulterjuri ta' deterjorament effettiv kwantifikabbli tal-pożizzjoni kompetittiva tal-imsieħba kummercjali meqjusa individwalment[92]. Il-Kummissjoni korrettament ġibdet l-attenzjoni ta' dan.

109. Madankollu, jikkostitwixxi żball ta' liġi l-fatt li, bħalma għamlet il-Qorti Ġenerali, tiġi kkunsidrata bħala totalment irrilevanti s-sitwazzjoni kompetittiva fis-suq downstream fejn joperaw il-klijenti tal-impriża f'pożizzjoni dominanti.

110. Kuntrarjament għal dak li sostniet il-Kummissjoni, dan l-iżball ta' liġi ma ġiex imminimizzat billi jiġi sostnut li l-klijenti Franċiżi inkwistjoni, Durant u Perrier, l-istess bħall-klijenti Ġermaniżi fis-settur tal-ħġieġ ċatt u tal-ħġieġ imħaffer, kienu biss każijiet eċċezzjonali. Meta l-Qorti Ġenerali tfittex żball ta' evalwazzjoni, fil-kuntest tal-eżami ta' lment issollevat minn parti fil-proċedura, li jista' jaffettwa xi każijiet partikolari indirizzati fid-deċiżjoni kkontestata, hija għandha d-dmir li twettaq dik ir-riċerka billi tuża kriterji ġuridikament korretti. Dan ma huwiex il-każ hawnhekk.

111. Is-sentenzi Hoffmann-La Roche[93] u Michelin I[94] ma jwasslu għal ebda konklużjoni f'sens kuntrarju. L-estratti minn dawn is-sentenzi invokati mill-Kummissjoni insostenn tal-analiżi tagħha ma jindirizzawx speċifikament l-applikazzjoni tas-subparagrafu (c) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 82 KE[95], iżda fihom indikazzjonijiet ġenerali fuq in-natura abbużiva ta' sistemi ta' skontijiet applikati minn impriża f'sitwazzjoni ta' pożizzjoni dominanti.

112. Fir-rigward tal-kumplament, huwa biżżejjed li jsir riferiment għas-sentenza dwar ħlasijiet fl-ajruporti fil-Portugall, li minnha l-Kummissjoni tiċċita estratt, sabiex jiġi apprezzat li s-sitwazzjoni kompetittiva applikabbli bejn l-imsieħba kummerċjali tal-impriża f'sitwazzjoni ta' pożizzjoni dominanti hija importanti. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja irreferiet espressament għal "vantaġġ ekonomiku mhux iġġustifikat" li jista' jingħata lill-benefiċċjarji tal-iskontijiet "fil-konfront tal-kompetituri tagħhom"[96]. [traduzzjoni mhux uffiċjali]

113. L-ewwel parti tad-disa' aggravju hija għalhekk fondata.

92 — Sentenza British Airways (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 61, punt 145).

93 — Sentenza Hoffmann-La Roche (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 40, punt 90).

94 — Sentenza Michelin I (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 60, punt 85); f'din is-sentenza, l-eżistenza ta' diskriminazzjoni ġiet skartata, b'mod li l-kwistjoni ta' żvantaġġ fil-kompetizzjoni ma tqumx iktar.

95 — It-tieni frażi tal-Artikolu 86(c) tat-Trattat KEE fiż-żmien tal-fatti inkwistjoni.

96 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Marzu 2001, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni (C-163/99, Ġabra p. I-2613, punt 52).

ii) It-tieni parti tad-disa' aggravju

114. It-tieni parti tad-disa' aggravju hija indirizzata speċifikament kontra l-punt 401 tas-sentenza appellata. F'din il-parti, is-sentenza tindirizza l-argument żviluppat fl-ewwel istanza minn Solvay rigward l-allegat sehem żgħir tal-karbonat tas-soda fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-ħġieġ. Il-Qorti Ġenerali indikat f'dan ir-rigward li Solvay ma kinitx "sostniet" din l-"affermazzjoni" li ma kinitx "ta' natura tali li tikkonfuta n-natura diskriminatorja tal-prattiċi li kienet akkużata bihom [Solvay]". Solvay issostni li meta għamlet hekk, il-Qorti Ġenerali, minn naħa, żnaturat l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha ppreżentati fl-ewwel istanza u, min-naħa l-oħra, kisret l-obbligu ta' motivazzjoni bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 36 u tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll tas-subparagrafu (c) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 82 KE [is-subparagrafu (c) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 82 KE].

— Fuq l-allegat żnaturament tal-osservazzjonijiet bil-miktub ta' Solvay

115. L-aggravju bbażat fuq l-iżnaturament tal-osservazzjonijiet bil-miktub jidher infondat. Ma teżisti ebda prova li tindika li l-Qorti Ġenerali manifestament fehmet ħażin l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-appellanti fl-ewwel istanza u li hija biddlitilhom il-kontenut[97]. Għandu jitfakkar li Solvay sostniet fl-ewwel istanza li l-karbonat tas-soda ma kienx jikkostitwixxi l-materja prima l-iktar importanti fil-manifattura tal-ħġieġ, għaliex l-ispejjeż tiegħu jammontaw għal bejn 2 u 6 % tal-prezz medju tal-bejgħ tal-ħġieġ. Il-Qorti Ġenerali kienet fedelment irriproduċiet din l-argumentazzjoni[98]. In-nuqqas ta' riferiment espress, fis-sentenza appellata, għal xi provi sussidjarji mressqa minn Solvay fir-replika tagħha ma jimplikax, minnu nnifsu, li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-mertu tal-argumentazzjoni ta' Solvay f'dan ir-rigward.

— Fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni

116. Il-pożizzjoni hija differenti fir-rigward tal-aggravju bbażat fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni. Kif diġà indikajt, il-motivazzjoni ta' sentenza għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-Qorti Ġenerali, b'mod li tippermetti lill-partijiet ikkonċernati jkunu jafu r-raġunijiet tad-deċiżjoni meħuda u lill-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-funzjoni tagħha ta' stħarriġ[99]. Anki

97 — Ara l-punt 94 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet dwar il-kriterju li għandu jiġi applikat bl-għan li jiġi stabbilit żnaturament tal-argumenti tal-partijiet.

98 — L-argument jinsab riassunt fil-punt 394 tas-sentenza appellata.

99 — Ara l-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22.

jekk jinqara b'tolleranza kbira, il-punt 401 tas-sentenza appellata ma jissodisfax dawn ir-rekwiżiti.

117. Il-Qorti Ġenerali ma tispjegax għal liema raġuni hija tikkunsidra li l-argumenti avvanzati minn Solvay dwar il-parti żgħira mill-ispiża tal-karbonat tas-soda għall-produtturi tal-ħġieġ ma ġewx "sostnuti". Ma jirriżultax b'mod partikolari mill-motivi tas-sentenza jekk il-Qorti Ġenerali ħaditx konjizzjoni tal-argument żviluppat minn Solvay fir-replika tagħha ppreżentata fl-ewwel istanza. F'din ir-replika, Solvay kienet invokat, insostenn tad-dikjarazzjoni tagħha dwar il-parti żgħira tal-ispejjeż, ir-regolament anti-dumping tal-Kummissjoni [100], li kien jistma għal 8 % il-parti tal-karbonat tas-soda mill-prezz tal-bejgħ tal-ħġieġ [101].

118. Il-Qorti Ġenerali ma tispjegax għal liema raġuni parti allegatament żgħira tal-karbonat tas-soda mill-prezz ta' bejgħ tal-ħġieġ ma kinitx ta' "natura li tpoġġi indiskussjoni n-natura diskriminatorja tal-prattiki li dwarhom ġiet akkużata r-rikorrenti". Huwa ċertament possibbli li raġunijiet tajba kienu jimmilitaw, fil-mertu, favur dikjarazzjoni simili [102], iżda s-sentenza appellata ma tagħmel ebda riferiment għalihom, lanqas inċidentalment.

119. Il-Qorti Ġenerali kienet ikkunsidrat li l-prezz ta' materja prima importanti kien *għal kollox irrilevanti* għall-għanijiet tal-evalwazzjoni ta' possibbiltà ta' diskriminazzjoni bejn il-klijenti ta' impriża f'sitwazzjoni ta' pożizzjoni dominanti? Jew hija kienet stmat li *dik il-parti li ġiet invokata minn Solvay* (2 sa 6 % tal-prezz ta' bejgħ) ma kellha ebda effett fuq in-natura diskriminatorja tal-prattiki kummerċjali inkwistjoni? U f'każ affermattiv, għal liema raġuni? Xi preċiżazzjonijiet fil-motivi tas-sentenza setgħu — u kellhom — jipprovdu l-kjarifiki neċessarji.

120. L-analiżi mill-Qorti Ġenerali fil-punt 401 tas-sentenza appellata ma tippermettix lil qarrej jifhem għal liema raġuni l-argumenti avvanzati minn Solvay dwar il-parti żgħira mill-prezz ta' karbonat tas-soda għall-produtturi tal-ħġieġ kienu nċaħdu. Minħabba dan, il-Qorti tal-Ġustizzja

100 — Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 823/95, tal-10 ta' April 1995, li kien introduċa dritt provviżorju anti-dumping fuq l-importazzjoni tal-karbonat tas-sodum li jiġi mill-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 83, p. 8).

101 — Il-parti rilevanti mit-62 premessa tar-Regolament Nru 823/95 tipprovdi kif ġej: "is-soda (kif komposta wara r-riċiklaġġ) tirrapreżenta massimu ta' 8 % mill-prezz ta' tunnellata ta' ħġieġ". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

102 — Distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn l-imsieħba kummerċjali tal-impriża f'sitwazzjoni ta' pożizzjoni dominanti tista' tiġi prodotta anki jekk dawn il-fatturi ma kinux dawk biss l-iktar importanti tal-kompetizzjoni bejn l-imsemmija msieħba kummerċjali illi kienu ġew affettwati. Il-vantaġġi mogħtija lil klijent partikolari ta' impriża f'sitwazzjoni ta' pożizzjoni dominanti fuq partijiet sekondarji mill-ispejjeż setgħu perfettament iservu ta' vantaġġi kompetittivi fil-konfront ta' klijenti oħra tal-istess impriża. Is-subparagrafu (c) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 82 KE (is-subparagrafu (c) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 102 TFUE) ma jeżiġix b'mod partikolari żvantaġġ *kbir* fil-kompetizzjoni. Interpretazzjoni daqstant ristrettiva ta' din id-dispożizzjoni tkun tfisser telf kunsiderevoli tal-effettività tar-regoli ta' kompetizzjoni tal-Unjoni. Dan ma jkunx konformi mal-prinċipju fundamentali ta' ekonomija fis-suq miftuħ fejn il-kompetizzjoni hija libera.

lanqas ma tista' teżerċita l-istħarriġ tagħha. Minn dan isegwi li l-motivazzjoni tas-sentenza appellata, fil-punt 401 tagħha, hija insuffiċjenti, b'mod li t-tieni parti tad-disa' aggravju għandha tintlaqa'.

121. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ma hemmx lok li jiġi eżaminat iktar l-aggravju bbażat fuq is-subparagrafu (c) tat-tieni paragrafu tal- Artikolu 102 TFUE. Fi kwalunkwe każ, dan l-aggravju ma għandux kontenut awtonomu fir-rigward tan-nuqqas ta' motivazzjoni invokata minn Solvay.

(iii) Riżultat intermedjarju

122. Fil-qosor, id-disa' aggravju huwa parzjalment fondat.

B — *Fuq il-projbizzjoni li jintużaw provi miġbura waqt l-ispezzjoni li twettqet f'April 1989 (it-tieni aggravju)*

123. Bit-tieni aggravju tagħha, li huwa indirizzat kontra l-punti 218 sa 230 tas-sentenza appellata, Solvay tinvoka ksur tal-Artikoli 14(3) u 20(1) tar-Regolament nru 17 (l-ewwel u t-tieni parti tat-tieni aggravju). L-imsemmija impriża takkuża wkoll lill-Qorti Ġenerali b'distorsjoni tal-fatti u tal-provi (it-tielet parti tat-tieni aggravju).

124. L-imsemmi aggravju huwa bbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni fil-5 ta' April 1989 li ordnat spezzjoni fil-bini tal-impriżi li kienu jinnegozjaw fis-suq Ewropew tal-karbonat tas-soda kienet tirreferi biss għal ksur possibbli tal-Artikolu 85 tat-Trattat KEE (akkordji jew prattiki miftiehma), filwaqt li d-deċiżjoni kkontestata li timponi multa kkonstatat ksur tal-Artikolu 86 tat-Trattat KEE u/jew tal-Artikolu 82 KE (abbuż ta' pożizzjoni dominanti). Skont Solvay, il-provi miġbura waqt spezzjoni marbuta mal-Artikolu 85 tat-Trattat KEE ma setgħux iservu bħala bażi għal deċiżjoni skont l-Artikolu 86 tat-Trattat KEE u/jew tal-Artikolu 82 KE.

1. Ammissibbiltà tat-tieni aggravju

125. Il-Kummissjoni tikkunsidra li t-tieni aggravju ma huwiex ammissibbli għaliex huwa bbażat fuq l-istess motivi li kienu diġà tressqu minn Solvay fl-ewwel istanza.

126. Din l-oġġezzjoni hija infondata.

127. Huwa veru li r-rikorrenti ma għandhiex tkun illimitata li tirrepeti jew tipproduċi testwalment il-motivi u l-argumenti li hija tkun diġà ppreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali [103]. Il-punti ta' liġi eżaminati fl-ewwel istanza jistgħu jiġu diskussi mill-ġdid matul l-appell, ladarba parti tikkontesta l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, jekk parti ma tkunx tista' tibbaża l-appell tagħha ħlief fuq il-motivi u l-argumenti diġà użati quddiem il-Qorti Ġenerali, il-proċedura ta' appell tiċċaħħad minn parti mill-iskop tagħha [104].

128. Fl-appell tagħha, Solvay tindirizza fid-dettall il-punti 218 sa 230 tas-sentenza appellata u tifformola kritiki konkreti, billi tibbaża ruħha fuq sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, dwar l-analiżi mill-Qorti Ġenerali. Għaldaqstant, sempliċi repetizzjoni globali tal-motiv invokat fl-ewwel istanza tista' tiġi eskluża.

129. Konsegwentement, l-ammissibbiltà tat-tieni aggravju ma tistax tiġi serjament ikkontestata.

103 — Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' April 1993, Kupka-Floridi vs CES (C-244/92 P, Ġabra p. I-2041, punt 10); sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Lulju 2000, Bergaderm u Goupil vs Il-Kummissjoni (C-352/98 P, Ġabra p. I-5291, punt 35), u France Télécom vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punt 69).

104 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Marzu 2004, Médiateur vs Lamberts (C-234/02 P, Ġabra p. I-2803, punt 75), Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29, punt 112); tal-21 ta' Settembru 2010, Suède/API vs Il-Kummissjoni (C-514/07 P, C-528/07 P u C-532/07 P, Ġabra p. I-8533, punt 116), u Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punt 25).

2. Il-mertu tat-tieni aggravju

(a) Fuq l-ewwel u t-tieni parti tat-tieni aggravju [ksur tal-Artikoli 14(3) u 20(1) tar-Regolament Nru 17]

130. Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 17, l-informazzjoni miġbura fil-kuntest ta' spezzjoni taħt id-dritt tal-kompetizzjoni ordnata mill-Kummissjoni ma tistax tiġi użata ħlief għall-iskop li tintalab għaliha. Dik id-dispożizzjoni għalhekk tissottometti l-provi miġbura mill-Kummissjoni minn naħa, għal applikazzjoni speċifika u min-naħa l-oħra, għal projbizzjoni ta' użu għal skopijiet oħra.

131. Fil-każ inkwistjoni, il-firxa tal-imsemmija applikazzjoni speċifika u l-projbizzjoni ta' użu għal skopijiet oħra jiffurmaw is-suġġett tal-kawża. Il-partijiet ma jaqblux bejniethom fuq il-punt jekk, għall-finijiet tal-konstatazzjoni tal-abbuż ta' pożizzjoni dominanti, huwiex permissibbli li l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq provi miġbura preċedentement waqt l-ispezzjoni dwar allegati ksur tal-projbizzjoni ta' akkordji antikompetittivi bejn impriżi li joperaw fl-istess suq.

132. Il-kliem tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 17 ma jagħtix indikazzjoni konkreta f'dan ir-rigward. Għandu

għalhekk isir riferiment għall-għan ta' din id-dispożizzjoni.

133. Huwa ammess li l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 17 huwa intiż li jipproteġi d-drittijiet tad-difiża tal-impriżi li jkunu suġġetti għal miżuri ta' spezzjoni diliġenti mill-Kummissjoni [105]. Kif indikat il-Qorti tal-Ġustizzja, dawn id-drittijiet ikunu serjament kompromessi jekk il-Kummissjoni tista' tinvoka fir-rigward ta' impriżi provi li, miksuba waqt spezzjoni, ma jkunux rilevanti għas-suġġett u l-għan ta' tali spezzjoni [106].

134. Is-suġġett u l-għan tal-ispezzjoni inkwistjoni jiddeterminaw għalhekk il-portata tal-applikazzjoni speċifika u l-projbizzjoni ta' użu msemmija fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 17. Dawn jirriżultaw mill-mandat ta' spezzjoni stabbilit mill-Kummissjoni [107]. Skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament Nru 17, huma kellhom jiġu indikati fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ordnat l-ispezzjoni, u dan jikkostitwixxi garanzija fundamentali tad-drittijiet tad-difiża tal-impriżi kkonċernati [108].

105 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Ottubru 1989, Dow Benelux vs Il-Kummissjoni ("Dow Benelux", 85/87, Ġabra p. 3137, punt 18), u tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni (magħrufa bħala "PVC II", C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, Ġabra p. I-8375, punt 299).

106 — Sentenzi Dow Benelux (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105, punt 18), PVC II (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105, punt 300) u tat-22 ta' Ottubru 2002, Roquette Frères (C-94/00, Ġabra p. I-9011, punt 48).

107 — Ara f'dan is-sens, is-sentenza Dow Benelux (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105, punt 17).

108 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Settembru 1989, Hoechst vs Il-Kummissjoni ("Hoechst", 46/87 u 227/88, Ġabra p. 2859, punt 41); ara wkoll Sentenza Roquette Frères (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 106, punt 47).

135. Fil-każ inkwistjoni, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' April 1989 li bis-saħħa tagħha wettqet spezzjoni fil-bini ta' Solvay kienet tirreferi biss għall-Artikolu 85 tat-Trattat KEE [109]. Skont il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni riedet biss tivverifika jekk Solvay kinitx ipparteċipat f'akkordji u/jew prattiki miftiehma. Ma hemm xejn li jippermetti li jiġi kkunsidrat li abbuż ta' pożizzjoni dominanti kien ukoll issuspettat [110].

136. Minn dawn il-fatti kollha, Solvay tiddeduċi li ma kienx possibbli li jintużaw il-provi miġbura waqt l-ispezzjoni għall-finijiet li jiġi kkonstatat abbuż ta' pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 82 KE (qabel l-Artikolu 86 tat-Trattat KEE).

137. Din l-analiżi ma tikkonvinċinix.

138. F'deċiżjoni ta' spezzjoni, il-Kummissjoni għandha ċertament "tindika b'mod ċar il-fatti allegati li hija beħsiebha tivverifika" [111] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Dan ir-rekwiżit għandu bħala għan li jevita li l-ispezzjonijiet isiru bl-addoċċ mill-Kummissjoni, mingħajr suspetti konkreti [112],

109 — Ara l-punt 220 tas-sentenza appellata.

110 — Punt 222 tas-sentenza appellata.

111 — Sentenza Hoechst (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 108, punt 41, fl-aħħar).

112 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mischo tal-21 ta' Frar 1989 fil-kawża Hoechst (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 108, punt 206).

prassi li bl-Ingliż sikwit tissejjaħ "fishing expeditions".

139. L-obbligu li jiġu indikati s-suġġett u l-għan ta' spezzjoni ma jimplikax madankollu l-obbligu li jiġu ddeterminati b'mod definittiv id-dispożizzjonijiet kollha li setgħu nkisru mill-impriża kkonċernata. Fil-fatt, f'dan l-istadju bikri tal-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni ma tistax tipproċedi għal klassifikazzjoni ġuridika rigoruża tal-ksur preżunt [113].

140. Jista' jkun partikolarment diffiċli f'ċerti każijiet li jiġi evalwat minn quddiem jekk l-aġir ta' impriża li tokkupa pożizzjoni dominanti qawwija fis-suq jikkostitwixxix ksur tal-projbizzjoni ta' akkordji (Artikolu 85 tat-Trattat KEE, Artikolu 81 KE, u Artikolu 101 TFUE) jew abbuż ta' pożizzjoni dominanti (Artikolu 86 tat-Trattat KEE, Artikolu 82 KE, u Artikolu 102 TFUE). Il-Kummissjoni ġustament tosserva, f'dan ir-rigward, li l-iskop *ratione materiae* tal- projbizzjoni tal-akkordji u tal-projbizzjoni ta' abbużi ta' pożizzjoni dominanti jistgħu jikkoinċidi [114].

141. Minbarra dan, l-ispezzjonijiet, kemm taħt dispożizzjoni minnhom kif ukoll taħt l-oħra, għandhom l-istess għan bażiku, jiġifieri li jikkontribwixxu għall-osservanza tar-regoli tal-kompetizzjoni tat-trattati u li jiżguraw li ma jkunx hemm distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern [115].

142. F'dan il-kuntest, ikun approċċ restrittiv u formalistiku żżejjed jekk is-suġġett u l-għan ta' spezzjoni skont ir-regoli tal-kompetizzjoni jiġu limitati mill-bidu għal dispożizzjoni sostantiva speċifika, espressament koperta bil-mandat ta' spezzjoni, għall-esklużjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni oħra.

143. Fil-kuntest ta' spezzjoni skont ir-regoli tal-kompetizzjoni, l-għan primarju ikun dak li jiġu stabbiliti fatti u li jinġabru provi [116], pereżempju rigward l-eżistenza ta' ftehim milħuq bejn impriżi jew ta' aġir partikolari fis-suq, kif ukoll ta' fatturi ekonomiċi li jkunu l-bażi ta' dawk il-fatti.

144. Ikun biss iktar tard matul il-proċedura amministrattiva, jiġifieri fl-ewwel pass, provviżorjament, fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, u mbagħad, b'mod definittiv,

113 — Sentenza Hoechst (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 108, punt 41, fl-aħħar).

114 — Il-Kummissjoni tirreferi, f'dan ir-rigward, għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Ottubru 2003, Van den Bergh Foods vs Il-Kummissjoni (T-65/98, Ġabra p. II-4653), li ġiet ikkonfermata bid-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja Unilever Bestfoods vs Il-Kummissjoni (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 77).

115 — Fuq is-sitwazzjoni ġuridika fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, ara l-Artikolu 3(1)(g) KE. Il-protokoll nru 27 fuq is-suq intern u l-kompetizzjoni, anness mat-Trattat ta' Lisbona (ĠU 2010, C 83, p. 309), essenzjalment jieħu dawn il-prinċipji, kif ukoll il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat reċentement fir-rigward tal-Artikolu 102 TFUE (Sentenza TeliaSonera Sverige, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 65, punti 20 sa 22). Ara, ukoll, l-Artikolu 119(1) TFUE (qabel Artikolu 4 KE), li jipprovdi li l-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jikkonformaw ruħhom mal-prinċipju ta' ekonomija tas-suq miftuħ fejn il-kompetizzjoni hija ħielsa.

116 — Ara, f'dan is-sens ukoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża Hoechst (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 108, punt 174).

meta tadotta d-deċiżjoni finali tagħha, li l-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti li tkun stabbilixxiet l-investigazzjoni tagħha [117]. Dan ma jaffettwax l-għażliet miftuħa għall-impriżi kkonċernati rigward id-difiża tagħhom: għall-kuntrarju dawn huma preċiżament protetti bid-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet u bid-dritt għal smigħ marbuta magħha.

145. Huwa għalhekk li l-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi meta ddeċidiet li d-dokumenti miksuba waqt l-ispezzjoni ta' April 1989 jistgħu wkoll jintużaw fil-kuntest tad-deċiżjoni kkontestata, ibbażata fuq l-Artikolu 82 KE [118].

(b) Fuq it-tielet parti tat-tieni aggravju (ilment ibbażat fuq żnaturament tal-fatti)

146. Solvay tikkritika wkoll lill-Qorti Ġenerali, fil-kuntest tat-tieni aggravju, li żnaturat il-fatti. Il-Qorti Ġenerali kienet ibbażat ruħha skorrettament fuq xebh bejn l-akkordji jew prattiki miftiehma li tissejjes fuqhom l-ispezzjoni tal-1989 u l-abbuż ta' pożizzjoni dominanti, bħal dik ikkonstatata fid-deċiżjoni kkontestata [119].

147. Dan l-aggravju huwa wkoll infondat. Huwa bbażat fuq qari skorrett tas-sentenza appellata.

148. L-appellanti tonqos milli tirrikonoxxi li l-Qorti Ġenerali ma kkunsidratx bħala simili l-ksur, bħala tali, imsemmi fl-Artikolu 85 tat-Trattat KEE (Artikolu 81 KE, Artikolu 101 TFUE) u fl-Artikolu 86 tat-Trattat KEE (Artikolu 82 KE, Artikolu 102 TFUE), iżda biss il-fatti ("prattiki") li dwarhom investigat il-Kummissjoni fil-kuntest tal-ispezzjoni tagħha u li hija finalment ukoll ibbażat fuqhom id-deċiżjoni kkontestata [120]. Madankollu, huma preċiżament dawn il-fatti, u mhux il-klassifikazzjoni ġuridika tagħhom, li huma kruċjali meta jiġi evalwat jekk il-Kummissjoni kisritx l-applikazzjoni speċifika u l-projbizzjoni ta' użu fis-sens tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 17 [121].

149. Kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali [122], mingħajr ma ġiet kontradetta fuq dan il-punt, kemm il-mandat ta' spezzjoni għall-ispezzjoni

117 — Ara, f'dan l-istess sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mischo fil-Kawża Hoechst (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 108, punt 176).

118 — Ara b'mod partikolari l-punt 228 tas-sentenza appellata.

119 — Solvay tinvoka xi ħaġa simili fil-konklużjoni tal-analiżi tagħha fl-ewwel parti tat-tieni aggravju.

120 — Punt 225 ("prattiki") u punt 226 ("fatti") tas-sentenza appellata.

121 — Ara wkoll, fuq dan il-punt, il-punti 139 u 143 ta' dawn il-konklużjonijiet.

122 — Punti 223 u 224 tas-sentenza appellata.

tal-1989 kif ukoll id-deċiżjoni kkontestata li ġiet adottatata fl-2000 kienu b'mod partikolari intiżi għall-implementazzjoni ta' ftehim ta' xiri esklużiv. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti Ġenerali setgħet tiddeċiedi, mingħajr ma twettaq żball, li d-deċiżjoni inkwistjoni kienet suffiċjentement marbuta mas-suġġett u l-għan tal-ispezzjoni tal-1989 [123], b'mod li l-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 17 ma nkisritx.

(c) Riżultat intermedjarju

150. It-tieni aggravju huwa għalhekk kompletament infondat.

C — *Fuq id-drittijiet tad-difiża (it-tielet, ir-raba' u l-ħames aggravji)*

151. It-tielet, ir-raba' u l-ħames aggravji ta' Solvay huma essenzjalment ibbażati fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża.

152. Ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża fil-proċeduri kollha li jistgħu jwasslu għal sanzjoni, b'mod partikolari għal multi jew pagamenti ta' penalità, jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni li kien ripetutament enfasizzat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [124]. Huwa wkoll stabbilit fl-Artikolu 41(2)(a) u fl-Artikolu 48(2) tal-Karta Dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni [125].

153. L-ilmenti invokati minn Solvay fil-kuntest tat-tielet, ir-raba' u l-ħames aggravji fihom importanza fundamentali u jagħtu lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiċċara l-ġurisprudenza tagħha dwar id-drittijiet tad-difiża fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva fil-qasam tal-kompetizzjoni.

154. Il-proċedura li jirreferu għaliha dawn it-tlett aggravji żvolġiet kif ġej:

— Qabel l-adozzjoni tal-ewwel deċiżjoni tal-Kummissjoni li imponiet multa f'din il-kawża, fl-1990 (Deċiżjoni 91/299), Solvay stiednuha tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha abbażi ta' dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet [126]. Madankollu, Solvay

123 — Punt 226 tas-sentenza appellata.

124 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Settembru 2010, Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni *et* (C-550/07 P, Ġabra p. I-8301, punt 92); ara wkoll is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Ottubru 2003, Thyssen Stahl vs Il-Kummissjoni ("Thyssen Stahl", C-194/99 P, Ġabra p. I-10821, punt 30), u tat-3 ta' Settembru 2009, Papierfabrik August Koehler vs Il-Kummissjoni (C-322/07 P, C-327/07 P u C-338/07 P, Ġabra p. I-7191, punt 34).

125 — Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ġiet sollennement iddikjarata l-ewwel darba f'Nice fis-7 ta' Diċembru 2000 (ĠU C 364, p. 1), u mbagħad, it-tieni darba fi Strasbourg fit-12 ta' Diċembru 2007 (ĠU C 303, p. 1 u ĠU 2010, C 83, p. 389).

126 — Punti 24 u 27 tas-sentenza appellata.

ma ngħatatx aċċess xieraq għall-fajl; l-impriża rċeviet biss kopji ta' dokumenti inkriminanti li fuqhom il-Kummissjoni bbażat id-diversi ilmenti tagħha [127]. Din il-prassi kellha l-iskop li "tissimplifika l-proċedura" [128].

— Fl-2000, jiġifieri qabel l-adozzjoni tat-tieni deċiżjoni li imponiet multa, li tikkostitwixxi d-deċiżjoni kkontestata (Deċiżjoni 2003/6), ma saritx il-proċedura ta' smigħ mill-ġdid ta' Solvay [129] u l-impriża ma bbenefikatx minn aċċess għall-fajl [130].

— Kien biss fit-tieni proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali (Kawża T-57/01) li l-Kummissjoni pproduċiet parti mill-fajl tal-inkjesta, bħala risposta għat-talbiet repetuti tal-Qorti Ġenerali permezz ta' miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura [131]. Fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, Solvay setgħet tikkonsulta numru kbir ta' dokumenti li ma kellhiex aċċess għalihom qabel. L-impriża setgħet ukoll tippreżenta lill-Qorti Ġenerali s-sottomissjonijiet tagħha dwar l-utilità tad-dokumenti kkonsultati għad-difiża tagħha [132].

— Quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni kellha tammetti li hija tilfet il-kumplament tal-fajl, f'dan il-każ ħames faxxikoli [133]. Il-Kummissjoni lanqas kienet f'pożizzjoni li tipprovdi lill-Qorti Ġenerali lista eżawrjenti tad-dokumenti mitlufa [134].

155. F'dawn iċ-ċirkustanzi, Solvay tinvoka minn naħa ksur tad-dritt tagħha ta' aċċess għall-fajl (it-tielet u r-raba' aggravji, ara iktar 'l isfel, taħt 1.) u min-naħa l-oħra, ksur tad-dritt tagħha għal smigħ (il-ħames aggravju, ara iktar 'l isfel, taħt 2.).

1. Fuq id-dritt ta' aċċess għall-fajl (it-tielet u r-raba' aggravji)

156. Korollarju tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża, id-dritt ta' aċċess għall-fajl ifisser li l-Kummissjoni għandha tagħti lill-impriża kkonċernata l-possibbiltà li teżamina d-dokumenti kollha li jinsabu fil-fajl tal-inkjesta li jistgħu jkunu rilevanti għad-difiża. Dawn tal-aħħar jinkludu kemm id-dokumenti inkriminanti kif ukoll dawk li jiskaġunaw, salv is-sigrieti kummerċjali ta' impriżi oħra, dokumenti interni tal-Kummissjoni u informazzjoni kunfidenzjali oħra [135].

127 — Punti 24, 450 u 451 tas-sentenza appellata.
128 — Punt 451 tas-sentenza appellata.
129 — Punt 43 tas-sentenza appellata u l-premessa 199 tad-deċiżjoni kkontestata.
130 — Punti 455 u 456 tas-sentenza appellata.
131 — Punti 57 sa 65 tas-sentenza appellata.
132 — Punti 67 u 68 tas-sentenza appellata.
133 — Punti 65, 66 u 462 tas-sentenza appellata.
134 — Punti 66, 454 u 464 tas-sentenza appellata.
135 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja Aalborg Portland (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punt 68) u tal-1 ta' Lulju 2010, Knauf Gips vs Il-Kummissjoni ("Knauf Gips", C-407/08 P, Ġabra p. I-6375, punt 22).

157. Huwa paċifiku li, matul il-proċedura amministrattiva, il-Kummissjoni nnotifikat lil Solvay biss bid-dokumenti li nstabu fil-fajl li hija bbażat ruħha fuqhom fid-deċiżjoni kkontestata fil-konfront tagħha. Numru ta' dokumenti oħra li għalihom Solvay kellha d-dritt ta' aċċess bis-saħħa tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża ma żvelawhomlhiex. Il-Kummissjoni għalhekk kisret garanzija proċedurali essenzjali [136] li toħroġ mid-dritt għal amministrazzjoni tajba [137]. Dan il-ksur li seħħ ma jistax jiġi rrimedjat bil-fatt biss li l-aċċess għall-fajl kien sar possibbli matul il-proċedura kontenzjuża dwar eventwali rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata [138].

158. Il-partijiet fil-proċedura ma jaqblux fuq il-punt jekk il-Qorti Ġenerali kellhiex tannulla d-deċiżjoni kkontestata fid-dawl tal-irregolarità tal-proċedura inkwistjoni. Skont ġurisprudenza stabbilita, bħala regola ġenerali, il-ksur tad-dritt ta' aċċess għall-fajl mill-Kummissjoni matul il-proċedura qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni ma huwiex kapaċi li jwassal għall-annullament ta' dik id-deċiżjoni ħlief jekk kien hemm preġudizzju tad-drittijiet tad-difiża tal-impriża kkonċernata [139].

159. Kuntrarjament għall-Kummissjoni u għall-Qorti Ġenerali, Solvay tikkunsidra li dan wassal għal preġudizzju tad-drittijiet tad-difiża tagħha u tinvoka numru ta' argumenti insostenn tal-analiżi tagħha. F'dan ir-rigward, l-appellanti tibbaża ruħha primarjament fuq il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni dwar ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża, il-preżunzjoni tal-innoċenza u l-allokazzjoni tal-oneru tal-prova. Solvay tallega wkoll ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 36 u tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 53 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, u ta' ksur tal-Artikoli 47(2), 48 u 52(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll tal-Artikolu 6 tal-KEDB u tal-Artikolu 6(1) TUE.

160. Solvay ma tiżviluppax, madankollu, l-argumentazzjoni tagħha ħlief dwar ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża, u, b'mod iktar marġinali, dwar il-preżunzjoni ta' innoċenza. Ir-riferimenti okkażżjonali tagħha għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għall-Artikolu 6 tal-KEDB u għall-Artikolu 6(1) TUE ma

136 — Il-Qorti Ġenerali tirrikonoxxi wkoll l-eżistenza ta' din l-irregolarità proċedurali fil-punti 453 sa 456 tas-sentenza appellata.

137 — Ara, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 41(2)(b) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

138 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Lulju 1999, Hercules Chemicals vs Il-Kummissjoni ("Hercules", C-51/92 P, Ġabra p. I-4235, punt 78); tat-2 ta' Ottubru 2003, Corus UK vs Il-Kummissjoni ("Corus UK", C-199/99 P, Ġabra p. I-11177, punt 128), tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni (imsejħa "PVC II", C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, Ġabra p. I-8375, punt 318), u Aalborg Portland (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punt 104); Ara wkoll is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Ġunju 1995, Solvay vs Il-Kummissjoni (T-30/91, Ġabra p. II-1775, punt 98) u ICI vs Il-Kummissjoni (T-36/91, Ġabra p. II-1847, punt 108).

139 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja Hercules (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 138, punt 77), Corus UK (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 138, punt 127), u PVC II (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105, punti 317, 322 u 323).

għandhomx natura awtonoma u għalhekk ma hemmx bżonn li jiġu analizzati fil-fond. Rigward l-Artikolu 6(1) TUE, biżżejjed li jiġi osservat li dik id-dispożizzjoni ma twassalx, fiha nnifisha, għal dritt fundamentali. L-Artikolu 6 tal-KEDB ma huwiex direttament applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni peress li din tal-aħħar ma hijiex parti kontraenti tal-KEDB [140], iżda dan jittieħed inkunsiderazzjoni fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti mid-dritt tal-Unjoni li huma msemmija fl-appell [141].

161. Għall-finijiet ta' evalwazzjoni tal-aggravji ta' Solvay dwar ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża, il-preżunzjoni ta' innoċenza u l-obbligu ta' motivazzjoni, jiena nipproponi li nsegwi l-ordni ta' eżami ssuġġerit mill-Kummissjoni, li jsegwi l-istruttura tas-sentenza appellata. Dan għaliex jiena ser nikkummenta fuq l-ammissibbiltà tat-tielet u r-raba' aggravji (ara taħt a), qabel ma nindirizza l-aggravji dwar l-aċċessibbiltà tad-dokumenti fl-ewwel istanza (ir-raba' aggravju, ara taħt (b); imbagħad ser neżamina l-aggravji dwar il-partijiet li għebu mill-fajl (it-tielet aggravju, ara taħt (c).

(a) Ammissibbiltà tat-tielet u r-raba' aggravji

162. Il-Kummissjoni tikkontesta l-ammissibbiltà tar-raba' aggravju u ta' parti tat-tielet aggravju. Hija ssostni li l-evalwazzjoni tal-użu ta' wħud mid-dokumenti għad-difiża tal-impriża inkwistjoni tirriżulta f'evalwazzjoni ta' fatti u ta' provi li jaqgħu fl-evalwazzjoni sovrana tal-Qorti Ġenerali u ma humiex, bħala regola ġenerali, suġġetti għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell.

163. Din it-teżi ma tikkonvinċinix. Fil-każ inkwistjoni, ma hemmx talba sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tissostitwixxi l-evalwazzjoni proprja tagħha għal dik tal-Qorti Ġenerali f'dak li jirrigwarda l-użu ta' wħud mid-dokumenti fil-fajl [142]. Hija pjuttost tintalab

140 — Artikolu 6(2) TUE kif jirriżulta mit-Trattat ta' Lisbona.

141 — Ara, *ex multis*, is-sentenza Aalborg Portland (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punt 64); f'dak l-istess sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Marzu 2000, Krombach (C-7/98, Ġabra p. I-1935, punti 25 u 26); tal-14 ta' Frar 2008, Varec (C-450/06, Ġabra p. I-581, punti 44 u 46), u tat-23 ta' Diċembru 2009, Spector Photo Group u Van Raemdonck (C-45/08, Ġabra p. I-12073, punt 43).

142 — Effettivament dan ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni tagħha: ara s-sentenzi PVC II (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105, punti 330 u 331), u Aalborg Portland (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punt 77 moqri flimkien mal-punt 76).

tivverifika jekk l-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi mill-Qorti Ġenerali twettqitx skont il-kriterji u l-prinċipji rikjesti. Din hija kwistjoni ta' dritt li hija suġġetta għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell [143].

(b) Fuq il-partijiet mill-fajl li ma setgħux jiġu kkonsultati ħlief fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali (ir-raba' aggravju)

164. Ir-raba' aggravju huwa indirizzat kontra l-punti 417 sa 446 tas-sentenza appellata, li huma ddedikati għall-użu tad-dokumenti tal-fajl kkonsultati għall-finijiet tad-difiża ta' Solvay. Ladarba l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li din l-utilità ma ġietx ippruvata, hija kkonkludiet li l-Kummissjoni ma kinitx kisret id-drittijiet tad-difiża [144].

(i) L-ewwel parti tar-raba' aggravju

165. L-ewwel parti tar-raba' aggravju tissolleva żewġ ilmenti kontra s-sentenza appellata li minnhom wieħed jidhirli infondat, iżda l-ieħor fondat.

166. L-appellanti tikkunsidra minn naħa li l-Qorti Ġenerali kellha qabel xejn twettaq stħarriġ tal-ksur tad-drittijiet tad-difiża allegati fl-ewwel istanza, jiġifieri qabel l-eżami tal-aggravji bbażati fuq l-iżbalji ta' evalwazzjoni tal-mertu. Meta ma għamlitx dan, il-Qorti Ġenerali ħadet ir-riskju li tevalwa l-użu tad-dokumenti differenti għall-finijiet tad-difiża ta' impriża u influwenzat ruħha fil-konklużjonijiet tagħha rigward l-evalwazzjoni tal-mertu tad-deċiżjoni kkontestata.

167. Dan l-ewwel aggravju għandu jinċaħad. Kif tirrileva korrettament il-Kummissjoni, ma hemmx ordni loġika li għandha tiġi rrispettata fl-eżami tal-aggravji proċedurali u dawk fuq il-mertu [145]. (Fil-kuntest tat-tielet aggravju, għandu jiġi mistoqsi jekk huwiex permissibbli għall-Qorti Ġenerali li tinfluwenza ruħha, fl-evalwazzjoni fil-fond tal-aggravji proċedurali, mir-riżultat tal-evalwazzjoni tagħha tal-aggravji fuq il-mertu invokati minn impriża [146]).

168. L-appellanti tikkritika minn naħa l-oħra lill-Qorti Ġenerali li adottat interpretazzjoni ristrettiva żżejjed tal-iskop tal-aċċess għall-fajl. Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali ma kellhiex tinnega l-użu għad-difiża ta' diversi

143 — Sentenza Aalborg Portland (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punt 125); ara, sussidjarjament punt 73 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet u l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 58.

144 — Punt 446 tas-sentenza appellata.

145 — Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha lok, f'ċerti każijiet, teżamina l-kwistjonijiet fuq il-mertu qabel l-eżami tal-aggravju proċedurali: ara, pereżempju is-sentenzi Corus UK (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 138, punti 72 sa 114 u 115 sa 138), u tat-18 ta' Settembru 2003, Volkswagen vs Il-Kummissjoni (C-338/00 P, Ġabra p. I-9189, punti 38 sa 105 u 106 sa 117).

146 — Ara hawn taħt il-punti 197 sa 200 ta' dawn il-konklużjonijiet.

dokumenti għar-raġuni li Solvay kienet diġà taf minn qabel il-provi li nstabu fihom jew li ntrabtu ma' argumenti invokati diġà mill-impriża.

169. Għall-kuntrarju tal-ewwel aggravju dan it-tieni aggravju huwa fondat.

170. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl huwa intiż li jiggarantixxi lill-impriżi li jipparteċipaw fil-proċedura amministrattiva u li jinsabu akkużati bi ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni (dawk l-istess li jissejħu "impriżi kkonċernati") eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża [147]. Dan l-aċċess għandu jippermettilhom isiru jafu bil-provi li jinsabu fil-fajl tal-Kummissjoni, sabiex ikunu jistgħu jippronunzjaw ruħhom b'mod utli, abbażi ta' dawn il-provi, fuq il-konklużjonijiet li tasal għalihom il-Kummissjoni fid-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet tagħha [148]. Dan jikkontribwixxi wkoll sabiex jiżgura opportunitajiet ugwali bejn l-impriżi kkonċernati u l-Kummissjoni u wkoll, fl-aħħar mill-aħħar, proċedura amministrattiva ġusta.

171. Meta dokument eżoneranti ma jkunx ġie nnotifikat lil impriża kkonċernata matul il-proċedura amministrattiva, din għandha sussegwentement tipprova biss li n-nuqqas ta' dik in-notifika seta' jinfluwenza, għad-detriment tagħha, l-iżvolġiment tal-proċedura u l-kontenut tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni [149]. Għalhekk huwa biżżejjed li l-impriża turi li hija setgħet tuża dawk id-dokumenti eżoneranti għad-difiża tagħha [150].

172. Huwa ċert li dan japplika fl-ewwel lok għal dokumenti li kienu jippermettu lill-impriża kkonċernata tinvoka provi ġodda matul il-proċedura amministrattiva. Fis-sentenza Aalborg Portland, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet irreferiet f'dan ir-rigward għall-provi "li ma kinux jaqblu mal-konklużjonijiet li waslet għalihom f'dan l-istadju il-Kummissjoni u li setgħu jinfluwenzaw, bi kwalsiasi mod, l-evalwazzjonijiet imwettqa minn din tal-aħħar fl-eventwali deċiżjoni tagħha, minn tal-inqas f'dak li jirrigwarda l-gravità u t-tul tal-imġieba li hija akkużata bihom l-impriża u għalhekk, fuq l-ammont tal-multa" [151]. [traduzzjoni mhux uffiċjali]

173. Għaldaqstant, jiena ma nikkunsidrax li mis-sentenza Aalborg Portland u minn diversi

147 — Sentenzi Hercules (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 138, punt 76); Corus UK (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 138, punt 126); PVC II (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105, punt 315), u tat-10 ta' Mejju 2007, SGL Carbon vs Il-Kummissjoni (C-328/05 P, Ġabra p. I-3921, punt 55).

148 — Sentenzi Hercules (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 138, punt 75); Corus UK (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 138, punt 125), u PVC II (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105, punt 315).

149 — Sentenzi Aalborg Portland (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punt 74) u Knauf Gips (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 135, punt 23).

150 — Sentenzi PVC II (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105, punti 318 u 324); Aalborg Portland (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punt 75), u Knauf Gips (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 135, punt 23).

151 — Sentenza Aalborg Portland (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punt 75); ara wkoll sentenza Knauf Gips (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 135, punt 23 u punt 28 *in fine* li tibbaża ruħha fuq il-fatt li l-Kummissjoni kienet diġà ħadet inkunsiderazzjoni diversi argumenti fid-deċiżjoni kkontestata).

sentenzi oħra redatti f'termini simili[152] jista' jiġi dedott li hemm limitazzjoni ġenerali tas-suġġett tad-dritt ta' aċċess għall-fajl fid-dawl ta' provi ġodda. Għall-kuntrarju jidhirli li l-Qorti tal-Ġustizzja ma riditx teskludi mill-ewwel, u dan mis-sentenza Aalborg Portland, li d-dritt ta' aċċess għall-fajl ikollu għanijiet oħra, u dan b'mod partikolari fir-rigward ta' provi li "setgħu għalhekk influwenzaw, bi kwalsiasi mod" l-evalwazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni[153].[traduzzjoni mhux uffiċjali]

174. Kif tirrileva ġustament Solvay, id-dritt ta' aċċess għall-fajl ma għandux biss l-għan li jippermetti lill-impriża kkonċernata tiżviluppa motivi ġodda jew argumenti ġodda matul il-proċedura amministrattiva. Fil-fatt, l-aċċess għall-fajl jippreżenta interess prattiku kunsiderevoli, anki sa fejn huwa jippermetti lill-impriża kkonċernata tqabbel il-pożizzjoni li hija tiddefendi matul il-proċedura amministrattiva mal-osservazzjonijiet li jsiru minn terzi, bħal ma huma klijenti, kompetituri jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi. L-impriża kkonċernata tista' b'mod partikolari, jekk ikun il-każ, tuża' dawn l-osservazzjonijiet li jsiru minn terzi bl-iskop li ssostni aħjar l-argumenti tagħha fil-konfront tal-Kummissjoni.

152 — Ara s-sentenza Corus UK (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 138, punt 134), invokata mill-Kummissjoni, kif ukoll is-sentenza Knauf Gips (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 135, punt 23 u punt 28 *in fine*).

153 — Sentenza Aalborg Portland (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punt 75), ikkonfermata reċentement mis-sentenza Knauf Gips (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 135, punt 23).

175. Huwa evidenti li l-argumenti difiżi mill-impriża kkonċernata fir-rigward tal-Kummissjoni jista' jkollhom iktar saħħa meta jkunu jistgħu jiġu bbażati mhux biss fuq id-dokumenti jew sorsi interni tal-imsemmija impriża jew fuq sorsi aċċessibbli għall-pubbliku, iżda jekk jistgħu wkoll jiġu kkonfermati b'dokumenti provenjenti minn terzi, li jiddefendu, jekk ikun il-każ, interessi opposti[154]. Fil-fatt, matul il-proċedura amministrattiva, ma huwiex il-każ biss li l-impriża kkonċernata tinvoka argumenti konvinċenti, iżda wkoll li hija ssostnihom u tipproduċi provi suffiċjenti insostenn tad-dikjarazzjonijiet tagħha.

176. Il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni dawn il-kunsiderazzjonijiet meta ddikjarat ripetutament fis-sentenza appellata li n-nuqqas ta' żvelar ta' diversi dokumenti matul il-proċedura amministrattiva ma setax jinfluwenza, għad-detriment ta' Solvay, l-iżvolġiment tal-proċedura u l-kontenut tad-deċiżjoni appellata,

— peress li l-impriża "kienet taf" bil-provi li jinstabu fid-dokumenti inkwistjoni[155];

154 — Il-Kummissjoni żbaljat meta ma indirizzatx dan l-argument importanti tal-appellanti ħlief f'nota ta' qiegħ il-paġna tar-risposta tagħha meta ddeskrivietu bħala "assolutament irrilevanti".

155 — Punti 423 u 424 tas-sentenza appellata.

— peress li dik l-impriża setgħet tipproduċi hija stess ċerti provi [156], mingħajr ma kellha l-ħtieġa li tibbaża ruħha fuq id-dokumenti tal-kompetituri tagħha [157];

— peress li l-impriża kienet diġà żviluppat diversi argumenti f'dokumenti oħra [158] jew ukoll;

— peress li l-Kummissjoni kienet diġà infurmatha bis-sitwazzjoni ta' fatt deskritta fid-dokumenti [159].

177. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl għandu jippermetti lill-impriża kkonċernata *tiżgura aħjar id-difiża tagħha* [160] milli kieku hija setgħet tagħmel bil-mezzi tagħha stess biss. Bl-analiżi eċċessivament ristrettiva tagħha dwar l-għan tal-aċċess għall-fajl, li ma jieħux inkunsiderazzjoni l-kunsiderazzjonijiet hawn fuq invokati [161], il-Qorti Ġenerali interpretat ħażin il-portata tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża matul il-proċedura amministrattiva u għalhekk wettqet żball ta' liġi.

156 — Punt 427 tas-sentenza appellata.

157 — Punt 442 tas-sentenza appellata.

158 — Punt 432 tas-sentenza appellata.

159 — Punt 440 tas-sentenza appellata.

160 — Il-Qorti tal-Ġustizzja ssostni għalhekk fil-ġurisprudenza tagħha dwar il-proċeduri fil-qasam tal-kompetizzjoni jew tal-antidumping li l-eżistenza ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża għandha dejjem tiġi ddikjarata meta l-impriża kkonċernata *setgħet tiżgura aħjar d-difiża tagħha* fin-nuqqas tal-irregolarità proċedurali (sentenzi Thyssen Stahl, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 124, punt 31, u tal-1 ta' Ottubru 2009, Foshan Shunde Yongjian Housewares & Hardware vs Il-Kunsill, "Foshan", C-141/08 P, Ġabra p. I-9147, punt 94).

161 — Ara l-punti 174 u 176 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

(ii) It-tieni parti tar-raba' aggravju

178. Fit-tieni parti tar-raba' aggravju, Solvay tilmenta li l-Qorti Ġenerali kienet rigoruża żżejjed dwar il-provi meħtieġa sabiex jiġi ppruvat ksur tad-drittijiet tad-difiża. L-appellanti tirreferi f'dan ir-rigward għal diversi paragrafi tas-sentenza appellata fejn il-Qorti Ġenerali tiddikjara li

— Solvay ma kinitx "ippruvat li n-nuqqas ta' żvelar [ta' ċerti] dokumenti kien influwenza, għad-detriment tagħha, l-iżvolġiment tal-proċedura u l-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata" [162] u li

— il-provi prodotti minn Solvay wara li hija kkonsultat il-fajl fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali ma jikkontestawx l-analiżi tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata [163].

179. F'dan ir-rigward, Solvay għandha raġun issostni li, sabiex jeżisti ksur tad-drittijiet tad-difiża minħabba irregolarità proċedurali marbuta mal-aċċess għall-fajl, ma jeħtieġx li jiġi stabbilit li n-nuqqas ta' żvelar ta' dokument eżoneranti "kien influwenza", għad-detriment tagħha, l-iżvolġiment tal-proċedura u

162 — Punt 441 tas-sentenza appellata.

163 — Punt 428 tas-sentenza appellata.

l-kontenut tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, iżda biss li dan in-nuqqas ta' żvelar "seta' jinfluwenza" l-iżvolġiment tal-proċedura u l-kontenut tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni [164].

180. Id-differenza bejn iż-żewġ frażijiet "kien influwenza" u "seta' jinfluwenza" tista', *prima facie*, tidher negliġibbli, b'mod li jista' jkun hemm it-tentazzjoni li l-aggravju ta' Solvay jidher biss bħala tfettiq semantiku.

181. Fil-verità, madankollu, dawn l-isfumaturi lingwistiċi juru li l-Qorti Ġenerali applikat kriterji żbaljati għall-finijiet tal-eżami tal-ksur, invokat minn Solvay, tad-drittijiet ta' difiża tagħha: huwa b'mod żbaljat li hija eżiġiet il-prova li l-proċedura amministrattiva kien ikollha riżultat differenti fil-każ ta' żvelar tad-dokumenti kkontestati [165]. Il-Qorti Ġenerali kien imissha llimitat ruħha li teżiġi li l-impriża kkonċernata turi *possibbiltà,* anki jekk remota, li d-dokumenti li ma ġewx żvelati matul il-proċedura amministrattiva setgħu kienu utli għad-difiża tagħha [166]. Fil-fatt, l-impriża kkonċernata ma hijiex obbligata turi li, li kieku hija ngħatat aċċess għad-dokumenti li ma ngħatawlhiex, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet tkun differenti [167].

182. Il-Qorti Ġenerali, għalhekk, wettqet żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-ksur tad-drittijiet tad-difiża.

183. Solvay invokat ukoll, f'dan ir-rigward, ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza. Dan l-aggravju ma jidhirlix li fih kontenut awtonomu fil-konfront ta' dak ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża b'mod li miniex ser neżamina dan l-aggravju f'iktar dettall.

184. Fl-aħħar nett, Solvay issostni li s-sentenza appellata hija vvizzjata minn kontradizzjoni tal-motivi, sa fejn il-Qorti Ġenerali fil-bidu ddeskriviet korrettament il-prova meħtieġa ("possibbiltà, anki remota, li twassal il-proċedura amministrattiva sabiex tieħu xejra differenti" [168]), filwaqt li sussegwentement imponiet piż ikbar (Solvay ma kinitx "ippruvat li n-nuqqas ta' żvelar tad-dokumenti [...] kien influwenza, għad-detriment tagħha, l-iżvolġiment tal-proċedura u l-kontenut tad-deċiżjoni appellata" [169] u l-provi mressqa minnha "ma jikkonfutawx l-analiżi tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni appellata" [170]). Madankollu, kif għadni kif spjegajt hawn fuq [171], ir-rekwiżiti applikabbli għall-prova ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża jikkostitwixxu kwistjoni ta' mertu, u mhux ta' motivazzjoni tas-sentenza appellata. Jekk il-Qorti Ġenerali twettaq żball

164 — Sentenza Aalborg Portland (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punt 74).

165 — Sentenza Knauf Gips (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 135, punt 28).

166 — Sentenza Aalborg Portland (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punt 131).

167 — Sentenzi Hercules (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 138, punt 81); Corus UK (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 138, punt 128), u PVC II (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105, punt 318).

168 — Punt 407 tas-sentenza appellata.

169 — Punt 441 tas-sentenza appellata.

170 — Punt 428 tas-sentenza appellata.

171 — Ara l-punt 180 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

ta' liġi fir-rigward tad-drittijiet tad-difiża, din iċ-ċirkustanza waħedha ma timplikax l-eżistenza ta' nuqqas ta' motivazzjoni.

(iii) Riżultat intermedjarju

185. Ir-raba' aggravju fil-parti l-kbira tiegħu huwa għalhekk fondat. Minn naħa, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat l-għan tal-aċċess għall-fajl meta eżaminat l-użu tad-dokumenti li ma ġewx żvelati matul il-proċedura amministrattiva; minn naħa l-oħra, hija imponiet rekwiżiti eċċessivi f'dak li jirrigwarda l-prova ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża.

(c) Fuq it-telf ta' parti mill-fajl (it-tielet aggravju)

186. It-tielet aggravju jirrigwarda t-telf ta' parti mill-fajl tal-Kummissjoni. Huwa indirizzat kontra l-punti 465 sa 482 tas-sentenza appellata li fihom il-Qorti Ġenerali teżamina l-punt dwar jekk in-nuqqas ta' ħames faxxikoli jwassalx għal ksur tad-drittijiet tad-difiża ta' Solvay [172] u twieġeb fin-negattiv għal din il-mistoqsija [173].

172 — Punt 465 tas-sentenza appellata.

173 — Punti 481 u 482 tas-sentenza appellata.

187. L-appellanti tindirizza numru ta' lmenti kontra l-punti tas-sentenza inkwistjoni li jiffurmaw is-suġġett ta' sitt partijiet ta' dan it-tielet aggravju. Madankollu dawn il-partijiet jikkoinċidu fil-parti l-kbira tagħhom għaliex jistaqsu essenzjalment l-istess mistoqsija: il-Qorti Ġenerali setgħet teskludi, mingħajr ma tinkorri ebda kritika, li d-dokumenti mitlufa setgħu kienu utli għad-difiża ta' Solvay [174]?

188. Jiena naqbel mal-analiżi tal-appellanti li din il-mistoqsija għandha tingħata tweġiba negattiva.

189. Għall-finijiet tal-analiżi, il-punt ta' tluq għandu jkun li impriża li, b'mod inġust, matul il-proċedura amministrattiva, jinċaħdilha l-aċċess għal uħud mid-dokumenti li jinsabu fil-fajl, għandha tistabbilixxi biss, fil-kuntest ta' rikors kontenzjuż tagħha, li hija setgħet tuża dawk id-dokumenti għad-difiża tagħha [175]. Huwa biżżejjed li dik l-impriża tistabbilixxi ċans, anki limitat, li d-dokumenti li hija ma kellhiex aċċess għalihom matul il-proċedura amministrattiva setgħu kienu utli għad-difiża tagħha [176].

174 — Ara b'mod partikolari l-punt 479 tas-sentenza appellata.

175 — Sentenza PVC II (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105, punt 318 u 324); Aalborg Portland (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punt 75), u Knauf Gips (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 135, punt 23).

176 — Sentenza Aalborg Portland (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punt 131).

190. F'dan il-każ, it-telf tad-dokumenti inkwistjoni ċertament ma ffaċilitax l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali dwar l-utilità ta' dawk id-dokumenti mill-fajl li Solvay ma kellhiex aċċess għalihom.

191. Ċertament, bħala regola ġenerali, ma jkunx xieraq li dejjem jiġi ammess li dokumenti mitlufa mill-fajl jistgħu dejjem ikunu utli għad-difiża tal-impriża kkonċernata. Hekk, pereżempju, meta werrej iddettaljat biżżejjed jippermetti li jiġi konkluż li d-dokumenti inkwistjoni kien fihom biss dokumenti li, fi kwalunkwe każ, ma setgħux jiġu żvelati, b'mod partikolari, bħal abbozzi tad-deċiżjoni u n-noti interni tal-Kummissjoni, jiġifieri, skont il-każ, dokumenti kunfidenzjali [177], jista' jiġi eskluż mill-bidunett ksur tad-drittijiet tad-difiża.

192. F'dan il-każ, madankollu, kien impossibbli li jiġi ddeterminat, ħlief b'mod approssimattiv, il-kontenut tad-dokumenti mitlufa tal-fajl [178]. Sa fejn nista' niġġudika, il-ġurisprudenza għadha ma ppronunzjatx ruħha fuq il-punt dwar min għandu jbati l-konsegwenzi. Fil-fatt, is-sentenzi li ngħataw sa issa jirrigwardaw dokumenti dwar il-proċedura amministrattiva li l-kontenut tagħhom kien stabbilit u seta' jiġi vverifikat mill-Qorti Ġenerali [179].

193. Bħala regola ġenerali, hija l-impriża kkonċernata li għandha tistabbilixxi li d-dokumenti tal-fajl li hija ċċaħħdet inġustament minn aċċess għalihom setgħu kienu utli għad-difiża tagħha [180]. Dan madankollu ma japplikax ħlief meta l-impriża jkollha provi dwar l-awturi, kif ukoll dwar in-natura u l-kontenut tad-dokumenti li ma żvelawlhiex.

194. Għall-kuntrarju, it-telf ta' dokumenti mill-fajl jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni. Fil-fatt, din hija obbligata, bis-saħħa tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, li tiżgura ġestjoni tajba tal-fajl u li dan jiġi kkonservat f'post xieraq. Ġestjoni tajba tal-fajl tinkludi b'mod partikolari ż-żamma ta' werrej iddettaljat sabiex jippermetti aċċess għall-fajl iktar 'il quddiem.

195. Meta ma jkunx iktar possibbli li jiġi ddeterminat il-kontenut tad-dokumenti mitlufa tal-fajl, fl-assenza ta' tali werrej, bħal fil-każ inkwistjoni, hija possibbli konklużjoni

177 — Sentenzi Aalborg Portland (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punt 68), u Knauf Gips (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 135, punt 22).

178 — Punt 464 tas-sentenza appellata.

179 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi PVC II (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105), Aalborg Portland (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35), Corus UK (iċċitata iktar 'il fuq 138), u Knauf Gips (iċċitata iktar 'il fuq 135).

180 — Sentenzi PVC II (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105, punti 318 u 324); Aalborg Portland (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punti 74, 75 u 131), u Knauf Gips (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 135, punti 23 u 24).

waħda biss mill-perspettiva tad-drittijiet tad-difiża: ma jistax jiġi eskluż li d-dokumenti mitlufa setgħu kienu utli għad-difiża tal-impriża kkonċernata.

196. Is-sentenza appellata madankollu waslet għal konklużjoni dijametrikament opposta: il-Qorti Ġenerali tikkunsidra li jista' jiġi eskluż li Solvay setgħet issib xi dokumenti utli għad-difiża tagħha fid-dokumenti mitlufa tal-fajl [181].

197. Il-Qorti Ġenerali tibbaża ruħha f'dan ir-rigward b'mod partikolari fuq il-fatt li l-"ilmenti fuq il-mertu" kollha mressqa minn Solvay kontra d-deċiżjoni kkontestata għandhom jinċaħdu [182]. L-utilità tad-dokumenti mitlufa tal-fajl għall-finijiet tad-difiża ta' Solvay hija għalhekk evalwata skont il-fondatezza tal-ilmenti ta' din tal-aħħar kontra l-konstatazzjoni ta' abbuż ta' pożizzjoni dominanti [183]. Fi kliem ieħor, il-Qorti Ġenerali tidher li tassumi li persuna li sa dak il-ħin ma kellhiex karti tajbin x'tilgħab ma kinitx ser issib karti tajbin x'tilgħab fil-kumplament tad-dokumenti tal-fajl.

198. Dan l-approċċ huwa legalment żbaljat. Għandha evidentement tiġi eżaminata l-eżistenza ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża skont iċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ. Dan l-eżami għandu madankollu jitwettaq skont dak li tallega *l-Kummissjoni* fil-konfront tal-impriża kkonċernata, jiġifieri skont l-ilmenti indirizzati lill-impriża [184]. Fil-fatt, huwa kontra dawn l-"ilmenti" tal-Kummissjoni li l-impriża għandha tiddefendi ruħha. Għall-kuntrarju, ma huwiex rilevanti liema huma dawk l-"ilmenti fuq il-mertu" li tqajjem min-naħa tagħha l-*impriża* kontra d-deċiżjoni inkwistjoni u jekk dawn l-ilmenti humiex fondati jew le.

199. Il-Qorti Ġenerali, b'mod żbaljat, tissuġġetta l-utilità tad-dokumenti mitlufa għad-difiża ta' Solvay għall-punt dwar jekk l-argumenti invokati sa dak il-ħin mill-impriża kinux "ineffettivi" [185] jew "infondati" [186], dwar jekk Solvay ikkontestatx ċerti konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni [187], jew inkella dwar jekk tatx ċerti spjegazzjonijiet [188].

200. Il-Qorti Ġenerali kellha biss tistaqsi jekk id-dokumenti neqsin tal-fajl setax kellhom informazzjoni li setgħet tippermetti lil Solvay issostni aħjar l-argumenti li hija kienet invokat preċedentement kontra d-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri li tinvoka argumenti ġodda.

181 — Punt 479 tas-sentenza appellata.
182 — Punt 469 sa 478 tas-sentenza appellata.
183 — Punt 468 tas-sentenza appellata.

184 — Sentenza Aalborg Portland (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punti 127, 128 u 131).
185 — Punti 470, 475 u 480 tas-sentenza appellata.
186 — Punt 478 tas-sentenza appellata.
187 — Punti 472, 474, 477 u 478 tas-sentenza appellata.
188 — Punt 476 tas-sentenza appellata.

201. Il-Qorti Ġenerali tevita din il-kwistjoni billi tagħti prijorità lill-provi eżistenti mressqa mill-Kummissjoni tal-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti u l-abbuż tagħha [189]. Billi pproċediet b'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali tinjora l-fatt li d-dokumenti mitlufa mill-fajl seta' kien fihom informazzjoni li kapaċi tikkontradixxi l-kontenut ta' dawn il-provi, jew, minn tal-inqas, tagħtihom xejra differenti. Solvay sostniet dan b'mod korrett.

202. Fl-ewwel lok, huwa importanti li jiġi rrilevat, f'dan ir-rigward, li, *prima facie*, ishma sinjifikattivi fis-suq jistabbilixxu l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti ta' Solvay. Kif tirrikonoxxi l-Qorti Ġenerali stess [190], dan madankollu japplika f'każ li ma jeżistux ċirkustanzi eċċezzjonali [191]. Madankollu, il-Qorti Ġenerali ma tispjegax kif Solvay stess għandha jkollha għarfien ta' kwalsiasi ċirkustanzi eċċezzjonali, b'tali mod li ma setgħet tirriżulta ebda prova ġdida utli għad-difiża tagħha mid-dokumenti mitlufa [192]. Fil-fatt, l-osservazzjonijiet ippreżentati minn terzi jistgħu jipprovdu provi utli rigward l-ishma fis-suq, is-saħħa tal-kompetituri u l-possibbiltà ta' poter kumpensatorju tal-klijenti tal-impriża kkonċernata [193].

203. Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li n-natura abbużiva ta' ċerti prattiki ta' Solvay, bħal pereżempju l-iskontijiet mogħtija, jirriżultaw effettivament minn "provi dokumentarji diretti" [194]. Din il-preżunzjoni ta' abbuż tista' madankollu tiġi kkonfutata bil-preżenza ta' provi ta' ġustifikazzjoni ekonomika oġġettiva [195]. Tali provi mhux neċessarjament jirriżultaw mill-isfera tal-impriża f'sitwazzjoni ta' pożizzjoni dominanti; huma jistgħu wkoll jiġu fornuti minn terzi, bħal pereżempju mill-klijenti tal-impriża kkonċernata. Konsegwentement, wieħed ma jistax jeskludi li tali provi jistgħu jirriżultaw mid-dokumenti mitlufa tal-fajl [196].

204. Kuntrarjament għal dak li tindika l-Qorti Ġenerali, ma kinitx Solvay li kellha tispjega kif id-dokumenti mitlufa tal-fajl setgħu kienu utli sabiex jipprovdu xi provi favur tagħha. Ma kienx possibbli li jiġi ddeterminat il-kontenut tad-dokumenti inkwistjoni matul il-proċedura; u ħadd ma jista' jkun obbligat iwettaq l-impossibbli. Solvay ma setgħetx

189 — Punti 470 sa 478 tas-sentenza appellata.

190 — Punt 470 tas-sentenza appellata.

191 — Ara fuq dan il-punt ukoll il-punti 50 sa 53 u 57 sa 62 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

192 — Dan hu, essenzjalment dak li tgħid il-Qorti Ġenerali fil-punt 470 tas-sentenza appellata.

193 — Huwa interessanti nosservaw li l-Kummissjoni nfisha tqis li almenu wħud mill-fajls sekondarji mitlufa "kien fihom korrispondenza fis-sens tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 17", jiġifieri xi talbiet għal informazzjoni indirizzati mill-Kummissjoni lil impriżi differenti u r-risposti tagħhom għall-mistoqsijiet inkwistjoni (ara l-punt 66 tas-sentenza appellata).

194 — Ara b'mod partikolari l-punti 473 u 476 tas-sentenza appellata.

195 — Ara f'dan ir-rigward il-punt 77 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet u l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 65.

196 — Ara mill-ġdid fuq dan is-suġġett, il-kumment fin-nota ta' qiegħ il-paġna 193.

tiġġiegħel tbati l-konsegwenzi ta' din l-impossibbiltà, ladarba t-telf tad-dokumenti inkwistjoni kien jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni [197]. Konsegwentement, it-teżi tal-Qorti Ġenerali, ripetuta diversi drabi, li Solvay kellha l-obbligu turi l-użu tad-dokumenti mitlufa għall-iskop tad-difiża tagħha [198] kienet ivvizzjata bi żball ta' liġi.

205. Meta l-Qorti Ġenerali eżaminat il-punt dwar jekk id-dokumenti mitlufa mill-fajl setgħux kienu utli għad-difiża ta' Solvay, hija fil-fatt applikat kriterji żbaljati. Hija injorat ir-rekwiżiti li jirriżultaw f'dan ir-rigward mir-rispett tad-drittijiet tad-difiża. Għaldaqstant, it-tielet aggravju huwa fondat.

206. Il-ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza invokat ukoll minn Solvay f'dan il-kuntest ma għandu ebda kontenut awtonomu li jmur lil hinn mill-kwistjonijiet indirizzati dwar l-oneru tal-prova fil-kuntest tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk ma hemmx lok li dan l-ilment jiġi eżaminat separatament.

197 — Ara l-punt 194 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

198 — Ara, pereżempju, il-punt 473 ("ir-rikorrenti għandha tagħmel ħilitha sabiex tindika"), punt 474 ("ir-rikorrenti kellha tagħmel ħilitha sabiex tindika"), u l-punt 476 tas-sentenza appellata ("ir-rikorrenti ma ssodisfatx ").

2. Fuq id-dritt għal smigħ (il-ħames aggravju)

207. Il-ħames aggravju huwa indirizzat kontra l-punti 184 sa 193 tas-sentenza appellata li fihom il-Qorti Ġenerali waslet għall-konklużjoni li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata tisma' mill-ġdid lill-impriża qabel ma adottat id-deċiżjoni kkontestata [199]. Solvay issostni li kien hemm lok li ssir seduta matul il-proċedura amministrattiva fl-2000 għaliex l-ewwel deċiżjoni li imponiet multa (Deċiżjoni 91/299), li ġiet annullata mill-Qorti Ġenerali, ma kinitx ivvizzjata biss b'difett li jirrigwarda l-awtentikazzjoni tagħha, iżda kienet ġiet adottata mingħajr ma hija ngħatat aċċess għall-fajl.

(a) L-ewwel parti tal-ħames aggravju

208. Bl-ewwel parti tal-ħames aggravju, Solvay issostni ksur tal-obbligu tal-motivazzjoni fis-sens tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 36 u tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 53 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja. Is-sentenza appellata ma indirizzatx il-punt dwar jekk id-difetti proċedurali li kienu jivvizzjaw l-ewwel proċedura amministrattiva, marbutin mal-aċċess għall-fajl, kinux jimplikaw li tinstema' mill-ġdid l-impriża kkonċernata. Il-Qorti Ġenerali kienet għalhekk naqset li

199 — Ara b'mod partikolari l-punt 191 tas-sentenza appellata.

twieġeb għall-motiv invokat minn Solvay fil-proċedura tal-ewwel istanza.

209. Dan l-ilment għandu jinċaħad. Il-Qorti Ġenerali indirizzat tajjeb, għalkemm f'sentenza waħda, il-ħtieġa ta' smigħ mill-ġdid minħabba d-difetti preċedenti marbutin mal-aċċess għall-fajl: il-Qorti Ġenerali wieġbet għal din il-mistoqsija billi rreferiet għall-analiżi tagħha dwar l-aċċess għall-fajl [200]. Mill-perspettiva tal-Qorti Ġenerali, dan kien loġiku peress li hija kkunsidrat li l-Kummissjoni ma kinitx kisret id-drittijiet tad-difiża meta ma ppermettitilhiex aċċess għall-fajl [201]. Fid-dawl tal-approċċ adottat fis-sentenza appellata, ma kienx hemm lok li Solvay tinstema' mill-ġdid.

210. Għaldaqstant, is-sentenza hija suffiċjentement immotivata f'dak li jirrigwarda d-dritt għal smigħ. Il-punt dwar jekk din il-motivazzjoni hijiex, fil-mertu, ħielsa minn żball ta' liġi huwa s-suġġett tat-tieni parti tal-ħames aggravju, li jiena ser ngħaddi biex neżamina issa.

(b) It-tieni parti tal-ħames aggravju

211. Fit-tieni parti tal-ħames aggravju, Solvay tindirizza, fil-mertu, il-punt dwar jekk id-difetti proċedurali li seħħew fl-1990 dwar l-aċċess għall-fajl jimplikawx ukoll, f'dan il-każ qabel l-adozzjoni fl-2000 tat-tieni deċiżjoni li imponiet multa li hija inkwistjoni f'din il-kawża (Deċiżjoni 2003/6), il-ħtieġa li l-impriża tinstema' mill-ġdid.

212. Solvay essenzjalment tinvoka ksur tad-dritt tagħha għal smigħ u, b'mod iktar ġenerali, tad-drittijiet tad-difiża tagħha. L-appellanti ssostni li hemm ksur tal-Artikoli 47(2), 48 u 52(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll tal-Artikolu 6 KEDB u tal-Artikolu 6(1) TFUE, ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tal-Artikolu 266 TFUE (li qabel kien l-Artikolu 233 KE). Dawn l-ilmenti huma kollha intiżi li jikkritikaw lill-Kummissjoni li ttraskurat il-ħtieġa li Solvay tinstema' mill-ġdid.

213. Id-dritt għal smigħ jintrabat mad-drittijiet tad-difiża li jeħtieġ li jiġu rrispettati fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva fil-qasam tal-kompetizzjoni. Ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża jeżiġi li l-impriża titqiegħed f'pożizzjoni, matul il-proċedura amministrattiva, li tagħti l-opinjoni tagħha dwar il-fatti u r-rilevanza tal-fatti u taċ-ċirkustanzi allegati kif ukoll fuq id-dokumenti użati mill-Kummissjoni insostenn

200 — Punt 192 tas-sentenza appellata.

201 — Ara, fuq dan il-punt, il-punti 156 sa 206 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

tal-allegazzjoni tagħha tal-eżistenza ta' ksur [202]. Fuq il-livell leġiżlattiv, dan il-prinċipju kien mnaqqax, fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni, fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 17 [203].

214. Huwa paċifiku li f'din il-kawża, Solvay kienet preċedentement instemgħet qabel ma ġiet adottata l-ewwel deċizjoni li imponiet multa (Deċiżjoni 91/299) abbażi tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Il-kawża tirrigwarda biss il-kunsiderazzjoni dwar jekk il-miżuri li kellhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 233 KE (li sar l-Artikolu 266 TFUE) wara l-annullament ta' din l-ewwel deċiżjoni li imponiet multi kellhomx jinkludu smigħ mill-ġdid.

215. Fi proċedura amministrattiva fil-qasam tal-kompetizzjoni rregolata mir-Regolament Nru 17, l-Artikolu 233 KE ma jimplikax neċessarjament l-obbligu fuq il-Kummissjoni li terġa' tiftaħ il-każ kollu. Huwa permissibbli għall-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura fl-istadju vvizzjat b'difetti proċedurali, skont il-konstatazzjonijiet imwettqa mill-qrati tal-Unjoni. Jekk l-atti proċedurali li seħħew qabel l-iżball tal-proċedura kienu konformi mal-liġi, ma huwiex neċessarju li dawn jiġu rrepetuti.

216. Fil-kawża PVC, li fiha kienet ġiet annullata l-ewwel deċiżjoni tal-Kummissjoni minħabba difett proċedurali fil-mument tal-adozzjoni definittiva mill-kulleġġ tal-membri tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ippermettiet lill-Kummissjoni tadotta t-tieni deċiżjoni b'kontenut essenzjalment identiku mingħajr ma tisma' mill-ġdid lill-impriżi kkonċernati [204]. Il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq din il-ġurisprudenza fis-sentenza appellata sabiex tiġġustifika l-konklużjoni li ma kienx neċessarju li jkun hemm smigħ mill-ġdid ta' Solvay fil-każ inkwistjoni [205].

217. *Prima facie*, il-kawża PVC u din il-kawża jidhru effettivament simili. Fil-fatt, anki fil-kawża inkwistjoni, l-ewwel deċiżjoni tal-Kummissjoni li imponiet multa (Deċiżjoni 91/299) ġiet annullata minħabba difett proċedurali li seħħ wara l-proċedura amministrattiva, b'mod iktar preċiż matul l-awtentikazzjoni tad-deċiżjoni.

218. Analiżi iktar iddettaljata madankollu turi differenza kruċjali: b'differenza mill-kawża PVC, il-proċedura amministrattiva kienet ivvizzjata, f'dan il-każ, b'difett serju ieħor, ferm qabel il-fażi tal-adozzjoni definittiva u tal-awtentikazzjoni tad-deċiżjoni li imponiet

202 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Jannar 2007, Dalmine vs Il-Kummissjoni (C-407/04 P, Ġabra p. I-829, punt 44), u tal-10 ta' Mejju 2007, SGL Carbon vs Il-Kummissjoni (C-328/05 P, Ġabra p. I-3921, punt 71); Ara wkoll, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ġunju 1983, Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni (100/80 sa 103/80, Ġabra p. 1825, punt 10); tad-9 ta' Novembru 1983, Nederlandsche Banden-Industrie-Michelin vs Il-Kummissjoni ("Michelin I", 322/81, Ġabra p. 3461, punt 7); PVC II (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105, punt 85), u Impala (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 52, punt 61); f'dan is-sens ukoll, f'oqsma differenti, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Ottubru 1996, Il-Kummissjoni vs Lisrestal *et* (C-32/95 P, Ġabra p. I-5373, punt 21); tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, Ġabra p. I-6351, b'mod partikolari l-punt 348), u tal-1 ta' Ottubru 2009, Foshan Shunde Yongjian Housewares & Hardware vs Il-Kunsill (C-141/08 P, Ġabra p. I-9147, punt 83).

203 — L-Artikolu 27(1) u (2) tar-Regolament Nru 1/2003 huwa issa applikabbli.

204 — Sentenza PVC II (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105, punt 88).

205 — Ara b'mod partikolari l-punti 184 u 185 tas-sentenza appellata.

multa, minħabba li l-impriża kkonċernata ma ngħatatx aċċess għall-fajl b'mod li jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti legali [206].

219. Huwa veru li l-qrati tal-Unjoni ma kinux eżaminaw id-dritt ta' aċċess għall-fajl u r-rispett tad-drittijiet tad-difiża fis-sentenzi tagħhom dwar l-ewwel deċiżjoni li imponiet multi (Deċiżjoni 91/299) [207] u li huma llimitaw ruħhom li jittrattaw il-kwistjoni tal-awtentikazzjoni. Madankollu, minn dan ma jistax jiġi konkluż li l-qrati tal-Unjoni kienu b'hekk ikkonfermaw ir-regolarità tal-proċedura amministrattiva, mill-perspettiva tal-aċċess għall-fajl u tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża.

220. Għall-kuntrarju, il-Qorti Ġenerali kkonstatat fir-rigward tad-Deċiżjoni 91/297, li ġiet adottata wara l-istess proċedura amministrattiva fil-qasam tal-kompetizzjoni bħad-Deċiżjoni 91/299, ksur tad-drittijiet tad-difiża minħabba aċċess mhux sħiħ għall-fajl [208]. Barra minn hekk, kienet diġà teżisti sa mill-1982 prassi ċara tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għall-fajl [209].

221. Wieħed jista' ċertament jikkonċedi lill-Kummissjoni li d-diversi sentenzi tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Ġunju 1995 ma fihomx indikazzjonijiet uniformi dwar l-għanijiet u l-importanza li għandhom jingħataw lill-aċċess għall-fajl [210]. Madankollu, iktar tard matul l-adozzjoni tat-tieni deċiżjoni li imponiet multa fl-2000, id-deċiżjoni kkontestata fil-każ inkwistjoni, dawn l-inċertezzi kollha f'dan ir-rigward kienu ilhom, fi kwalunkwe każ, li ġew iċċarati minn żmien twil qabel [211].

222. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni kellha, f'dan il-każ, tiftaħ il-proċedura amministrattiva fl-istadju immedjatament wara n-notifika tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, wara l-annullament tal-ewwel

206 — Ara f'dan ir-rigward, il-punti 453 sa 456 tas-sentenza appellata u l-punti 154 sa 157 ta' dawn il-konklużjonijiet.

207 — Sentenza tal-Qorti Ġenerali Solvay vs Il-Kummissjoni (T-31/91, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16) u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Il-Kummissjoni vs Solvay (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2).

208 — Sentenzi tal-Qorti Ġenerali Solvay vs Il-Kummissjoni (T-30/91, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 138, b'mod partikolari l-punti 99, 103 u 104) u ICI vs Il-Kummissjoni (T-36/91, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 138, b'mod partikolari l-punti 103, 113 u 118). Dawn is-sentenzi kienu ingħataw fl-istess jum li fih ingħatat is-sentenza fil-Kawża T-32/91 (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11) li annullat id-Deċiżjoni 91/299 minħabba difett ta' awtentikazzjoni.

209 — Ara, f'dan ir-rigward, il-pubblikazzjoni li tinsab fit-Tnax-il rapport fuq il-politika tal-kompetizzjoni tal-Kummissjoni (1982), p. 40 u 41 (u li estratti minnha huma ċċitati fil-punt 452 tas-sentenza appellata).

210 — Ara b'mod partikolari s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Ġunju 1995, ICI vs Il-Kummissjoni (T-37/91, Ġabra p. II-1901, punti 61 sa 66 u 73) li twarrab ksur tad-drittijiet tad-difiża.

211 — Ara, minn naħa, is-sentenza Hercules mogħtija fl-1999 (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 138, punti 75 u 76) u, min-naħa l-oħra, l-obbligu unilaterali li assumiet il-Kummissjoni fir-rigward ta' aċċess għall-fajl ("Avviż tal-Kummissjoni dwar ir-regoli interni tal-proċedura li tipproċessa t-talbiet għall-aċċess għall-fajl f'każi skont l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat KE, l-Artikoli 65 u 66 tat-Trattat KEFA u tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89", ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 136).

deċiżjoni li imponiet multa. Skont ir-rekwiżiti legali, hija kellha tagħti lil Solvay aċċess sħiħ għall-fajl u tisma' lil dik l-impriża mill-ġdid.

223. Il-fatt li t-tieni deċiżjoni li imponiet multa (Deċiżjoni 2003/6) ma kinitx ibbażata fuq xi ilment ġdid [212] ma jaffettwax l-obbligu tal-Kummissjoni li tisma' lill-impriża mill-ġdid wara li tkun ippermettitilha aċċess għall-fajl. Ċertament Solvay diġà setgħet, fl-1990, tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha fuq l-ilmenti kollha li huma bbażati fuqhom kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni deċiżjoni tal-Kummissjoni li imponiet multa. Madankollu, hija setgħet tagħmel dan abbażi ta' għarfien partikolarment inkomplet tal-fajl, għaliex kienu biss id-dokumenti inkriminanti li żvelawlha [213].

224. Id-dritt għal smigħ ma huwiex limitat għad-dritt li jiġu ppreżentati osservazzjonijiet fuq l-ilmenti kollha invokati mill-Kummissjoni. L-impriża għandu jkollha wkoll il-possibbiltà li tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha fid-dawl tad-dokumenti kollha tal-fajl li għandha aċċess legali għalihom, għaliex inkella d-drittijiet tad-difiża jiċċaħħdu minn parti kbira tal-effettività tagħhom fil-proċeduri fil-qasam tal-kompetizzjoni.

225. Il-possibbiltà li tippreżenta osservazzjonijiet għandha kwalità differenti meta l-impriża kkonċernata jkollha aċċess għall-fajl b'mod konformi mar-rekwiżiti legali. Huwa ferm ċar li impriża li jkollha aċċess għad-dokumenti mhux biss inkriminanti iżda wkoll dawk eżoneranti, hija f'pożizzjoni aħjar li tiddefendi ruħha kontra l-ilmenti mqajma mill-Kummissjoni minn impriża li jkollha aċċess biss għal dokumenti inkriminanti.

226. Il-Qorti Ġenerali għaldaqstant wettqet żball ta' liġi fir-rigward tad-dritt għal smigħ, sa fejn hija ddeċidiet li ma kienx neċessarju li Solvay tinstema' mill-ġdid mill-Kummissjoni. Dan kien essenzjalment il-każ ta' serje ta' żbalji ta' liġi li jaffettwaw is-sentenza appellata fir-rigward tad-dritt ta' aċċess għall-fajl [214].

227. Ma hemmx lok li jiġi eżaminat fid-dettall il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba li Solvay tinvoka wkoll, ladarba l-argument żviluppat f'dan ir-rigward ma għandu l-ebda kontenut indipendenti meta mqabbel ma' dak dwar ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal smigħ. U kif jiena diġà indikajt [215], lanqas ma huwa l-każ li jiġu eżaminati l-Artikolu 6 tal-KEDB jew l-Artikolu 6(1) TUE.

212 — Punti 42, 186, 190 tas-sentenza appellata.

213 — Punti 24, 450 u 451 tas-sentenza appellata.

214 — Ara, f'dan ir-rigward, il-punti 156 sa 205 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

215 — Ara, dwar dan is-suġġett, il-punt 160 ta' dawn il-konklużjonijiet.

(c) Konklużjoni intermedjarja

228. It-tieni parti tal-ħames aggravju tidher għalhekk fondata fl-intier tagħha.

D — *Fuq il-prinċipju tat-terminu raġonevoli (l-ewwel aggravju)*

229. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, li huwa indirizzat kontra l-punti 119 sa 142 tas-sentenza appellata, Solvay tinvoka ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan id-dritt fundamentali huwa applikabbli, bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, kemm għal proċedura amministrattiva quddiem il-Kummissjoni kif ukoll għal proċedura kontenzjuża quddiem il-qrati tal-Unjoni [216]. Dan il-prinċipju mnaqqax ukoll fl-Artikoli 41(1) u 47(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni.

230. Għalkemm il-qrati tal-Unjoni diġà kellhom okkażżjoni jiddeċiedu diversi drabi fuq il-kwistjoni tan-natura raġonevoli tat-tul tal-proċedura fil-qasam tal-kompetizzjoni, il-kwistjonijiet ġuridiċi mqajma minn Solvay jidhirli li għandhom importanza partikolari. Minn naħa, dawn qed isiru f'każ fejn it-tul totali tal-proċedura, b'kunsiderazzjoni għall-fażijiet kollha tal-proċeduri amministrattivi u kontenzjużi, jidher ċertament li kien esaġerat. Min-naħa l-oħra, dawn l-ilmenti qegħdin jitqajmu fil-kuntest tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009 li jirrikonoxxi li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni għandha valur ġuridiku vinkolanti [l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6(1) TUE].

231. L-ewwel aggravju huwa diviż f'ħames partijiet li jittrattaw parzjalment it-tul tal-proċedura (ara iktar 'il quddiem taħt il-punt 1.), u parzjalment il-konsegwenzi ġuridiċi marbuta ma' tul eċċessiv tal-proċedura (ara iktar 'il quddiem taħt il-punt 2.).

1. Rekwiżiti dwar l-evalwazzjoni tat-tul tal-proċeduri (l-ewwel u t-tieni parti tal-ewwel aggravju)

232. Ir-rekwiżiti legali applikabbli għall-evalwazzjoni tat-tul tal-proċedura jiffurmaw is-suġġett tal-ewwel żewġ partijiet tal-ewwel aggravju.

216 — Sentenza PVC II (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105, punt 179). Rigward l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju speċifikament għal proċeduri quddiem il-qrati, ara, ukoll, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Diċembru 1998, Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni ("Baustahlgewebe", C-185/95 P, Ġabra p. I-8417, punt 21); Thyssen Stahl (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 124, punt 154); Sumitomo (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29, punt 115), u tas-16 ta' Lulju 2009, Der Grüne Punkt - Duales System Deutschland vs Il-Kummissjoni ("Der Grüne Punkt", C-385/07 P, Ġabra p. I-6155, punti 177 sa 179); u rigward l-applikazzjoni tal-istess prinċipju għal proċedura amministrattiva, ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Settembru 2006, Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothandel op Elektrotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni ("FEG", C-105/04 P, Ġabra p. I-8725, punti 35 sa 52), u tal-21 ta' Settembru 2006, Technische Unie vs Il-Kummissjoni ("Technische Unie", C-113/04 P, Ġabra p. I-8831, punti 40 sa 57).

(a) Fuq il-kwistjoni preliminari tan-natura allegatament ineffettiva tal-ilmenti mqajma minn Solvay

233. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, l-ilmenti invokati minn Solvay dwar it-tul tal-proċedura ma humiex "fil-parti l-kbira tagħhom ineffettivi". Huwa veru li l-eventwali annullament tas-sentenza appellata jippresupponi element ieħor, jiġifieri analiżi tas-sanzjonijiet marbuta ma' tul eċċessiv. Għalhekk, l-eżami tat-tul tal-proċeduri, bħala tali, jidher inevitabbli[217], ladarba ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli jippresupponi neċessarjament li jiġi kkonstatat minn qabel tul eċċessiv tal-proċedura. Il-kriterji li tuża l-Qorti Ġenerali sabiex tevalwa t-tul tal-proċedura ma jistax jiġi eżenti minn kull stħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' appell.

234. L-ilmenti ta' Solvay dwar it-tul tal-proċedura setgħu kienu, l-iktar l-iktar, ineffettivi li kieku l-appellanti issollevathom indipendentement mill-ilmenti dwar is-sanzjonijiet marbuta mat-tul eċċessiv tal-proċedura. Iżda, dan mhux il-każ fil-każ inkwistjoni. Is-sentenza appellata hija kkontestata minn żewġ aspetti, it-tielet, ir-raba' u l-ħames partijiet tal-ewwel aggravju huma speċifikament iddedikati għas-sanzjonijiet.

235. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-eċċezzjoni mqajma mill-Kummissjoni dwar in-natura allegatament mhux operattiva tal-ilmenti għandha tinċaħad.

(b) Fuq il-bżonn ta' evalwazzjoni globali tat-tul tal-proċedura (l-ewwel parti tal-ewwel aggravju)

236. Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, Solvay tallega li l-Qorti Ġenerali bbażat esklużivament l-evalwazzjoni tagħha dwar in-natura raġonevoli tat-tul tal-proċedura billi eżaminat biss xi fażijiet individwali mill-proċeduri amministrattivi u kontenzjużi, mingħajr ma evalwat it-tul globali tal-proċedura fis-seħħ sa mill-verifiki li saru f'April 1989.

237. In-natura raġonevoli tat-tul ta' proċedura għandha tiġi evalwata skont iċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull kawża, u b'mod partikolari, skont l-importanza tal-kawża għall-parti ikkonċernata, skont il-kumplessità tal-kawża kif ukoll skont l-aġir tar-rikorrent

217 — Ara, f'dan is-sens ukoll, is-sentenza PVC II (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105, punti 176 sa 178); fis-sentenza Der Grüne Punkt (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punti 176 sa 196), il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ivverifikat ukoll in-natura raġonevoli tat-tul tal-proċedura, anki jekk ma seta' jiġi kkonstatat ebda effett fuq ir-riżultat tal-kawża.

u dak tal-awtoritajiet kompetenti [218]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-lista tal-kriterji rilevanti ma kinitx eżawrjenti [219].

238. Eżami xieraq tat-tul ta' proċedura mingħajr dubju jimplika evalwazzjoni speċifika tat-tul ta' kull fażi tal-imsemmija proċedura [220]. Jekk fażi waħda fosthom kienet eċċessivament twila, din iċ-ċirkustanza waħedha tiġġustifika l-konstatazzjoni ta' ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli [221].

239. Eżami xieraq tat-tul ta' proċedura madankollu ma jimplikax evalwazzjoni "biċċa biċċa" biss, iżda wkoll evalwazzjoni globali tat-tul tal-proċedura amministrattiva u possibbilment ta' proċeduri quddiem il-qrati [222].

240. Il-bżonn ta' evalwazzjoni globali ma jistax jiġi kkontestat minħabba li l-proċedura amministrattiva u dik quddiem il-qrati huma ta' natura distinta u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni telenka r-rekwiżiti li l-amministrazzjoni u l-qrati għandhom jissodisfaw fi stadji differenti. L-uniku fattur li jinteressa lill-impriża kkonċernata huwa dak li ssir taf f'liema mument ser jiġi deċiż il-"każ" tagħha b'mod definittiv minn awtorità indipendenti. L-Artikoli 41(1) u 47(2) tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni fihom żewġ dikjarazzjonijiet tal-istess prinċipju uniku ta' natura proċedurali, jiġifieri dak li bis-saħħa tiegħu l-persuni li għaddejjin minn proċess ġudizzjarju jistgħu jistennew li tingħata deċiżjoni f'terminu raġonevoli.

241. Huwa minnu li, bħala regola ġenerali, ma hemmx lok li jiġi rrikonoxxut ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli meta t-tul

218 — Sentenzi Baustahlgewebe (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punt 29); PVC II (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105, punt 187); Thyssen Stahl (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 124, punt 155); Sumitomo (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29, punt 116), u Der Grüne Punkt (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punt 181).

219 — Sentenzi Thyssen Stahl (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 124, punt 156); Sumitomo (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29, punt 117), u Der Grüne Punkt (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punt 182). Ara wkoll is-sentenza PVC II (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105, punt 188).

220 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza PVC II (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105, punt 184), u s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216 FEG (b'mod partikolari l-punti 37, 38 u 40) u Technische Unie (b'mod partikolari l-punti 42, 43 u 45).

221 — Mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni dwar il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu minn tali difett proċedurali; ara, fuq dan is-suġġett, il-punti 248 sa 281 u 323 sa 356 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

222 — Il-Qorti tal-Ġustizzja ma esprimietx ruħha b'mod ċar fuq dan il-punt fis-sentenza PVC II (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105, punti 229 u 230), imma l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma tħalli lok għal ebda dubju fuq ir-rilevanza ta' evalwazzjoni globali tat-tul tal-proċedura. Ara, f'dan ir-rigward, b'mod partikolari s-sentenza Eckle tal-15 ta' Lulju 1982, serje A nru 51: il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tirreferi għat-tul totali tal-proċeduri ġudizzjarji (§§ 79, 80) u tiċċara li t-tul "ikopri t-total tal-proċedura inkwistjoni, inkluż ukoll l-istanza tal-appell" (§ 76). Is-sentenza Gorou (nru 2) tal-20 ta' Marzu 2009 [GC] issib li hemm ksur tal-Artikolu 6(1) KEDB "minħabba t-tul tal-proċedura fit-totalità kollu tagħha" (§ 46). Ara, f'dan l-istess sens, is-sentenza Kakamoukas *et* tal-15 ta' Frar 2008 [GC] li tirrigwarda "il-kalkolu tat-tul totali tal-proċeduri f'kawżi ġudizzjarji(§ 32)".

ta' kull fażi tal-proċedura amministrattiva u ġudizzjarja, fih innifsu, ma kienx wieħed eċċessiv. Madankollu, iktar mal-proċedura jkun fiha fażijiet differenti fit-totalità tagħha, kemm jekk tkun proċedura amministrattiva u/jew ġudizzjarja waħda jew iktar, iktar issir importanti evalwazzjoni tat-tul totali.

242. Fil-każ inkwistjoni, l-ewwel parti tal-proċedura amministrattiva (mill-1989 sal-1990) u l-ewwel parti tal-proċedura kontenzjuża (mill-1991 sal-2000) ġew segwiti mit-tieni parti, anki jekk rudimentarja, tal-proċedura amministrattiva (fl-2000) u mit-tieni parti tal-proċedura kontenzjuża (wara Marzu 2001) [223]. It-tul totali ta' dawn il-fażijiet tal-proċeduri flimkien kien diġà ta' iktar minn 20 sena fid-data tal-għoti tas-sentenza appellata; fid-data ta' dawn il-konklużjonijiet, ser jgħaddu 22 sena. Ebda proċedura oħra fil-qasam tal-kompetizzjoni ma damet daqshekk [224].

243. F'dawn iċ-ċirkustanzi, evalwazzjoni xierqa tat-tul tal-proċedura ma tistax ma tieħux inkunsiderazzjoni t-tul globali tal-proċeduri amministrattivi u kontenzjużi sad-data li fiha tingħata s-sentenza appellata. La darba l-Qorti Ġenerali naqset milli tipproċedi għal din l-evalwazzjoni globali, is-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball ta' liġi. L-ewwel parti tal-ewwel aggravju hija għalhekk fondata.

(c) Fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni invokat (it-tieni parti tal-ewwel aggravju)

244. Solvay tinvoka wkoll nuqqas ta' motivazzjoni (dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 36 u tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 53 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja) minħabba l-fatt li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni t-tul tal-proċedura quddiemha stess fl-evalwazzjoni tagħha tat-tul tal-proċedura.

245. Il-Qorti Ġenerali ma tagħmel ebda riferiment għat-tul tal-proċedura quddiemha (proċedura fil-Kawża T-57/01). Madankollu, għandu jiġi kkunsidrat li l-motivazzjoni ta' sentenza fl-ewwel istanza tista' issir bil-kundizzjoni impliċita li hija tippermetti lill-partijiet ikkonċernati jkunu jafu r-raġunijiet li għalihom l-Qorti Ġenerali ma laqgħetx l-argumenti tagħhom u lill-Qorti tal-Ġustizzja jkollha għad-dispożizzjoni tagħha

223 — Ara, fuq dan il-punt, ir-riassunt kronoloġiku li jinsab fil-punt 11 ta' dawn il-konklużjonijiet.

224 — It-tul totali tal-proċedura magħrufa bħala "PVC" kien madankollu simili ferm għal dak ta' dan il-każ, peress li l-ewwel verifiki mill-Kummissjoni kienu saru f'Ottubru 1983 (ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' April 1999, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, T-305/94 sa T-307/94, T-313/94 sa T-316/94, T-318/94, T-325/94, T-328/94, T-329/94 u T-335/94, Ġabra p. II-931) u li l-aħħar sentenza li ngħatat f'dik il-proċedura (sentenza PVC II, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105) kienet ingħatat f'Ottubru 2002.

provi biżżejjed sabiex twettaq l-istħarriġ tagħha [225].

246. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq il-premessa li l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata ma setax ikun ibbażat biss fuq it-tul tal-proċedura, iżda abbażi ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża riżultanti mit-tul tal-proċedura. Ġaladarba, skont il-Qorti Ġenerali, ma setax kien hemm ksur tad-drittijiet tad-difiża, kien permissibbli għaliha, fis-sentenza appellata, li tastjeni milli teżamina espliċitament l-argumenti invokati minn Solvay dwar it-tul tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali. Ma jista' jiġi kkonstatat ebda difett ta' motivazzjoni f'dan ir-rigward.

247. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tieni parti tal-ewwel aggravju għandha tinċaħad.

2. Sanzjonijiet marbuta ma' tul eċċessiv tal-proċedura (it-tielet, ir-raba' u l-ħames partijiet tal-ewwel aggravju)

248. Fit-tielet, fir-raba' u fil-ħames partijiet tal-ewwel aggravju, Solvay tindirizza s-sanzjonijiet marbuta ma' eventwali tul eċċessiv tal-proċeduri amministrattivi u kontenzjużi.

(a) Bżonn li tiġi affettwata l-kapaċità ta' difiża effettiva (it-tielet parti tal-ewwel aggravju)

249. It-tielet parti tal-ewwel aggravju tqajjem kwistjoni ta' dritt fundamentali. Il-partijiet ma jaqblux dwar jekk eventwali ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli huwiex biżżejjed sabiex waħdu jiġġustifika l-annullament tad-deċiżjoni appellata jew huwiex neċessarju li jiġi stabbilit ukoll, li dan affettwa l-kapaċità tal-impriża kkonċernata li effettivament tiddefendi ruħha [226].

250. Il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet, fis-sentenza appellata [227], li t-tul eċċessiv tal-proċedura seta' biss iwassal għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni jekk jiġi stabbilit li t-tul tal-proċedura affettwa l-kapaċita tal-impriża kkonċernata li tiddefendi lilha nnifisha effettivament. Dan l-approċċ huwa konformi ma' ġurisprudenza llum stabbilita sewwa tal-Qorti tal-Ġustizzja li tfittex b'mod ġenerali li tkun taf jekk it-tul

225 — Ara l-punt 35 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet u l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 30.

226 — Għalkemm dan id-dibattitu twettaq ukoll f'partijiet oħra mill-ewwel aggravju, jiena ser neżamina l-argumenti skambjati fuq dan il-punt esklużivament f'din it-tielet parti tal-ewwel aggravju.

227 — Punt 132 tas-sentenza appellata; ara wkoll il-punti 139 sa 141 tal-imsemmija sentenza.

tal-proċedura setax kellu effett fuq ir-riżultat tagħha [228].

251. Madankollu Solvay tikkunsidra li din il-ġurisprudenza hija antikwata u tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiskartaha fid-dawl tan-natura vinkolanti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali wara li daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona.

252. Ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 52(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jakkwistaw importanza partikolari f'dan ir-rigward. Din id-dispożizzjoni tipprovdi, fl-ewwel sentenza tagħha, prinċipju ta' omoġenità li bis-saħħa tiegħu d-drittijiet fundamentali ggarantiti bl-imsemmija Karta li jikkorrispondu għad-drittijiet iggarantiti mill-KEDB għandhom tifsira u portata identika għal dawk li ngħatawlhom mill-KEDB.

253. Huwa veru li l-prinċipju tat-terminu raġonevoli, bħala dritt fundamentali tal-Unjoni, imsemmi fl-Artikoli 41(1) u 47(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, jikkorrispondi għall-Artikolu 6(1) tal-KEDB [229].

254. U kif indikat korrettament il-Kummissjoni, għandu jiġi kkonstatat b'mod ġenerali li l-KEDB tħalli lill-Istati Kontraenti ċertu marġni dwar il-possibbiltajiet u l-mezzi intiżi li jindirizzaw abbużi potenzjali tad-drittijiet fundamentali [230].

255. Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 6(1) tal-KEDB, jista' jiġi dedott li r-rinunzja totali għas-sanzjonijiet penali kollha u t-twaqqif tal-prosekuzzjoni jikkostitwixxu biss wieħed mill-modalitajiet possibbli sabiex jiġu kkanċellati l-konsegwenzi tal-ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli fis-sens tal-Artikolu 41 tal-KEDB [231]. Din il-ġurisprudenza ma *tobbligax* lill-awtoritajiet nazzjonali jirrinunzjaw għas-sanzjonijiet kollha u jwaqqfu l-proċeduri. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tammetti anki espressament li riduzzjoni tal-piena mogħtija tista' tikkostitwixxi modalità korretta sabiex tikkanċella l-ksur tat-terminu

228 — Sentenzi Baustahlgewebe (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punt 49), u Der Grüne Punkt (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punt 193); ara b'mod partikolari fuq ir-rabta mad-drittijiet tad-difiża, is-sentenzi FEG (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, b'mod partikolari punti 42, 43 u 60 sa 62), u Technische Unie (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, b'mod partikolari l-punti 47, 48 u 69 sa 71).

229 — Spjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (GU 2007, C 303, p. 17), ara b'mod partikolari l-ispjegazzjoni tal-Artikolu 47(2) (f'p. 30).

230 — Fis-sentenza Kudla tas-26 ta' Ottubru 2000, Ġabra tas-sentenzi u d-deċiżjonijiet, 2000-XI, § 154, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (GC) tammetti li "għalissa ma teżistix, fis-sistema ġuridika tal-Istati Kontraenti, sistema predominanti għal azzjonijiet li jippermettu denunzji ta' tul eċċessiv tal-proċeduri"; ara wkoll QEDB, is-sentenza Simaldone tal-31 ta' Marzu 2009, Rikors Nru 22644/03, § 78. Studju komparattiv kien ġie ppubblikat fl-2006 fil-kuntest tal-Kunsill tal-Ewropa mill-Kummissjoni Ewropea għad-demokrazija bil-liġi (Il-Kummissjoni ta' Venezia) (Studju Nru 316/2004, aċċessibbli fuq is-sit Internet ta' dik il-kummissjoni fuq l-indirizz: http://www.venice.coe.int/docs/2006/CDL-AD(2006)036rev-f.pdf, ikkonsultat l-aħħar darba fis-26 ta' Jannar 2011). Fuq l-approċċi differenti fi ħdan l-Unjoni, ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger tat-3 ta' Frar 1998 fil-Kawża Baustahlgewebe (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punt 52 u 53).

231 — QEDB, sentenza Eckle (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 222, § 94) u Ommer (n° 1), tat-13 ta' Novembru 2008, Rikors Nru° 10597/03, § 68; ara, barra minn hekk, QEDB, digriet Sprotte, tas-17 ta' Novembru 2005, Rikors Nru 72438/01.

raġonevoli [232]. Il-konstatazzjoni ta' tul eċċessiv tal-proċedura u ta' tnaqqis fil-piena ġie ddikjarat suffiċjenti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem b'mod partikolari fil-każ ta' kriminalità ekonomika li kellha bħala suġġett reati serji ta' frodi u li kienet ikkaratterizzata minn tul tal-proċedura ta' sbatax-il sena [233]. Soluzzjoni simili tista', fil-fehma tiegħi, tiġi trasposta għal proċeduri fil-qasam tal-kompetizzjoni li jippreżentaw ċerti somiljanzi mal-proċeduri penali fil-qasam ekonomiku.

256. Għandu jingħad ukoll, fir-rigward tad-dritt tal-kompetizzjoni, li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stess ma tidhirx li tikkunsidra din il-parti tad-dritt bħala parti mid-dritt kriminali klassiku; barra mill-"qalba" tad-dritt kriminali, l-imsemmija Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tikkunsidra li l-garanziji kriminali tal-Artikolu 6 tal-KEDB ma għandhomx jiġu applikati bir-rigorożità tagħhom kollha [234].

257. Minn dan isegwi li skont id-dritt attwali tal-Unjoni, għandu jiġi aċċettat li l-prinċipju ta' uniformità stabbilit fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali ma jobbligax lill-qrati tal-Unjoni jissanzjonaw ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli li jseħħ fil-kuntest tad-dritt Ewropew tal-kompetizzjoni billi jannullaw is-sentenza appellata.

258. Huwa minnu li t-tieni sentenza tal-Artikolu 52(3) tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tippermetti lid-dritt Ewropew jagħti protezzjoni iktar wiesgħa minn dik iggarantita mid-dispożizzjonijiet tal-KEDB. Madankollu, dan ma huwiex indikat fil-kuntest partikolari tad-dritt tal-kompetizzjoni.

259. Is-sanzjoni stabbilita minħabba l-ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli għandha tieħu inkunsiderazzjoni b'mod xieraq kemm l-interessi tal-impriża kkonċernata kif ukoll l-interess ġenerali.

260. L-interess tal-impriża kkonċernata huwa li tikseb kumpens kemm jista' jkun sħiħ għall-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt fundamentali [235]. L-interess ġenerali huwa li tiġi żgurata konformità effettiva mar-regoli tal-kompetizzjoni tas-suq intern

232 — QEDB, sentenzi Dželili, tal-10 ta' Novembre 2005, Rikors Nru 65745/01, § 103; Ohlen, tal-24 ta' Frar 2005, Rikors Nru 63214/00, §§ 29 u 30, u Ommer (nru 1) (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 231, § 68); digriet Menelaou, tat-12 ta' Ġunju 2008, Rikors Nru 32071/04; ara, f'dan l-istess sens, iktar qabel, is-sentenza Eckle (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 222, § 67), li tammetti, bħala regola ġenerali f'kull każ, tnaqqis ta' piena bħala kanċellament. Ara wkoll, il-punti 119 sa 123 tal-istudju Nru 316/2004 tal-Kummissjoni ta' Venezia (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 230).

233 — QEDB, sentenza Eckle (Artikolu 50), tal-21 ta' Ġunju 1983, serje A, Nru 65, § 24.

234 — QEDB, sentenza Jussila tat-23 ta' Novembru 2006, [GC] Rikors Nru 73053/01, § 43.

235 — Ara, f'dan is-sens ukoll, l-Artikolu 41 tal-KEDB [li jinvoka l-"kanċellament" ta' dawk il-konsegwenzi].

Ewropew[236], li jiffurmaw parti integrali mid-dispożizzjonijiet fundamentali tat-Trattati[237].

261. Jekk deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi multa fil-qasam tal-kompetizzjoni tiġi annullata sempliċement għaliex ma tittieħidx deċiżjoni f'terminu raġonevoli fil-proċedura amministrattiva jew kontenzjuża, dan ikun ifisser li tiġi annullata mhux biss il-multa iżda wkoll il-konstatazzjoni tal-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni nfushom. Dan l-approċċ imur kontra l-interess ġenerali li tiġi żgurata konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni u jmur lil hinn mill-interess leġittimu tal-impriża kkonċernata li tikseb kumpens kemm jista' jkun sħiħ tal-ksur tad-dritt fundamentali li hija ġġarrab.

262. Ma jistax jiġi permess li impriża terġa' tikkontesta l-eżistenza ta' ksur sempliċement għaliex ma tingħatax deċiżjoni finali f'terminu raġonevoli[238]. Is-sanzjoni tal-ksur ta' terminu raġonevoli tal-proċedura ma tistax, fi kwalunkwe każ, twassal sabiex tippermetti impriża tkompli jew tistabbilixxi mill-ġdid aġir li jiġi ġġudikat bħala kuntrarju għar-regoli tad-dritt tal-Unjoni[239].

263. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma nara ebda raġuni li nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja terġa' tikkunsidra mill-ġdid il-ġurisprudenza attwali tagħha fuq dan il-punt. Għaldaqstant, it-tielet parti tal-ewwel aggravju għandha tinċaħad.

(b) Effett tat-tul tal-proċeduri fuq il-kapaċità ta' Solvay li tiddefendi ruħha fil-każ inkwistjoni (ir-raba'parti tal-ewwel aggravju)

264. Ir-raba' parti tal-ewwel aggravju tikkonċerna l-punti 132 sa 136 tas-sentenza appellata fejn il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-kapaċità ta' Solvay li tiddefendi ruħha ma ġietx affettwata minn ebda ksur tal-prinċipju ta' terminu raġoneveli, u għalhekk ma kienx hemm ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha. Solvay issostni, f'dan ir-rigward, nuqqas ta' motivazzjoni u nuqqas ta' rikonoxximent tal-prinċipji ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża u ta' terminu raġonevoli. Il-Qorti Ġenerali ma ħaditx suffiċjentement inkunsiderazzjoni d-diffikultajiet li ltaqgħet magħhom Solvay sabiex tiddefendi ruħha minħabba t-tul żejjed tal-proċeduri.

236 — L-importanza tal-effikaċja tat-twettiq tal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE (qabel Artikoli 81 KE u 82 KE) ġiet enfasizzata reċentement ukoll, pereżempju, fis-sentenzi tal-11 ta' Ġunju 2009, X BV (C-429/07, Ġabra p. I-4833, punti 33 sa 35), u tas-7 ta' Diċembru 2010, VEBIC (C-439/08, Ġabra p. I-12471, b'mod partikolari, il-punti 59 u 61).

237 — Sentenza Der Grüne Punkt (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punt 194). Ara wkoll, f'dan is-sens, għal dak li jirrigwarda l-proċedura kriminali b'mod ġenerali, il-punti 228 sa 232 tal-istudju tal-Kummissjoni ta' Venezia (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 230); fil-punt 241, il-Kummissjoni ta' Venezia issostni li l-ħelsien u l-abbandun tal-prosekuzzjoni għandhom ikunu miżuri eċċezzjonali.

238 — Sentenza Der Grüne Punkt (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punt 194).

239 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot tal-31 ta' Marzu 2009 fil-Kawża Der Grüne Punkt (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punti 305 u 306); il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi espressament għal din l-analiżi fil-punt 194 tas-sentenza li hija tat f'din il-kawża.

(i) Fuq l-allegat nuqqas ta' motivazzjoni

265. In-nuqqas ta' motivazzjoni allegat firrigward tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 36 u tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 53 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa fis-sens li l-Qorti Ġenerali ma indirizzatx uħud mill-argumenti invokati minn Solvay fl-ewwel istanza rigward id-diffikultajiet li hija kellha fid-difiża tagħha.

266. Dan l-argument ma' jistax jintlaqa'. Kif diġà ġie indikat, l-obbligu ta' motivazzjoni ma jimponix fuq il-Qorti Ġenerali li tagħti espożizzjoni li tiddeskrivi, b'mod eżawrjenti u wieħed wieħed, is-sottomissjonijiet li jsiru mill-partijiet fil-kawża; il-motivazzjoni tista' għalhekk tkun impliċita sakemm tippermetti lill-partijiet ikunu jafu birraġunijiet li għalihom il-Qorti Ġenerali ma aċċettatx l-argumenti tagħhom u lill-Qorti tal-Ġustizzja jkollha materjal biżżejjed sabiex twettaq l-istħarriġ tagħha [240].

267. Il-Qorti Ġenerali tirrispondi anki espressament, għalkemm fil-qosor, għall-argumenti ta' Solvay rigward id-diffikultajiet li din iltaqgħet magħhom sabiex tiddefendi ruħha kontra l-akkużi tal-Kummissjoni minħabba tul żejjed. Tindika essenzjalment li l-Kummissjoni ma wettqet ebda investigazzjoni wara l-ewwel proċedura kontenzjuża f'dan il-każ u ma ħadet inkunsiderazzjoni, fl-ewwel deċiżjoni kkontestata, ebda prova ġdida li kienet tagħti lok għall-eżerċizzju tad-dritt tad-difiża [241].

268. Jista' jkun li Solvay ma taqbilx mal-analiżi fil-mertu taċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni, mingħajr madankollu ma dan iwassal għal nuqqas ta' motivazzjoni [242].

(ii) Fuq l-allegat nuqqas fil-mertu

269. L-analiżi tal-Qorti Ġenerali li l-mogħdija taż-żmien ma affettwatx il-kapaċità ta' Solvay li tiddefendi ruħha effettivament hija wkoll ikkontestata fil-mertu mill-appellanti. Solvay tikkunsidra li tali analiżi tammonta għal ksur tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża u tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli.

270. Jista' jidher, *prima facie*, li hawnhekk Solvay titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha ma' dik tal-evalwazzjoni tal-fatti mwettqa mill-Qorti Ġenerali, u dan jikkostitwixxi talba inammissibbli fil-kuntest ta' appell [243].

240 — Ara l-punt 35 iktar 'il fuq u l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

241 — Punti 133 sa 135 tas-sentenza appellata.

242 — Ara l-punt 30 iktar 'il fuq u l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26 ta' dawn il-konklużjonijiet.

243 — Ara, f'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45 ta' dawn il-konklużjonijiet.

271. Analiżi iktar profonda madankollu turi li Solvay ma hijiex tilmenta li l-Qorti Ġenerali wettqet evalwazzjoni żbaljata tal-fatti iżda li hija ttraskurat ċirkustanza importanti fil-fehma tagħha: il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li t-tul ta' żmien li għadda bejn il-ftuħ tal-proċedura affettwa l-kapaċità tad-difiża ta' Solvay *matul il-proċedura kontenzjuża*. Kien b'mod żbaljat li l-Qorti Ġenerali llimitat l-eżami tagħha għall-effett li l-mogħdija taż-żmien kellu fuq il-kapaċità ta' difiża ta' Solvay quddiem il-Kummissjoni biss (jiġifieri *matul il-proċedura amministrattiva*).

272. Dan l-argument jidher fondat.

273. Meta l-Qorti Ġenerali teżamina jekk it-tul allegatament eċċessiv tal-proċedura għandux impatt negattiv fuq il-kapaċità tal-impriża li tiddefendi ruħha, ma għandhiex tillimita l-eżami tagħha għal fażi waħda tal-proċedura. Għall-kuntrarju, għandha tara b'mod ġenerali jekk it-tul tal-proċedura kienx kapaċi jaffettwa *l-kapaċità tal-impriża li tiddefendi ruħha kontra l-akkużi tal-Kummissjoni*[244].

274. Huwa minnu li primarjament din id-difiża tiġi eżerċitata matul il-proċedura amministrattiva, meta l-impriża tingħata l-opportunità tagħti l-fehma tagħha dwar id-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet. Madankollu, id-difiża ma hijiex limitata għall-proċedura amministrattiva. L-impriża kkonċernata tista' fil-fatt tippreżenta rikors quddiem il-qrati tal-Unjoni kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponielha multi (ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE; li qabel kien ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE). Anki fil-kuntest ta' tali proċedura kontenzjuża, l-impriża għandha tkun tista' tiddefendi ruħha b'mod effettiv kontra l-akkużi tal-Kummissjoni, iddikjarati f'dan l-istadju f'deċiżjoni uffiċjali.

275. Kien għalhekk b'mod żbaljat li l-Qorti Ġenerali llimitat ruħha li tara jekk Solvay setgħetx tiddefendi ruħha b'mod effettiv *matul il-proċedura amministrattiva*[245] u jekk it-tul ta' proċedura kontenzjuża magħluqa (il-proċedura ġudizzjarja fil-Kawża T-32/91 dwar l-ewwel deċiżjoni li imponiet multa, Deċiżjoni 91/299) kellux effett negattiv[246]. Il-Qorti Ġenerali naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni fl-analiżi tagħha l-kapaċità *attwali* tad-difiża tal-impriża, fit-tieni proċedura kontenzjuża (il-proċedura fil-Kawża T-57/01 dwar id-deċiżjoni kkontestata f'dan il-każ, jiġifieri d-Deċiżjoni 2003/6).

276. Ħtieg li fil-każ inkwistjoni tittieħed inkunsiderazzjoni l-kapaċità tad-difiża quddiem il-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-57/01 għal żewġ raġunijiet: fl-ewwel lok, minħabba t-talba li saret minn Solvay sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni t-tul tal-proċedura

244 — Is-sentenzi FEG għandhom premessa simili (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punti 45 sa 49) u Technische Unie (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punti 50 sa 54), fejn jirriżulta li l-Qorti Ġenerali għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-effett fuq il-kapaċità tad-difiża tal-impriża kkonċernata li tiddefendi ruħha matul il-fażijiet kollha tal-proċedura amministrattiva.

245 — Punti 134 u 135 tas-sentenza appellata.

246 — Punti 137 sa 140 tas-sentenza appellata (il-fatt li hija kwistjoni tal-proċedura anteċedenti quddiem il-Qorti, dwar id-Deċiżjoni 91/299, jirriżulta b'mod partikolarment ċar mill-punt introduttiv, il-punt 137).

kontenzjuża li kienet pendenti, u fit-tieni lok, minħabba l-fatt li kien biss matul dik il-proċedura kontenzjuża, speċifikament fl-2005, li Solvay kisbet aċċess għall-fajl. Kien għalhekk importanti li jsir magħruf jekk Solvay setgħetx xorta waħda, fl-2005, tiddefendi ruħha b'mod effettiv kontra l-akkużi jew il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni.

277. Id-dritt fundamentali għal deċizjoni f'terminu raġonevoli jimplika li l-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni finali tagħha fi proċedura amministrattiva fil-qasam tal-kompetizzjoni kmieni biżżejjed sabiex l-impriża kkonċernata tkun tista' tiddefendi ruħha b'mod effettiv quddiem il-qrati tal-Unjoni.

278. Ladarba l-Qorti Ġenerali b'ebda mod ma ħadet inkunsiderazzjoni din iċ-ċirkustanza ġuridikament rilevanti, is-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball ta' liġi.

(iii) Fuq xi lmenti oħra

279. Solvay tinvoka fl-aħħar nett, fil-kuntest ta' din ir-raba' parti tal-ewwel aggravju, żnaturament tal-fatti u ksur tal-Artikolu 6 tal-KEDB u tal-Artikolu 6(1) TUE.

280. Ma huwiex neċessarju li dawn l-ilmenti supplimentari jiġu eżaminati fid-dettall. L-ilment ibbażat fuq żnaturament tal-fatti ma ġiex espost suffiċjentement [247] u jiena lanqas ma nara xi prova ta' tali żnaturament. F'dak li jirrigwarda l-Artikolu 6 tal-KEDB u tal-Artikolu 6(1) TUE, għandu jiġi kkonstatat li l-ewwel dispożizzjoni ma għandhiex applikazzjoni diretta u t-tieni ma tinkludix, fiha nfisha, dritt fundamentali [248].

(iv) Riżultat intermedjarju

281. Ir-raba' parti tal-ewwel aggravju hija parzjalment fondata.

(c) Fuq l-allegata rinunzja minn Solvay għal tnaqqis tal-multa (il-ħames parti tal-ewwel aggravju)

282. Bil-ħames u l-aħħar parti tal-ewwel aggravju, Solvay tikkontesta speċifikament il-punt 141 tas-sentenza appellata. Il-Qorti Ġenerali tiddikjara f'dan il-punt li, fir-rikors, Solvay kienet "espressament irrinunzjat għall-possibbiltà ta' tnaqqis tal-multa bħala

247 — Ara, f'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35.

248 — Fir-rigward tal-Artikolu 6 tal-KEDB u l-Artikolu 6(1) TUE, ara wkoll il-punt 160 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

kumpens għall-allegat ksur tad-dritt tagħha għal sentenza f'terminu raġonevoli". Solvay tikkunsidra li dan jikkostitiwixxi żnaturament tal-mod li bih huwa fformulat ir-rikors tagħha fl-ewwel istanza.

283. Kif diġa ġie spjegat f'kuntest differenti, hemm żnaturament meta l-argumenti tal-partijiet ġew manifestament mifhuma ħażin mill-Qorti Ġenerali jew meta din irriproduċiethom billi biddlitilhom is-sens [249].

284. Fis-silta inkwistjoni tas-sentenza appellata, sfortunatament il-Qorti Ġenerali ma tindika mkien għal liema parti mir-rikors ta' Solvay hija qiegħda tirreferi. Fl-appell, il-partijiet fil-kawża ftiehmu li jikkunsidraw li l-Qorti Ġenerali kienet indubjament qiegħda tirreferi, għall-finijiet tad-dikjarazzjoni kkontestata minn Solvay, għall-punti 149 u 150 tar-rikors. Fil-punt 149 tar-rikors, Solvay essenzjalment issostni li huwa biss l-annullament tad-deċiżjoni inkwistjoni li jista', fl-opinjoni tagħha, jikkanċella l-ksur tal-prinċipju ta' proċess ġust invokat minnha; tnaqqis biss tal-multa ma kienx ikun biżżejjed sabiex jelimina l-allegat ksur tal-Artikolu 6 KEDB. Fil-punt 150 tar-rikors, Solvay tissottometti wkoll li l-mogħdija ta' żmien raġonevoli li tilmenta dwaru f'dan il-każ ma jistax ma jwassalx għall-annullament totali tad-deċiżjoni kkontestata [250].

285. Fis-silta mir-rikors li sar riferiment għaliha, ma nista' nsib ebda rinunzja għal possibbiltà ta' tnaqqis tal-multa minħabba t-tul tal-proċedura. Mis-sottomissjonijiet bil-miktub ta' Solvay tirriżulta inqas u inqas "rinunzja espressa" għal tnaqqis tal-multa minħabba t-tul eċċessiv tal-proċedura, bħal dik li sabet il-Qorti Ġenerali.

286. Fil-punti 149 u 150 tar-rikors ippreżentat minn Solvay fl-ewwel istanza, din sempliċement tesponi, b'enfażi kbira, l-analiżi ġuridika tagħha. L-impriża tesponi dik is-sanzjoni li, fil-fehma tagħha, għandha tintrabat mal-allegat ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli: mhux tnaqqis tal-multa, iżda l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

287. Teżisti differenza kbira bejn l-espożizzjoni ta' analiżi ġuridika u r-rinunzja espressa għall-possibbiltà ta' tnaqqis

249 — Ara l-punt 94 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

250 — Punt 150 tar-rikors fl-ewwel istanza, iċċitat fil-punt 50 tal-appell ta' Solvay.

tal-multa bħala kumpens għal allegat ksur. Il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni din id-differenza fil-punt 141 tas-sentenza appellata.

288. Il-punt 141 tas-sentenza appellata juri li l-Qorti Ġenerali manifestament interpretat b'mod żbaljat l-argumenti ta' Solvay fl-ewwel istanza u li barra minn hekk hija rriproduċiethom billi biddlitilhom il-kontenut. Dan jikkostitwixxi żnaturament tal-argumenti tal-imsemmija parti.

289. Dan l-iżnaturament jidher iktar ċar meta wieħed jikkunsidra li Solvay talbet ukoll, fir-rikors ippreżentat minnha fl-ewwel istanza, f'kuntest ieħor, għal tnaqqis tal-multa meta rreferiet espressament għall-"kunsiderazzjonijiet kollha [...] taħt il-motivi għall-annullament", u għalhekk ukoll għall-argumenti tagħha dwar it-tul eċċessiv tal-proċedura [251].

290. Il-ħames parti tal-ewwel aggravju hija għalhekk fondata.

3. Riżultat intermedjarju

291. L-ewwel aggravju huwa parzjalment fondat.

E — *Annullament tas-sentenza appellata*

292. Kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-tieni, is-sitt, is-seba' u t-tmien aggravji għandhom jinċaħdu.

293. Id-disa' aggravju huwa parzjalment fondat. Madankollu, dan jindirizza biss il-kwistjoni speċifika tad-diskriminazzjoni fis-sens tal-Artikolu 82(2)(c) KE. Din iċ-ċirkustanza ma għandha ebda effett fuq il-prattiki l-oħra ta' Solvay fuq is-suq, ikkunsidrati bħala abbużivi mill-Kummissjoni u li fir-rigward tagħhom il-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi. Konsegwentement, il-fatt li l-mertu ta' dan id-disa' aggravju huwa parzjalment fondat ma jwassalx, waħdu, għall-annullament tas-sentenza appellata.

294. L-aggravji ddedikati għad-drittijiet tad-difiża (it-tielet, ir-raba' u l-ħames aggravji), kif ukoll l-aggravju rigward id-dewmien tal-proċedura huma għall-kuntrarju fondati fil-parti l-kbira tagħhom. Il-mertu ta' kull wieħed mill-imsemmija aggravji huwa, fih innifsu, biżżejjed sabiex jiġġustifika l-annullament tas-sentenza appellata fl-intier tagħha.

251 — Il-punt 439 tar-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza (li minnu Solvay tiċċita silta fil-punt 52 tal-appell) jipprovdi kif ġej: "S]i, par impossible, le Tribunal devait rejeter l'ensemble des moyens d'annulation développés par la requérante, la requérante invite le Tribunal à prendre en compte … l'ensemble des considérations présentées dans la présente requête au titre des moyens d'annulation dans son appréciation de la nécessité d'infliger une amende à la requérante et du montant de celle-ci …".

F — *Eżami tar-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza*

295. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi b'mod definittiv fuq il-kawża, jekk hija tkun fi stat li tiġi deċiża.

296. Dan huwa l-każ fil-każ preżenti. Il-kwistjonijiet kollha ta' fatt u ta' liġi neċessarji għad-deċiżjoni tal-appell ta' Solvay diġà ġew diskussi mill-Qorti Ġenerali fl-ewwel istanza u l-partijiet kellhom okkażżjoni jiskambjaw l-argumenti tagħhom f'dan ir-rigward. Għalhekk, ma huwiex neċessarju li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrinvija l-atti quddiem il-Qorti Ġenerali, iżda tista' tiddeċiedi hija stess fuq l-appell għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata ppreżentat minn Solvay. Fid-dawl tat-tul partikolarment twil tal-proċedura, jiġifieri tnejn u għoxrin sena mill-investigazzjoni li twettqet mill-Kummissjoni f'April 1989 sal-lum, hemm lok li l-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita din il-fakultà.

297. Fil-kuntest tal-kunsiderazzjonijiet li ġejjin, sejjer nillimita l-eżami tiegħi tal-validità tad-deċiżjoni inkwistjoni minn tliet aspetti: l-aċċess għall-fajl (taħt 1.), id-dritt għal smigħ (taħt 2.), u t-tul tal-proċedura (taħt 3.).

1. Fuq id-dritt ta' aċċess għall-fajl

298. Ġie stabbilit li l-aċċess għall-fajl li ngħata lil Solvay qabel ma ġiet adottata d-deċiżjoni kkontestata ma kienx jissodisfa r-rekwiżiti legali [252].

299. Kif diġà ġie indikat, ma jistax jiġi eskluż li Solvay setgħet issib fid-dokumenti mitlufa tal-fajl, li l-kontenut tagħhom mhux magħruf, informazzjoni li setgħet tkun utli għad-difiża tagħha. Dan huwa minnu iktar u iktar peress li l-Kummissjoni stess tassumi li wħud mill-faxxikli mitlufa fihom "korrispondenza taħt l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 17", jiġifieri talbiet għall-informazzjoni mibgħuta lil diversi impriżi mill-Kummissjoni u t-tweġibiet tagħhom [253]. Uħud minn dawn l-osservazzjonijiet ta' terzi setgħu jipprovdu indikazzjonijiet utli dwar il-possibbiltà ta' pożizzjoni dominanti ta' Solvay (pereżempju fuq l-ishma fis-suq, is-saħħa tal-kompetituri ta' Solvay u l-portata tal-poter kumpensatorju possibbli tal-klijenti tagħha); xi provi dwar l-eżistenza jew le ta' ġustifikazzjoni ekonomika oġġettiva tal-prattiki ta' Solvay setgħu wkoll jinsabu fl-imsemmija osservazzjonijiet [254].

252 — Ara l-punti 154 u 157 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.
253 — Punt 66 tas-sentenza appellata.
254 — Ara l-punti 202 u 203 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

300. Għaldaqstant, kien hemm almenu l-possibbiltà li l-proċedura amministrattiva twassal għal riżultat differenti li kieku ngħata aċċess xieraq għall-fajl, anki jekk biss fir-rigward tal-ammont tal-multa li kellha tiġi imposta.

301. Konsegwentement, id-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata fl-intier tagħha, anki jekk biss minħabba d-difetti proċedurali rigward l-aċċess għall-fajl u d-dokumenti mitlufa. (Konsegwentement, ma huwiex iktar neċessarju li tiġi eżaminata l-utilità għad-difiża ta' Solvay tad-dokumenti tal-fajl li hija ma setgħetx tikkonsulta ħlief fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali).

2. Fuq id-dritt għal smigħ

302. Huwa wkoll paċifiku li Solvay ma nstemgħatx mill-ġdid mill-Kummissjoni qabel ma ġiet adottata d-deċiżjoni kkontestata, anki jekk kellha tali dritt [255]. Dan id-difett proċedurali huwa wkoll marbut mill-qrib mal-aċċess mhux xieraq għall-fajl.

303. Ma jistax jiġi eskluż li r-riżultat tal-proċedura amministrattiva kien ikun differenti kieku l-Kummissjoni kienet ippermettiet lill-impriża, fl-2000, tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha, wara li hija tingħata debitament aċċess għall-fajl, fuq l-oġġezzjonijiet imqajma mill-ġdid mis-servizzi tagħha [256].

304. Anki minħabba dan il-motiv, hemm lok li d-deċiżjoni kkontestata tiġi annullata fl-intier tagħha.

3. Fuq il-prinċipju ta' terminu raġonevoli

305. Fl-aħħar nett, rigward it-tul tal-proċedura, hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ inkwistjoni [257].

306. Nibda biex ninnota li l-Kummissjoni baqgħet assolutament inattiva matul il-perijodu mill-annullament tal-ewwel deċiżjoni li imponiet multa (Deċiżjoni 91/299) sakemm ingħatat l-ewwel sentenza mill-Qorti tal-Ġustizzja wara l-appell [258]. Minħabba f'hekk intilfu erba' snin u seba' xhur [259].

307. Din l-inattività tal-Kummissjoni ma tistax tiġi ġġustifikata bl-appell ippreżentat

255 — Ara l-punti 154 u 222 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

256 — Ara l-punti 211 sa 227 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

257 — Ara l-punt 237 iktar 'il fuq u n-nota ta' qiegħ il-paġna 218 ta' dawn il-konklużjonijiet.

258 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Solvay tas-6 ta' April 2000 (iċċitata iktar 'il fuq fin- nota ta' qiegħ il-paġna 11).

259 — Ara, f'dan ir-rigward, ir-riassunt kronoloġiku li hemm fil-punt 11 ta' dawn il-konklużjonijiet.

minn din tal-aħħar kontra s-sentenza li annullat l-ewwel deċiżjoni li imponiet multa. Ċertament huwa permissibbli għall-Kummissjoni li tagħmel użu sħiħ mir-rimedji legali li ngħatawlha, u f'każ li hija titlef il-kawża fl-ewwel istanza, tippreżenta appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, dan ma jfissirx li hija tista' tħalli l-proċedura amministrattiva inattiva waqt li jkun qed jinstema' l-appell [260].

308. L-appell ma jissospendix il-proċedura (l-ewwel sentenza tal-Artikolu 60 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja). Konsegwentement, il-Kummissjoni kienet marbuta, bis-saħħa tal-Artikolu 233(1) KE (li sar Artikolu 266(1) TFUE) tadotta dawk il-miżuri kollha għall-eżekuzzjoni tas-sentenza ta' annullament tad-29 ta' Ġunju 1995, id-data li fiha ngħatat is-sentenza fl-ewwel istanza fil-Kawża T-32/91. Il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba kien ukoll jeżiġi li tiġi żgurata l-adozzjoni rapida ta' deċiżjoni ġdida fuq il-mertu u l-għeluq tal-proċedura amministrattiva.

309. Il-Kummissjoni setgħet ukoll tkompli l-proċedura amministrattiva minn Ġunju 1995, u mhux tistenna sa April 2000 sabiex tagħmel dan [261]. Fid-deċiżjoni l-ġdida tagħha li imponiet multa, kien ikun biżżejjed għall-Kummissjoni li tippreċiża li dik id-deċiżjoni kienet tkun mingħajr effett fil-każ li t-talbiet tagħha jintlaqgħu fil-kuntest tal-appell.

310. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jiena nasal għall-konklużjoni li, fil-każ inkwistjoni, it-tul tal-proċedura amministrattiva kien eċċessiv sempliċement minħabba l-inattività tal-Kummissjoni matul kważi ħames snin, minn Lulju 1995 sa April 2000. Kif diġà indikajt [262], għalhekk ma hemmx lok li jiġi eżaminat it-tul tal-fażijiet l-oħra differenti tal-proċedura, jew, li jsir eżami globali tal-proċedura kollha [263].

311. Għalhekk, il-ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli li għadu kemm ġie kkonstatat ma jiġġustifikax l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata sakemm il-kapaċità ta' difiża tal-impriża kkonċernata ma tkunx ġiet affettwata bit-tul tal-proċedura [264]. L-oneru tal-prova f'dan ir-rigward huwa fuq l-impriża.

260 — Kif sostniet ġustament Solvay fl-ewwel istanza (ara l-punt 112 tas-sentenza appellata). Fis-sentenza PVC II (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105, b'mod partikolari l-punti 204 u 205), il-Qorti tal-Ġustizzja ma espremietx ruħha fuq din il-kwistjoni għaliex l-appellanti ma kinitx invokat aggravju f'dan is-sens.

261 — F'April 2000, il-Qorti tal-Ġustizzja tat is-sentenza tagħha fil-Kawża Il-Kummissjoni vs Solvay (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11).

262 — Ara l-punt 238 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

263 — Ara, fir-rigward tat-tul tal-proċedura fl-ewwel istanza quddiem il-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-57/01 u tal-evalwazzjoni globabli tat-tul tal-proċedura, il-punti 335 sa 348 iktar 'l isfel ta' dawn il-konklużjonijiet.

264 — Ara l-punti 249 sa 263 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

312. Ir-rekwiżiti imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward huma ġeneralment għolja [265]: l-argument tal-impriża kkonċernata għandu jkun ibbażat fuq provi konvinċenti u ma jistax ikun astratt u impreċiż [266]. B'hekk, pereżempju, jekk jingħad, bħal fil-każ inkwistjoni, li l-kapaċità tad-difiża tnaqqset bit-tluq ta' impjegati preċedenti, l-impriża għandha, bħala regola ġenerali, tagħti l-ismijiet ta' dawk il-persuni, tindika l-karigi tagħhom u anki d-data ta' meta telqu l-impjieg tagħhom; għandha wkoll tispeċifika n-natura u l-portata tal-informazzjoni jew kjarifiki li jistgħu jsiru minn dawk il-persuni u ċ-ċirkustanzi li jagħmluha impossibbli għaliha li tipprovdi x-xhieda ta' dawn il-persuni [267].

313. Ma hemmx dubju li Solvay ma pprovdietx provi daqstant dettaljati matul din il-proċedura kontenzjuża quddiem il-qrati tal-Unjoni.

314. Madankollu, ma għandux jintesa li f'dan il-każ, fil-mument li ngħatat it-tieni deċiżjoni li imponiet multa, fl-2000, kienu diġà għaddew bejn għaxra sa sbatax-il sena mill-perijodu 1983-1990 li matulu Solvay kienet akkużata li abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha. Meta Solvay finalment irnexxielha tikseb aċċess għall-fajl fl-2005 fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, kienu diġà għaddew bejn ħmistax sa tnejn u għoxrin sena minn meta nbdew proċeduri kontriha dwar il-ksur ikkonstatat mill-Kummissjoni.

315. Huwa ovvju li l-memorja ta' impjegati, u iktar u iktar ta' ex impjegati, tiddeterjora wara tali perijodu. Ma' dan jingħaqad il-fatt li, f'din il-kawża, parti mis-siti użati minn Solvay għall-manifattura tal-karbonat tas-soda għalqu minn dak iż-żmien 'l hawn [268].

316. Fl-ewwel istanza, Solvay madankollu pproponiet lill-Qorti Ġenerali tibni organigramma tal-impjegati tagħha fis-sezzjoni "soda" matul il-perijodu kkontestat u tindikalha l-isem tal-persuni li ħadmu dakinhar kif ukoll id-data ta' meta telqu l-impjieg tagħhom.

317. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, ma kienx raġonevolment mistenni li Solvay tintalab provi oħra.

318. Il-fatt li l-appellanti ma pprovdietx iktar informazzjoni dwar l-avvenimenti u l-provi li dwarhom l-ex impjegati tagħha setgħu jagħtu x-xhieda tagħhom ma jistax jintuża kontriha. Fil-fatt, l-impriża ma kinitx taf bil-kontenut

265 — Sentenzi FEG (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punti 56 sa 60), u Technische Unie (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punti 64, 67 u 69).

266 — Sentenzi Technische Unie (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punti 69), u FEG (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punt 56).

267 — Sentenzi FEG (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punti 57 u 58), u Technische Unie (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punti 64 sa 69).

268 — Solvay tirreferi f'dan ir-rigward għas-siti ta' Tavaux (Franza), Couillet (Belġju), u Heilbronn (Ġermanja).

kollu tal-fajl li suppost kellhom jiżvelawlha [269]. Solvay ma setgħetx tintalab tistabbilixxi jekk, u, skont il-każ, sa liema punt l-ex impjegati tagħha setgħu jagħtu xhieda fuq dokumenti mitlufa tal-fajl li l-kontenut tagħhom ma kienx magħruf u li għalihom hija qatt ma kellha aċċess matul il-proċedura.

319. B'mod ġenerali ħafna, ir-rekwiżiti sabiex jiġi stabbilit tibdil fil-kapaċità taddifiża minħabba l-mogħdija taż-żmien ma għandhomx ikunu tali li jrendu kull prova prattikament impossibbli jew diffiċli żżejjed li tiġi prodotta.

320. Fid-dawl tat-telf irrimedjabbli ta' parti mill-fajl, li setgħet tinkludi l-korrispondenza skambjata bejn il-Kummissjoni u impriżi terzi [270], ma jistax jiġi eskluż li l-ex impjegati ta' Solvay setgħu kienu utli għad-difiża tal-impriża, jekk huma kienu disponibbli. B'mod partikolari, ma jistax jiġi eskluż li dawk l-impjegati setgħu jipprovdu informazzjoni relatata mal-kuntest li ma kinitx tirriżulta b'mod ċar mid-dokumenti bil-miktub biss.

321. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, hemm evidenza biżżejjed li tikkorrobora l-fatt li t-tul żejjed tal-proċedura affettwa l-kapaċità ta' Solvay li tiddefendi ruħha kontra l-Kummissjoni. Għal din irraġuni biss, id-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata.

4. Riżultat intermedjarju

322. Mill-eżami ta' wħud mill-punti ta' liġi mqajma fl-ewwel istanza mill-appellanti dwar l-aċċess għall-fajl, tad-dritt għal smigħ u tat-tul tal-proċedura diġà jirriżulta li d-deċiżjoni kkontestata (Deċiżjoni 2003/6) tal-Kummissjoni għandha tiġi annullata fl-intier tagħha. Għalhekk, ma huwiex neċessarju li jiġu eżaminati l-motivi l-oħra invokati minn Solvay fl-ewwel istanza.

## V — Fuq it-talbiet għal tnaqqis tal-multa

323. Minbarra l-annullament tas-sentenza appellata u tad-deċiżjoni kkontestata [271], Solvay talbet ukoll l-annullament jew it-tnaqqis b'mod sostanzjali tal-multa, li l-ammont tagħha ġie mmodifikat mill-Qorti Ġenerali, bħala kumpens għad-dannu

269 — Ara l-punti 154 u 186 sa 206 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

270 — Punt 66 tas-sentenza appellata.

271 — Ara, fuq dan il-punt, iktar 'il fuq, it-taqsima IV. (il-punti 15 sa 322 ta' dawn il-konklużjonijiet).

gravi li hija sofriet minħabba t-tul esaġerat tal-proċedura.

324. Jekk tiġi adottata s-soluzzjoni li jiena qed nipproponi, li timplika l-annullament tas-sentenza appellata[272] u tad-deċiżjoni kkontestata[273], ma hemmx lok li dan il-kap speċifiku tat-talbiet ta' Solvay jiġi deċiż. Għalhekk jiena ser neżamina dan il-kap hawn taħt b'mod sussidjarju u sabiex inkun eżawrjenti biss.

A — *Osservazzjonijiet preliminari*

325. Fir-rigward tal-problema tat-tul eċċessiv tal-proċedura, jistgħu jirriżultaw żewġ approċċi differenti skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-kawża Baustahlgewebe, fejn kienet ġiet imposta multa fuq l-impriża kkonċernata, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet tat lil din tal-aħħar tnaqqis tal-multa[274]. Għall-kuntrarju, fil-kawża Der Grüne Punkt, fejn ma kinitx ġiet imposta multa ta' din in-natura, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet biss ipproponiet lill-impriża kkonċernata rikors għad-danni taħt l-Artikolu 268 TFUE u t-tieni sentenza tal-Artikolu 340 TFUE (qabel l-Artikolu 235 KE u t-tieni sentenza tal-Artikolu 288 KE)[275].

326. Waqt is-seduta, il-Kummissjoni esprimiet il-preferenza tagħha għat-tieni approċċ, kif invokat fil-kawża Der Grüne Punkt. Hija ġġustifikat il-preferenza tagħha billi ssostni l-bżonn li tiġi żgurata l-effettività tar-rispett tad-dritt tal-kompetizzjoni. Fl-opinjoni tagħha, tnaqqis fil-multa jdgħajjef l-effettività tal-implementazzjoni tar-regoli Ewropej tal-kompetizzjoni.

327. Din l-oġġezzjoni ma hijiex konvinċenti.

328. Minn naħa, ċertament ma hemm ebda dubju li l-osservanza tar-regoli Ewropej tal-kompetizzjoni, li huma indispensabbli għall-funzjonament tas-suq intern[276], tikkostitwixxi għan fundamentali tat-trattati[277]. Sanzjonijiet effettivi u dissważivi huma indispensabbli sabiex jintlaħaq dan l-għan.

329. Min-naħa l-oħra, fi proċedura bħal proċedura amministrattiva fil-qasam

272 — Ara, f'dan ir-rigward, il-punt 294 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

273 — Ara, f'dan ir-rigward, il-punti 298 sa 322 ta' dawn il-konklużjonijiet.

274 — Sentenza Baustahlgewebe (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punti 48, 141 u 142).

275 — Sentenza Der Grüne Punkt (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punt 195).

276 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Ġunju 1999, Eco Swiss (C-126/97, Ġabra p. I-3055, punt 36), u tat-20 ta' Settembru 2001, Courage u Crehan (C-453/99, Ġabra p. I-6297, punt 20).

277 — Ara l-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 236.

tal-kompetizzjoni, li għandha natura kważi kriminali[278], huwa imperattiv li jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-garanziji proċedurali elementari. Huma biss il-motivi konformi mar-rekwiżiti tal-Istat tad-dritt li jistgħu jintużaw sabiex jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt tal-kompetizzjoni. Konsegwentement, f'każ ta' ksur ta' dritt fundamentali bħal dak għal deċiżjoni f'terminu raġonevoli, matul proċedura fil-qasam tal-kompetizzjoni, l-impriża kkonċernata tista' teżiġi l-benefiċċju ta' rimedju effettiv.

330. L-għażla tas-sanzjoni xierqa f'każ ta' tul eċċessiv tal-proċedura għandha għalhekk neċessarjament tissodisfa r-rekwiżiti kontradittorji filwaqt li tirrispetta d-dritt tal-kompetizzjoni, minn naħa, u l-eżistenza ta' rimedju effettiv f'każ ta' ksur ta' dritt fundamentali, min-naħa l-oħra.

331. Għal raġunijiet ta' ekonomija tal-proċedura u sabiex jiġi żgurat lill-impriża kkonċernata rimedju immedjat u effettiv kontra tali irregolarità, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkompli ssegwi, sa fejn dan jidher possibbli, f'dawk il-każijiet li jkunu taw lok għal impożizzjoni ta' multa, l-approċċ li hija stabbilixxiet fis-sentenza Baustahlgewebe[279].

332. Ir-rekwiżit ta' implementazzjoni effettiva tad-dritt tal-kompetizzjoni huwa ssodisfatt, sa fejn il-konstatazzjoni tal-ksur u tal-obbligu tal-impriża kkonċernata li tieqaf minn dak il-ksur f'tali każ[280]. L-effett dissważiv tal-multa oriġinarjament stabbilita mill-Kummissjoni, jew mill-Qorti Ġenerali, jippersisti fir-rigward ta' operaturi kummerċjali oħra. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tikkontestax is-suffiċjenza tal-ammont tal-multa fid-dawl tal-fatti li wasslu għall-ksur. L-"approċċ Baustahlgewebe" ifisser biss speċi ta' kumpens bejn l-ammont oriġinali tal-multa u l-ammont li jkun ikkunsidrat bħala kumpens ġust għat-tul eċċessiv tal-proċedura[281].

278 — Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston tal-10 ta' Frar 2011 fil-kawża pendenti KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni (C-272/09 P), b'mod partikolari l-punt 64); konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot tas-26 ta' Ottubru 2010 fil-Kawżi ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni *et* (C-201/09 P u C-216/09 P, Ġabra p. I-2239, b'mod partikolari l-punt 41) u ThyssenKrupp Nirosta vs Il-Kummissjoni (C-352/09 P, Ġabra p. I-2359, b'mod partikolari l-punt 49), u wkoll il-konklużjonijiet tiegħi stess tat-3 ta' Lulju 2007 fil-Kawża ETI *et* (C-280/06, Ġabra p. I-10893, punt 71) u tat-23 ta' April 2009 fil-kawża Akzo Nobel *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 86, punt 39); Ara diġà iktar 'il fuq f'dan l-istess sens, il-konklużjonijiet tiegħi tat-8 ta' Settembru 2005 fil-kawża FEG (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punt 108) u Technische Unie (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punt 100).

279 — Sentenza Baustahlgewebe (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, b'mod partikolari l-punt 48). Nosserva fuq dan il-punt li l-Kummissjoni nfisha tidher tammetti l-possibbiltà ta' tnaqqis fil-multa meta jiġi konkluż li l-proċedura amministrattiva titwal iżżejjed (ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi FEG u Technische Unie, iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punti 9 rispettivament).

280 — Ara, f'dan ir-rigward, il-punti 261 u 262 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

281 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Baustahlgewebe (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, b'mod partikolari l-punt 141).

B — *Tnaqqis tal-multa*

333. Il-ġurisprudenza Baustahlgewebe [282] hija bbażata fl-aħħar mill-aħħar fuq il-ġurisdizzjoni sħiħa tal-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 261 TFUE f'dak li jirrigwarda s-sanzjonijiet imposti fil-qasam tal-kompetizzjoni taħt l-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 17 [283]. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' għalhekk liberament tħassar, tnaqqas, jew iżżid il-multa jew il-penali imposti.

334. B'applikazzjoni tal-ġurisprudenza Baustahlgewebe, hemm lok li l-ewwel nett jiġi evalwat it-tul tal-proċedura (ara, f'dan ir-rigward, il-punt 1. hawn taħt), qabel ma jiġi ddeterminat it-tnaqqis possibbli tal-multa (ara, f'dan ir-rigward, il-punt 2. hawn taħt).

1. Fuq it-tul eċċessiv tal-proċeduri amministrattivi u kontenzjużi

335. Kif diġà indikajt [284], in-natura raġonevoli tat-tul ta' proċedura għanda tiġi evalwata fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull każ u, b'mod partikolari, skont l-importanza tal-kawża għall-parti kkonċernata, skont il-kumplessità tal-kawża kif ukoll skont l-aġir tar-rikorrent u dak tal-awtoritajiet kompetenti.

336. F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġu eżaminati d-diversi fażijiet tal-proċedura separatament; u hija wkoll neċessarja evalwazzjoni globali tat-tul tal-proċeduri amministrattivi u kontenzjużi [285].

337. Fost id-diversi fażijiet tal-proċedura, tnejn minnhom b'mod partikolari jistgħu jqajmu punti interrogattivi fir-rigward tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli: il-perijodu ta' inattività assoluta mill-Kummissjoni waqt l-ewwel proċedura ta' appell (proċedura fil-Kawżi magħquda C-287/95 P u C-288/95 P), kif ukoll it-tieni proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali (proċedura fil-Kawża T-57/01) [286].

338. Diġà ġie stabbilit [287] li l-*inattività tal-Kummissjoni* minn Ġunju 1995 sa April 2000, jew għal perijodu ta' erba' snin u seba' xhur, jiġifieri matul l-ewwel proċedura ta' appell, kienet tikkostitwixxi ksur ta' terminu raġonevoli fil-konfront ta' Solvay. Konsegwentement, ftit jimporta li nkunu nafu, għall-finijiet ta' din il-proċedura, jekk,

282 — Sentenza Baustahlgewebe (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punti 48 u 142).

283 — Iktar 'il quddiem, l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003

284 — Ara l-punt 237 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

285 — Ara, b'mod partikolari, il-punti 238 sa 241 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

286 — Ara, f'dan ir-rigward, ir-riassunt kronoloġiku fil-punt 11 ta' dawn il-konklużjonijiet.

287 — Ara l-punti 306 sa 310 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

matul dak l-istess perijodu, il-Qorti tal-Ġustizzja tistax tiġi akkużata wkoll b'tul eċċessiv tal-proċedura minħabba l-erba' snin u seba' xhur li ttieħdu mill-proċedura ta' appell.

339. F'dak li jirrigwarda t-tieni proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali (Kawża T-57/01), it-tul tagħha, li kien ta' tmien snin u disa' xhur, jidher mill-ewwel li kien wieħed eċċessiv.

340. Kif issostni korrettement l-appellanti, tul eċċessiv fil-proċedura ma jistax jiġi ġġustifikat fil-każ inkwistjoni b'xi allegata kumplessità ta' xi tip tal-kawża. Il-Qorti Ġenerali kellha biss żewġ partijiet quddiemha; il-ħtieġa tat-traduzzjoni kienet negliġibbli [288], u l-kwistjonijiet fattwali u ġuridiċi mqajma mill-partijiet fil-proċedura ma kinux ta' kumplessità partikolari. Huwa minnu li kien hemm konnessjoni mal-proċedura għaddejja fl-istess żmien fil-kawża paralleli T-58/01; l-identità ta' wħud mill-motivi invokati fiż-żewġ kawżi madankollu kellhom l-effett li jipproduċu sinerġija fit-trattazzjoni tagħhom, b'mod li l-proċedura kellha titħaffef iktar milli tittawwal.

341. Parti kbira mid-dewmien fil-proċedura kienet ċertament kkawżata mill-bżonn li jiġi żgurat li Solvay ikollha aċċess għall-fajl tal-proċedura amministrattiva matul il-proċedura kontenzjuża [289]. Il-fatt li dan ħa sena u nofs, anzi kważi sentejn, inkluż iż-żmien għall-osservazzjonijiet ippreżentati mill-partijiet [290], huwa madankollu totalment inaċċettabbli. Dan it-telf ta' żmien ma jistax ikun għad-detriment ta' Solvay. Il-Qorti Ġenerali kellha, skont il-każ, tiffissa termini ċari lill-Kummissjoni u, f'każ din ma tkunx osservathom, tislet dawk il-konklużjonijiet kollha meħtieġa fir-rigward tagħha.

342. Barra minn hekk, jistgħu jiġu identifikati diversi perijodi li matulhom il-Qorti Ġenerali baqgħet estensivament inattiva. Pereżempju, għandu jkun innutat li għaddew disa' u għoxrin xahar bejn id-data tal-preżentata tal-osservazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar l-utilità ta' ċerti dokumenti għad-difiża ta' Solvay u l-ftuħ tal-proċedura orali [291]. Għandhom jissemmew ukoll it-tmintax-il xahar li għaddew bejn id-data tas-seduta, li nżammet fis-26 ta' Ġunju 2008,

288 — Billi l-Franċiż kien il-lingwa tal-proċedura, l-osservazzjonijiet tal-partijiet kollha fil-kawża huma f'dik il-lingwa li fiha ngħatat is-sentenza appellata. Ma kienx hemmx ħtieġa ta' traduzzjoni ħlief fil-mument li ġie ppreżentat ir-rikors, għall-finijiet tal-pubblikazzjoni tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitaijiet Ewropej* (ara l-Artikolu 24(6) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali). Il-bżonn tat-traduzzjoni fi tmiem il-proċedura tal-ewwel istanza għall-finijiet tal-pubblikazzjoni tas-sentenza appellata ma żammx lill-Qorti Ġenerali milli tagħti s-sentenza fil-lingwa tal-proċedura u tinnotifikaha wara li ngħatat.

289 — Punti 57 sa 67 tas-sentenza appellata.

290 — Fid-19 ta' Diċembru 2003, il-Qorti Ġenerali stiednet lill-Kummissjoni tippreżenta lista enumerata ddettaljata tad-dokumenti kollha li hemm fil-fajl; fl-14 ta' April 2005, Solvay kkonsultat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali d-dokumenti fil-fajl ikkomunikati lill-Qorti Ġenerali mill-Kummissjoni (punti 57 u 67 tas-sentenza appellata). Jekk wieħed jieħu inkunsiderazzjoni ż-żmien li laħaq iddekorra sakemm, fit-18 ta' Novembru 2005, il-Kummissjoni ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha fuq l-utilità tad-dokumenti għad-difiża ta' Solvay, iż-żmien li laħaq għadda kien ta' kważi sentejn.

291 — Il-Kummissjoni ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha fit-18 ta' Novembru 2005, filwaqt li l-proċedura orali nfetħet f'Mejju 2008 (punti 68 u 72 tas-sentenza appellata).

u dik tal-għoti tas-sentenza appellata, fis-17 ta' Diċembru 2009 [292].

343. Il-problemi ta' organizzazzjoni interna tal-Qorti Ġenerali, pereżempju dawk marbuta mat-tiġdid perijodiku tal-imħallfin, jew l-inkapaċità ta' wħud minnhom, ma għandhomx jikkawżaw dannu lill-partijiet [293].

344. F'dawn iċ-ċirkustanzi, kemm il-proċedura amministrattiva kif ukoll dik kontenzjuża kienu ta' tul eċċessiv fil-kawża inkwistjoni.

345. Din l-impressjoni hija kkonfermata mill-eżami tat-tul totali tal-fażijiet kollha tal-proċeduri amministrattivi u kontenzjużi:

— Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 6(1) KEDB, id-dekorrenza tat-tul tal-proċedura għandha tibda mill-mument li fih Solvay ġiet esposta għal atti li twettqu minħabba s-suspetti kontriha u li kellhom impatt sinjifikattiv fuq is-sitwazzjoni tagħha [294]. F'dan il-każ, dik id-data hija ferm qabel id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet (li tikkorrispondi għal "akkuża" uffiċjali): Dan huwa l-jum li fih il-Kummissjoni wettqet spezzjonijiet fil-bini ta' Solvay f'April 1989 [295];

— minn dakinhar, il-proċedura ma ġiet interrotta f'ebda ħin;

— jista' jitqies li ż-żmien baqa' għaddej sal-ġurnata li fiha ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-każ [296].

346. Sal-ġurnata tal-lum, il-proċedura diġà damet tnejn u għoxrin sena. Ma hemmx lok li jingħaraf jekk tali tul tal-proċedura jistax xi darba jkun iġġustifikat. Fi kwalunkwe każ, ġustifikazzjoni bħal din tkun tirrikjedi ċirkustanzi eċċezzjonali, bħal ma huma kumplessità speċjali tal-kwistjonijiet ta' fatt u ta' liġi ttrattati jew aġir tal-impriża kkonċernata li tkun tispjega, f'parti kbira,

292 — Bħala paragun, fil-Baustahlgewebe, fejn ħdax-il kawża konnessi kienu ngħaqdu mill-Qorti Ġenerali għall-finijiet tal-proċedura orali, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat ksur tal-prinċipju ta' tul raġonevoli għaliex, fil-proċedura fl-ewwel istanza, kienu laħqu għaddew tnejn u tletin xahar bejn l-għeluq tal-proċeduri bil-miktub u l-ordni tal-ftuħ tal-proċeduri orali, u wkoll tul ta' tnejn u għoxrin xahar bejn l-għeluq tal-proċedura orali u l-għoti tas-sentenza (sentenza Baustahlgewebe, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punti 45 u 46).

293 — Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tiegħi tal-4 ta' Marzu 2010 fil-Kawża Gogos vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 88).

294 — QEDB, sentenza Pedersen u Baadsgaard tas-17 ta' Diċembru 2004, [GC] Ġabra tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet 2004-XI, § 44; fl-istess sens, ara preċedentement, is-sentenzi Ringeisen tas-16 ta' Lulju 1971, serje A n ° 13, § 110, u Hozee tal-22 ta' Mejju 1998, Ġabra tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet 1998-III, § 43.

295 — Sentenza PVC II (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 105, punt 182); ara, iktar ġeneralment, il-konklużjonijiet tat-8 ta' Diċembru 2005 fil-Kawżi FEG (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punti 108 sa 112) u Technische Unie (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punti 100 sa 104).

296 — QEDB, is-sentenzi König tat-28 ta' Ġunju 1978, Rikors Nru 6232/73, serje A Nru 27, § 98, u Eckle, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 222, § 22.

id-dewmien f'ċerti fażijiet tal-proċedura. Tali ċirkustanzi huma manifestament nieqsa f'dan il-każ.

347. Jiena nosserva b'mod purament inċidentali, li l-fatt li d-dritt ta' prosekuzzjoni jkun għadu ma waqax bil-preskrizzjoni ma jistax, waħdu, jiġġustifika t-tul totali tal-proċedura [297]. It-terminu tal-preskrizzjoni jiddetermina fil-fatt it-terminu massimu li matulu jistgħu jittieħdu l-miżuri sabiex tiġi imposta multa intiża li tissanzjona ksur tar-regoli Ewropej tal-kompetizzjoni. Il-prinċipju ta' terminu raġonevoli jimponi, anki qabel ma jiskadi t-terminu tal-preskrizzjoni, li l-investigazzjoni u l-adozzjoni ta' deċiżjoni jsiru b'diliġenza, u li jiġi evitat perijodu mhux iġġustifikat ta' inattività. Fil-fatt, fil-kuntest ta' proċeduri bħal dawn, l-impriżi kkonċernati huma suġġetti għal pressjoni ikbar u kkonfrontati kontinwament bl-inċertezza dwar it-tmiem tal-proċeduri kontrihom u l-eżitu tagħhom. F'sitwazzjoni bħal din, il-prinċipju ta' terminu raġonevoli jagħtihom protezzjoni lil hinn minn dak offrut mill-preskrizzjoni ta' prosekuzzjoni [298].

348. Finalment, jiena għalhekk nasal għall-konklużjoni li hemm ksur tad-dritt fundamentali ta' Solvay għal deċiżjoni f'terminu raġonevoli.

349. B'applikazzjoni tal-ġurisprudenza Baustahlgewebe [299], hemm lok għalhekk li s-sentenza appellata tiġi annullata minħabba t-tul eċċessiv tal-proċedura, minn tal-inqas sa fejn imponiet multa ta' EUR 19-il miljun.

2. Fuq l-ammont tat-tnaqqis tal-multa

350. Minn tweġibiet li ngħataw għal mistoqsija li saritilhom waqt is-seduta jirriżulta li hemm differenza kbira bejn

297 — It-terminu ta' preskrizzjoni huwa ta' ħames snin u jibda jiddekorri mill-ġurnata li fiha jispiċċa l-ksur. Jiġi interrott b'kull att tal-investigazzjoni jew tal-prosekuzzjoni tal-ksur. Il-preskrizzjoni tiġi akkwistata l-iktar tard mal-iskadenza ta' terminu li huwa d-doppju tat-terminu oriġinali jekk matul dak il-perijodu l-Kummissjoni timponi multa jew penali. Il-preskrizzjoni tal-prosekuzzjoni hija madankollu sospiża sakemm id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun suġġett ta' proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni. Ara, għal iktar dettalji, l-Artikoli 1 u 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2988/74, tas-26 ta' Novembru 1974, li jikkonċerna l-perijodi ta' limitazzjoni [preskrizzjoni] fil-proċedimenti u l-infurzar tas-sanzjonijiet taħt ir-regoli tal-Komunità Ekonomika Ewropea dwar it-trasport u l-kompetizzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 61), u għall-futur l-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003. L-Avukat Ġenerali Bot indirizza diversi kwistjonijiet marbuta mal-preskrizzjoni u s-sospensjoni possibbli tagħha fil-proċeduri quddiem il-Qorti fil-konklużjonijiet tiegħu fil-Kawżi ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 278, b'mod partikolari l-punti 66 sa 81 u 245 sa 251) u ThyssenKrupp Nirosta vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 278, b'mod partikolari l-punt 177 sa 212).

298 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi tat-8 ta' Diċembru 2005 fil-Kawżi FEG (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punt 111) u Technische Unie (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punt 103).

299 — Sentenza Baustahlgewebe (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punti 48 u 142).

il-partijiet dwar l-ammont tat-tnaqqis tal-multa, jekk dan ikun il-każ, li għandu jkun hemm f'dan il-każ partikolari. Filwaqt li Solvay tfittex li tikseb, fid-dawl tat-tul tal-proċedura, tnaqqis fil-multa b'tali mod li l-multa li tiġi imposta jkollha biss natura simbolika, il-Kummissjoni ssostni t-teżi dijametrikalment opposta: fl-opinjoni tagħha ma huwiex l-ammont tal-multa, iżda l-ammont tat-tnaqqis, li għandu jkollu natura simbolika.

351. Fil-kawża Baustahlgewebe, l-uniku eżempju disponibbli sal-lum, it-tnaqqis tal-multa ordnat mill-Qorti tal-Ġustizzja kien biss wieħed minimu: multa li l-Qorti Ġenerali kienet stabbilixxiet fl-ammont ta' ECU 3 miljuni kienet tnaqqset b'ECU 50 000 [300], li kien jirrappreżenta tnaqqis ta' appena 1.67 %.

352. Niddubita jekk tnaqqis daqstant limitat tal-multa jistax jiġi kkunsidrat bħala xieraq fid-dawl tar-rekwiżiti tal-KEDB. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 6(1) tal-KEDB, li għandu jiġi kkunsidrat ukoll fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 52(3) tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali, ir-rimedju li għandu jingħata għandu primarjament jiddependi fuq l-estent tal-eċċess tat-terminu raġonevoli [301].

353. F'dan il-każ, kemm il-fażijiet differenti tal-proċeduri amministrattivi u kontenzjużi, ikkunsidrati separatament, kif ukoll dawk l-imsemmija proċeduri, ikkunsidrati globalment, eċċedew kunsiderevolment it-terminu raġonevoli: inattività ta' iktar minn erba' snin u seba' xhur matul il-proċedura amministrattiva [302], proċedura kontenzjuża fl-ewwel istanza ta' tmien snin u disa' xhur [303], u tul globali tal-proċedura ta' tnejn u għoxrin sena sal-lum [304] tabilħaqq jeċċedu, fin-nuqqas ta' ċirkustanzi eċċezzjonali, żmien li jista' jitqies li huwa terminu raġonevoli.

354. F'dawn iċ-ċirkustanzi, tnaqqis relattivament żgħir fl-ammont tal-multa, bħal dak li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet wettqet fil-każ Baustahlgewebe u li l-Kummissjoni tidher li tipproponi f'dan il-każ, ma jistax jiġi kkunsidrat bħala xieraq.

300 — Sentenza Baustahlgewebe (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 216, punti 141 u 142).

301 — QEDB, sentenzi Dželili (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 232, § 103) et Ommer (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 231, § 50).

302 — Ara l-punti 306 sa 319 iktar 'il fuq u l-punt 338 ta' dawn il-konklużjonijiet.

303 — Ara l-punti 339 sa 343 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

304 — Ara l-punti 345 u 346 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

355. Il-ksur tad-dritt fundamentali implikat bit-tul eċċessiv tal-proċedura jeħtieġ rimedju effettiv. F'dan ir-rigward, wieħed irid jiżen, fuq naħa, il-gravità tal-ksur imwettaq mill-impriża kkonċernata, u fuq in-naħa l-oħra, il-gravità tal-ksur tad-dritt fundamentali implikat bit-tul eċċessiv tal-proċedura [305].

356. Fil-kawża inkwistjoni, hemm lok li jiġi deċiż li kien hemm ksur tad-dritt fundamentali għal deċiżjoni f'terminu raġonevoli. Dan jiġġustifika tnaqqis sostanzjali fl-ammont tal-multa. Fl-istess waqt, ma rridux ninsew li, skont il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-prattiki ta' Solvay kienu jikkostitwixxu ksur "serju ħafna" ta' waħda mid-dispożizzjonijiet fundamentali tas-suq intern (Artikolu 82 KE) [306]. Fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, tnaqqis ta' 50 % tal-ammont tal-multa jidhirli li jkun xieraq. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li dan l-ammont jiġi kkalkolat abbażi tal-ammont tal-multa stabbilit mill-Qorti Ġenerali.

357. Għalhekk, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tannullax is-sentenza appellata fl-intier tagħha u d-deċiżjoni kkontestata [307], jiena nipproponi li l-multa, li kienet ġiet stabbilita għal EUR 19-il miljun, titnaqqas b'minn tal-inqas b' 50 %.

## VI — Spejjeż

358. Skont l-Artikolu 122(1) tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

359. Skont l-Artikolu 69(2) moqri flimkien mal-Artikolu 118 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn jintalbu. Peress li Solvay talbet li l-Kummissjoni tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż kemm tal-proċeduri fl-ewwel istanza kif ukoll dawk tal-appell, u li l-Kummissjoni ma kellhiex raġun fil-motivi tagħha fiż-żewġ istanzi, hija għandha tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż tal-proċeduri fl-ewwel istanza u fl-appell.

305 — Ara, f'dan is-sens, QEDB, Sentenza Eckle (Artikolu 50) (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 233, § 24).

306 — Premessa 191 tad-deċiżjoni kkontestata. Il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-klassifikazzjoni "serja ħafna" tal-prattiki ta' Solvay u indikat li l-ebda argument imressaq minn Solvay ma kien jippermetti li jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni kienet wettqet evalwazzjoni żbaljata tal-gravità tal-ksur (punti 499 u 501 tas-sentenza appellata). Fl-appell tagħha, Solvay ma kkontestatx din il-parti tas-sentenza appellata.

307 — Rigward dan is-suġġett, ara iktar 'il fuq, b'mod partikolari, il-punti 294 u 322 ta' dawn il-konklużjonijiet.

## VII — Konklużjoni

360. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 2009 fil-Kawża T-57/01, Solvay vs Il-Kummissjoni hija annullata.

2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/6/KE, tat-13 ta' Diċembru 2000, hija annullata.

3) Il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.